IV

(Atti adottati qabel l-1 ta' Diċembru 2009 skont it-Trattat tal-KE, it-Trattat tal-UE u t-Trattat Euratom)

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-6 ta' Novembru 2008

dwar għajnuna mill-istat C 19/05 (ex N 203/05) mogħtija mill-Polonja lil Stocznia Szczecińska

(notifikata bid-dokument numru C(2008) 6770)

(It-test Pollakk biss huwa awtentiku)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2010/3/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 88(2) tiegħu,

Wara li kkunsidrat il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 62(1)(a) tiegħu,

Wara li stiednet lill-partijiet interessati biex jissottomettu l-kummenti tagħhom [1] skont id-dispożizzjonijiet fuq imsemmija,

Billi:

1. PROĊEDURA

(1) Skont id-dispożizzjonijiet tal-Anness IV, punt 3 tat-Trattat ta' Adeżjoni li jirregola l-proċedura tal-mekkaniżmu interim, il-Polonja, permezz ta' ittra tas-27 ta' April 2004, reġistrata fit-28 ta' April 2004, innotifikat miżuri ta' ristrutturar favur Stocznia Szczecińska Nowa Sp. z o.o. (New Szczecin Shipyard Ltd, minn issa 'l quddiem imsejjaħ "SSN"). Il-każ kien reġistrat taħt in-numru PL 31/2004.

(2) Permezz ta' ittra tad-19 ta' Mejju 2004 il-Kummissjoni talbet lill-Polonja biex tissottometti ċertu dokumenti nieqsa. Dawn kienu provduti fis-16 ta' Ġunju 2004. Il-Kummissjoni talbet informazzjoni ulterjuri permezz ta' ittri tat-12 ta' Awwissu 2004, it-18 ta' Novembru 2004 u l-4 ta' Marzu 2005, li l-Polonja rrispondiet għalihom permezz ta' ittri tal-24 September 2004, reġistrata dakinhar, tat-28 ta' Jannar 2005, reġistrata fit-2 ta' Frar 2005, tat-30 ta' Marzu 2005, reġistrata fl-1 ta' April 2005 u tat-18 ta' April 2005, reġistrata fl-20 ta' April 2005 rispettivament. Laqgħat mal-awtoritajiet Pollakki seħħew fid-dati li ġejjin: 9 ta' Novembru 2004, 17 ta' Novembru 2004 u 3 ta' Marzu 2005.

(3) Permezz ta' ittra tat-22 ta' April 2005, reġistrata dakinhar, il-Polonja aċċettat li l-Kummissjoni tittratta wkoll in-notifika tal-każ PL 31/2004 tas-27 ta' April 2004 bħala notifika skont l-Artikolu 88(2) tat-Trattat KE rigward il-miżuri li nstabu li jikkostitwixxu għajnuna ġdida. Il-każ kien allokat in-numru ġdid N 203/2005.

(4) Fl-1 ta' Ġunju 2005 il-Kummissjoni adottat id-deċiżjoni li tibda l-proċedura stabbilita fl-Artikolu 88(2) tat-Trattat KE rigward l-għajnuna ta' ristrutturar għal SSN notifikata mill-awtoritajiet Pollakki. Il-Kummissjoni ppubblikat din id-deċiżjoni fil-Ġurnal Uffiċjali [2] u stiednet lill-Polonja u l-partijiet interessati biex jissottomettu kummenti.

(5) Permezz ta' ittra tal-24 ta' Ġunju 2005 l-awtoritajiet Pollakki indikaw li d-deċiżjoni kien fiha informazzjoni kunfidenzjali u talbu li dik l-informazzjoni tkun imħassra mill-verżjoni pubblika tad-deċiżjoni. Il-Kummissjoni rrispondiet permezz ta' ittra tal-15 ta' Lulju 2005. Il-Polonja talbet estensjoni tal-iskadenza għas-sottomissjoni ta' kummenti dwar id-deċiżjoni li tinbeda l-proċedura permezz ta' ittri tat-30 ta' Ġunju 2005, reġistrata fl-1 ta' Lulju 2005, tas-26 ta' Lulju, reġistrata fis-27 ta' Lulju 2005, u tat-30 ta' Awwissu 2005, reġistrata fl-1 ta' Settembru 2005. Il-Kummissjoni rrispondiet

[1] ĠU C 23, 1.2.2007, p. 20.

[2] ĠU C 222, 2.9.2005, p. 7.

permezz ta' ittri tat-12 ta' Lulju, t-2 ta' Awwissu u d-9 ta' Settembru 2005 rispettivament. Permezz ta' ittra tal-4 ta' Ottubru 2005, reġistrata fis-7 ta' Ottubru 2005, l-awtoritajiet Pollakki ssottomettew il-kummenti tagħhom dwar id-deċiżjoni li tinbeda proċedura ta' investigazzjoni formali. F'din l-ittra l-Polonja ssottomettiet ukoll pjan ta' ristrutturar għall-2002-2004, datat Diċembru 2002 u modifikat f'Ottubru 2003 (minn issa 'l quddiem imsejjaħ "pjan ta' ristrutturar tal-2003"). Permezz ta' ittra tal-10 ta' Ottubru 2005, reġistrata fl-istess ġurnata, rappreżentant legali tal-SSN ddikjara li l-pożizzjoni u l-kummenti tiegħu kienu inkorporati fis-sottomissjoni tal-awtoritajiet Pollakki.

(6) Kienu sottomessi kummenti mill-partijiet terzi li ġejjin: Związek Pracodawców Forum Okrętowe (Assoċjazzjoni tal-Industriji Marittimi Pollakki) f'ittra tas-6 ta' Ottubru 2005, reġistrata dakinhar, Towimor S.A. f'ittra tas-6 ta' Ottubru 2005, reġistrata dakinhar, H. Cegielski – Poznań S.A. f'ittra tas-6 ta' Ottubru 2005, reġistrata dakinhar, Spliethoff's Bevrachtingskantoor B.V. f'ittra tas-6 ta' Ottubru 2005, reġistrata dakinhar, Peter Dohle Shiffahrts-KG f'ittra tal-5 ta' Ottubru 2005, reġistrata fis-6 ta' Ottubru 2005, Odjefjell ASA, f'ittra tas-6 ta' Ottubru 2005, reġistrata fil-11 ta' Ottubru 2005, it-trejd unions tal-SSN ("Solidarność", "Solidarność 80" u "Stoczniowiec") f'ittra tas-7 ta' Ottubru 2005, reġistrata fl-10 ta' Ottubru 2005, is-Sindku ta' Szczecin f'ittra tal-5 ta' Ottubru, reġistrata fil-11 ta' Ottubru 2005, Lubmor Sp. z o.o. f'ittra tas-6 ta' Ottubru 2005, reġistrata fil-11 ta' Ottubru 2005, u Business Club Szczecin f'ittra tat-12 ta' Ottubru 2005, reġistrata dakinhar. Il-Kummissjoni baġħtet dawn il-kummenti lill-Polonja permezz ta' ittra tas-27 ta' Ottubru 2005. L-awtoritajiet Pollakki rrispondew permezz ta' ittra tal-21 ta' Novembru 2005.

(7) Il-Kummissjoni talbet l-assistenza ta' konsulent estern għall-evalwazzjoni tal-pjan ta' ristrutturar tal-2003. Il-konsulent issottometta r-rapport tiegħu lill-Kummissjoni f'Marzu 2006.

(8) Permezz ta' ittra tat-13 ta' Jannar 2006 il-Kummissjoni talbet lill-awtoritajiet Pollakki biex jipprovdu iktar informazzjoni dwar il-proċess ta' ristrutturar tal-SSN. Il-Polonja rrispondiet permezz ta' ittra tal-20 ta' Frar 2006, reġistrata fl-istess ġurnata. Fit-22 ta' Frar 2006, seħħet laqgħa bejn l-awtoritajiet Pollakki, rappreżentanti tat-tarzna u l-persunal tal-Kummissjoni. Wara l-laqgħa, l-Kummissjoni talbet lill-Polonja għal informazzjoni addizzjonali permezz ta' ittri tat-8 ta' Marzu 2006, tat-30 ta' Marza 2006, tat-12 ta' April 2006 u tat-28 ta'April 2006. L-awtoritajiet Pollakki rrispondew permezz ta' ittri tat-13 ta' Marzu 2006, reġistrata fl-istess ġurnata, tat-29 ta' Marzu 2006, reġistrata fit-30 ta' Marzu 2006, tas-6 ta' April 2006, reġistrata fl-10 ta' April 2006, tad-19 ta' April 2006, reġistrata fl-20 ta' April 2006, u tas-26 ta' Mejju 2006, reġistrata fit-30 ta' Mejju 2006. Permezz ta' ittra tat-23 ta' Ġunju 2006, reġistrata fis-26 ta' Ġunju 2006, il-konsulent tat-tarzna ssottometta abbozz tal-pjan ta' ristrutturar msemmi "Pjan ta' żvilupp għal Stocznia Szczecinska Nowa Sp. z o.o. għall-2006-2011" lill-Kummissjoni għal finijiet ta' konsultazzjoni.

(9) Fit-12 ta' Lulju 2006 seħħet laqgħa bejn l-awtoritajiet Pollakki, ir-rappreżentanti tat-tarzna u l-persunal tal-Kummissjoni. L-awtoritajiet Pollakki ssottomettew informazzjoni rigward il-proċess ta' ristrutturar SSN permezz ta' ittra tat-13 ta' Lulju 2006, reġistrata fis-17 ta' Lulju 2006. Permezz ta' ittra tas-17 ta' Lulju 2006 il-Kummissjoni talbet lill-awtoritajiet Pollakki biex jissottomettu informazzjoni addizzjonali. L-awtoritajiet Pollakki rrispondew permezz ta' ittra tal-1 ta' Settembru 2006, reġistrata fl-istess ġurnata. Fl-4 ta' Settembru 2006 il-Polonja ssottomettiet pjan ta' risturtturazzjoni modifikat għall-SSN intitolat "Pjan ta' Żvilupp għal Stocznia Szczecinska Nowa Sp. z o.o. għall-2006-2011" (minn issa 'l quddiem "pjan ta' ristrutturar 2006").

(10) F'ittri tas-26 ta' Settembru 2006, reġistrati fis-27 ta' Settembru 2006, u l-21 ta' Novembru 2006, reġistrati fis-27 ta' Novembru 2006, l-awtoritajiet Pollakki ssottomettew informazzjoni addizzjonali li tikkonċerna l-każ.

(11) Fis-7 ta' Diċembru 2006 seħħet laqgħa bejn il-Membru tal-Kummissjoni Neelie Kroes u l-Ministru Pollakk għall-Ekonomija Piotr Wozniak. Is-Sur Wozniak iddikjara li l-Polonja kienet determinata li tnedi mill-ġdid il-proċess ta' privatizzazzjoni għall-SSN permezz ta' proċedura miftuħa u trasparenti, li kellha tkun finalizzata sa' Ġunju 2007. Il-Polonja kkonfermat din id-dikjarazzjoni permezz ta' ittra tas-27 ta' Diċembru 2006, reġistrata fl-4 ta' Jannar 2007, li tirreferi għad-deċiżjoni tal-Kunsill tal-Ministri Pollakk tad-19 ta' Diċembru 2006, li adottat dokument imsemmi "Informazzjoni dwar l-istat tal-industrija tat-tarzna". Il-Polonja saqsiet lill-Kummissjoni biex tidħol f'diskussjonijiet dwar il-kwistjoni ta' miżuri kumpensatorji. Il-persunal tal-Kummissjoni, flimkien mal-konsulent estern, għamel żjara lit-tarzna fit-18 ta' Diċembru 2006 sabiex jistabbilixxi l-fatti u jikseb id-data meħtieġa sabiex jevalwa l-miżuri kumpensatorji. Il-konsulemt estern issottometta r-rapport tiegħu li jevalwa l-kapaċità kurrenti tat-tarzna fis-16 ta' Jannar 2007.

(12) Il-Kummissjoni rrispondiet għal ittra tas-27 ta' Diċembru 2006 permezz ta' ittra tad-29 ta' Jannar 2007, li fiha, fost affarijiet oħra, talbet lill-Polonja biex tissottometti proposta għal miżuri kumpensatorji għall-SSN sat-tmiem ta' Frar 2007.

(13) Permezz ta' ittra tat-28 ta' Frar 2007, reġistrata fl-istess ġurnata, il-Polonja ssottomettiet xi spjegazzjonijiet li jikkonċernaw il-privatizzazzjoni tal-SSN u proposta għall-miżuri kumpensatorji. L-awtoritajiet Pollakki pproponew li jagħlqu wieħed mit-tliet skali tat-tarzna minn Marzu 2010.

(14) Fuq din il-bażi, laqgħa teknika seħħet fil-15 ta' Marzu 2007 bejn il-persunal tal-Kummissjoni, l-awtoritajiet Pollakki u r-rappreżentanti tat-tarzna, prinċiplament rigward miżuri kumpensatorji iżda wkoll biex jiddiskutu l-proċess ta' privatizzazzjoni kontinwu. Il-Kummissjoni u l-awtoritajiet Pollakki qablu li l-Kummissjoni għandha tiddiskuti l-kwistjonijiet tekniċi direttament mal-SSN sabiex tiġbor id-data li jkollha bżonn għall-evalwazzjoni tagħha tal-proposta tal-Polonja għal miżuri kumpensatorji.

(15) Wara l-laqgħa, il-Kummissjoni talbet ammont ta' dejta mill-SSN permezz tal-ittri tad-29 ta' Marzu 2007, tas-27 ta' April 2007 u tat-30 ta' Mejju 2007. It-tarzna rrispondiet permezz ta' ittri tat-18 ta' April 2007, reġistrata fis-27 ta' April 2007, tat-8 ta' Mejju 2007, reġistrata fl-10 ta' Mejju 2007, u tal-4 ta' Ġunju 2007, reġistrata fil-5 ta' Ġunju 2006. Fit-8 ta' Ġunju kienet imwettqa laqgħa bejn il-persunal tal-Kummissjoni, l-awtoritajiet Pollakki u r-rappreżentanti tat-tarzna. SSN ipprovdiet informazzjoni addizzjonali permezz ta' ittra tal-15 ta' Ġunju 2007, reġistrata fl-istess ġurnata.

(16) Permezz ta' ittra tal-31 ta' Lulju 2007 il-Kummissjoni infurmat lill-Polonja li kkunsidrat provviżorjament li l-għeluq tal-iskala Wulkan 1 tkun miżura kumpensatorja suffiċjenti taħt ċertu kundizzjonijiet. Fir-risposta tagħhom tal-24 ta' Awwissu 2007, reġistrata fit-28 ta' Awwissu 2007, l-awtoritajiet Pollakki kkonfermaw l-intenzjoni tagħhom li jimplimentaw it-tnaqqis tal-kapaċità speċifikat fl-ittra tal-Kummissjoni.

(17) L-awtoritajiet Pollakki pprovdew informazzjoni rigward il-privatizzazzjoni u r-ristrutturar tal-SSN f'ittri tal-5 ta' Jannar 2007, reġistrata fl-istess ġurnata, u tad-9 ta' Jannar 2007, reġistrata fil-11 ta' Jannar 2007. Il-Kummissjoni rrispondiet permezz ta' ittra tad-29 ta' Jannar 2007. F'ittra tat-28 ta' Frar 2007, reġistrata fl-istess ġurnata, l-awtoritajiet Pollakki impenjaw ruħhom li jagħżlu investitur għat-tarzna u jiffirmaw ftehim ta' privatizzazzjoni sal-aħħar ta' Ġunju 2007.

(18) Il-Kummissjoni talbet iktar kjarifiki rigward il-privatizzazzjoni tal-SSN permezz ta' ittri tad-29 ta' Mejju 2007, tat-28 ta' Ġunju 2007 u tat-30 ta' Lulju 2007. Il-Polonja pprovdiet informazzjoni f'dan ir-rigward permezz ta' ittra tal-1 ta' Ġunju 2007, reġistrata fl-4 ta' Ġunju 2007, li inkludiet lista ta' intrapriżi li intbagħtilhom invit biex jissottomettu offerti għax-xiri ta' SSN. Kienet sottomessa informazzjoni ulterjuri permezz ta' ittri tal-25 ta' Ġunju 2007, reġistrata fl-istess ġurnata, u tal-11 ta' Lulju 2007, reġistrata fl-istess ġurnata.

(19) Permezz ta' ittra tal-1 ta' Awwissu 2007, reġistrata fis-6 ta' Awwissu 2007, l-awtoritajiet Pollakki ssottomettew l-ewwel abbozz tal-Memorandum ta' Informazzjoni tal-SSN. Permezz ta' ittra tat-13 ta' Awwissu 2007 il-Kummissjoni bagħtet il-kummenti tagħha dwar il-Memorandu ta' Informazzjoni. Permezz tal- ittra tal-21 ta' Awwissu 2007, reġistrata fis-27 ta' Awwissu 2007, l-awtoritajiet Pollakki infurmaw lill-Kummissjoni li s-sitwazzjoni finanzjarja tat-tarzna kienet iddeterjorat ħafna u li l-proprjetarji pubbliċi tat-tarzna għalhekk ippjanaw li jappoġġjawha b'injezzjonijiet ta' kapital. Il-Polonja annunċjat ukoll li l-Memorandum ta' Informazzjoni għandu jkun aġġornat skont dan.

(20) Il-Kummissjoni talbet kjarifiki permezz ta' ittra tal-4 ta' Settembru 2007. L-awtoritajiet Pollakki rrispondew permezz ta' ittri tas-7 ta' Settembru 2007, reġistrata fl-10 ta' Settembru 2007, u fil-11 ta' Settembru 2007, li fihom il-Polonja ssottomettiet il-verżjoni l-ġdida tal-Memorandum ta' Informazzjoni u infurmat lill-Kummissjoni li inviti biex jissottomettu offerti kienu mibgħuta lil 221 investituri potenzjali.

(21) Il-Kummissjoni talbet informazzjoni addizzjonali permezz tal-ittra tat-12 ta' Settembru 2007. Il-Kummissjoni tat il-kummenti tagħha dwar il-Memorandum ta' Informazzjoni u talbet kjarifiki permezz ta' ittri tal-14 ta' Settembru 2007 u tat-3 ta' Ottubru 2007. L-awtoritajiet Pollakki rrispondew permezz ta' ittra tat-12 ta' Ottubru 2007, reġistrata fis-16 ta' Ottubru 2007, li tiddikjara li sitt investituri potenzjali kienu talbu kopja tal-Memorandum ta' Informazzjoni tat-tarzna. Permezz ta' ittra tat-23 ta' Ottubru 2007, reġistrata fl-istess ġurnata, l-awtoritajiet Pollakki ssottomettew skeda ta' privatizzazzjoni aġġornata, li assumiet li n-negozjati ma' investituri potenzjali għandhom jibdew f'Jannar 2008.

(22) Permezz ta' ittra tat-30 ta' Novembru 2007 il-Kummissjoni talbet li abbozz tal-pjan ta' ristrutturar mfassal mill-proprjetarju l-ġdid tat-tarzna għandu jkun sottomess sal-aħħar ta' Frar 2008. Il-Polonja ipprovdiet informazzjoni ulterjuri dwar il-proċess ta' privatizzazzjoni permezz ta' ittri tal-11 ta' Diċembru 2007, reġistrata fit-13 ta' Diċembru 2007, u tad-19 ta' Diċembru 2007, reġistrata fl-20 ta' Diċembru 2007. Permezz ta' ittra tal-21 ta' Diċembru 2007, reġistrata fl-istess ġurnata, l-Polonja infurmat lill-Kummissjoni li fl-20 ta' Diċembru 2007 Amber Sp. z o.o. (minn hawn 'il quddiem imsejħa "Amber", li hi sussidjarja għal kollox proprjetà ta' negozjant Pollakk tal-azzar, Złomrex) kienet l-unika waħda li għamlet l-ogħla offerta ssottemettiet offerta vinkolanti sabiex tixtri l-ishma fl-SSN.

(23) Fl-10 ta' Jannar 2008 seħħet laqgħa bejn l-awtoritajiet Pollakki u l-Kummissjoni. Wara l-laqgħa, l-Kummissjoni talbet lill-awtoritajiet Pollakki biex jissottomettu informazzjoni addizzjonali rigward il-proċess ta' privatizzazzjoni permezz ta' ittri tas-17 ta' Jannar 2008, tat-30 ta' Jannar 2008, tat-28 ta' Frar 2008, tat-18 ta' Marzu 2008 u tat-2 ta' April 2008. L-awtoritajiet Pollakki rrispondew għat-talbiet tal-Kummissjoni permezz ta' ittri tat-23 ta' Jannar 2008, reġistrata fl-24 ta' Jannar 2008, tal-25 ta' Jannar 2008, reġistrata fit-28 ta' Jannar 2008, u tat-30 ta' Jannar 2008, reġistrata fil-31 ta' Jannar 2008. Permezz ta' ittra tat-8 ta' Frar 2008, reġistrata fl-istess ġurnata, il-Polonja ssottomettiet kopja tal-offerta vinkolanti ta' Amber.

(24) Permezz ta' ittra tal-14 ta' Frar 2008, reġistrata fid-19 ta' Frar 2008, il-Polonja infurmat lill-Kummissjoni li kien ikun impossibbli li tkun kompluta l-privatizzazzjoni tat-tarzna sal-iskadenza tal-aħħar ta' Frar 2008 u li l-awtoritajiet Pollakki impenjaw ruħhom li jlestu l-proċess ta' privatizzazzjoni u jiftiehmu dwar il-pjan tar-ristrutturar sas-sajf tal-2008.

(25) Permezz ta' ittra tad-29 ta' Frar 2008, reġistrata fit-3 ta' Marzu 2008, l-awtoritajiet Pollakki ssottomettew żewġ dokumenti minn Amber: "Spjegazzjonijiet addizzjonali, il-punti prinċipali tal-programm ta' ristrutturar u impenji dikjarati rigward ix-xiri ta' SSN sottomessi minn Amber" tad-29 ta' Frar 2008 u "L-ewwel verżjoni tal-pjan ta' ristrutturar għal SSN bi pjan ta' negozju għal SSN għall-2008-2012, skont l-informazzjoni miksuba matul il-proċess ta' diliġenza dovuta mwettaq fit-tarzna".

(26) Permezz ta' ittra tat-28 ta' Marzu 2008, reġistrata fl-istess ġurnata, l-awtoritajiet Pollakki ddikjaraw li l-perjodu ta' esklussività mogħti lil Amber għal negozjati kienu estiżi għall-15 ta' April 2008. Wara invit mill-awtoritajiet Pollakki f'ittra tal-4 ta' April 2008, reġistrata fis-7 ta' April 2008, laqgħa seħħet mingħajr dewmien fl-10 ta' April 2008 bejn l-awtoritajiet Pollakki, ir-rappreżentanti ta' SSN, il-persunal ta' Amber u tal-Kummissjoni.

(27) Permezz ta' e-mail tad-9 April 2008, reġistrata fl-24 ta' April 2008, il-konsulent ta' Amber ssottomessa projezzjonijiet finanzjarji preliminari għat-tarzna. Amber ssottomettiet informazzjoni wkoll fil-laqgħa tal-10 ta' April 2008, u dik l-informazzjoni kienet reġistrata fit-18 ta' April 2008.

(28) Il-Polonja ssottomettiet informazzjoni dwar il-progress tan-negozjati ma' Amber permezz ta' ittri tas-7 ta' April 2008, reġistrata fit-18 ta' April 2008, tat-23 ta' April 2008, reġistrata fl-istess ġurnata, tal-25 ta' April 2008, reġistrata fl-istess ġurnata, tat-28 ta' April 2008, reġistrata fid-29 ta' April 2008 u tad-29 ta' April 2008, reġistrata fil-5 ta' Mejju 2008. Il-Kummissjoni talbet informazzjoni permezz ta' ittra tat-30 ta' April 2008. Fit-8 ta' Mejju 2008 seħħet laqgħa bejn l-awtoritajiet Pollakki u l-Kummissjoni.

(29) Il-Kummissjoni baħtet kummenti dwar il-progress tal-proċess ta' privatizzazzjoni permezz ta' ittri tal-21 ta' April 2008 u tat-30 ta' April 2008.

(30) Fl-aħħarnett, permezz ta' ittra tat-12 ta' Mejju 2008, reġistrata fl-istess ġurnata, il-Polonja infurmat lill-Kummissjoni li Amber kienet irtirat mill-proċess ta' privatizzazzjoni.

(31) Il-Polonja infurmat lill-Kummissjoni wkoll li l-awtoritajiet PollakkI kienu qed jieħdu azzjoni biex jnedu mill-ġdid il-proċess ta' privatizzazzjoni sabiex jiffirmaw ftehim ta' privatizzazzjoni sal-aħħar ta' Novembru 2008. Mit-3 ta' Ġunju 2008 'il quddiem, il-Polonja ssottomettiet rapporti ta' kuljum lill-Kummissjoni dwar l-azzjonijiet meħuda mill-partijiet interessati fil-proċess ta' privatizzazzjoni mnedi mill-ġdid. Il-Kummissjoni ltaqgħat mal-awtoritajiet Pollakki fit-13 ta' Ġunju 2008.

(32) Fl-20 ta' Ġunju 2008, fuq talba tal-awtoritajiet Pollakki, il-persunal tal-kummissjoni laqqa' l-awtoritajiet Pollakki mal-kumpanij Norveġiża Ulstein u fl-24 ta' Ġunju 2008 laqqa' lill-awtoritajiet Pollakki mal-kumpanija Pollakka Mostostal Chojnice. Dawn il-kumpaniji kienu introdotti mal-Kummissjoni bħala xerrejja potenzjali ta' SSN. Permezz ta' ittra tas-26 ta' Ġunju 2008, reġistrata fl-istess ġurnata, il-Polonja ssottomettiet abbozz ta' pjan ta' ristrutturar għal SSN imfassal minn Mostostal Chojnice. Informazzjoni addizzjonali kienet sottomessa permezz ta' ittra tas-7 ta' Lulju 2008, reġistrata fit-8 ta' Lulju 2008.

(33) Permezz ta' ittra tal-14 ta' Lulju 2008 il-Polonja impenjat ruħha li tippreżenta pjan ta' ristrutturar komplut lill-Kummissjoni sat-12 ta' Settembru 2008.

(34) Fis-16 ta' Lulju 2008 il-Kummissjoni stabbiliet provviżorjament evalwazzjoni u konklużjonijiet f'abbozz ta' deċiżjoni sabiex tikkonkludi il-proċedura ta' investigazzjoni formali, li sabet li l-għajnuna mill-istat mogħtija minn SSN ma kinitx kumpatibbli mas-suq komuni u kellha tkun irkuprata. Madankollu, fid-dawl ta' ittra mill-Polonja tal-14 ta' Lulju 2008 il-Kummissjoni ddeċidiet tippostponi l-adozzjoni ta' din id-deċiżjoni sabiex tkun tista' tevalwa jekk il-pjan ta' ristrutturar l-ġdid li għandu jkun sottomess mill-awtoritajiet Pollakki sat-12 ta' Settembru 2008 għandu jtejjeb is-sitwazzjoni b'mod sinifikanti u jagħmel possibbli l-kunsiderazzjoni li l-għajnuna hija kumpatibbli mas-suq komuni.

(35) Minn hemm 'il quddiem il-Polonja infurmat lill-Kummissjoni kull ġimgħa dwar il-progress tal-proċedura ta' privatizzazzjoni (ittri tat-28 ta' Lulju, tal-4 ta' Awwissu, tat-12 ta' Awwissu, tal-21 ta' Awwissu, tal-25 ta' Awwissu, tal-1 ta' Settembru, tat-8 ta' Settmbru, tas-16 ta' Settembru u tat-23 ta' Settembru 2008, reġistrati fl-istess ġranet).

(36) Permezz ta' ittra tat-18 ta' Lulju 2008, reġistrata fil-21 ta' Lulju 2008, il-Polonja talbet konsultazzjonijiet mal-persunal tal-Kummissjoni dwar l-abbozz tal-pjan ta' ristrutturar sabiex tkun tista' tfassal verżjoni finali tal-pjan li kkunsidra l-kummenti tal-persunal tal-Kummissjoni. Il-Kummissjoni qablet mal-iskeda ta' konsultazzjoni permezz ta' ittra tal-31 ta' Lulju 2008.

(37) Madankollu, kien biss fit-3 ta' Settembru 2008 li l-Kummissjoni informalment irċeviet abbozz tal-pjan ta' ristrutturar għal SSN. Wara din is-sottomissjoni, fl-4 ta' Settembru 2008 l-ewwel laqgħa seħħet bejn l-awtoritajiet Pollakki u l-persunal tal-Kummissjoni fil-preżenza ta' Mostostal. Fit-8 ta' Settembru l-Kummissjoni rċiviet abbozz rivedut tal-pjan ta' ristrutturar u fl-10 ta' Settembru 2008 laqgħa oħra kienet organizzata mal-awtoritajiet Pollakki, Mostostal u l-ko-investitriċi potenzjali Ulstein.

(38) Permezz ta' ittra tat-12 ta' Settembru 2008, reġistrata fl-istess ġurnata, il-Polonja ssottomettiet il-pjan ta' ristrutturar finali għal SSN imfassal minn Mostostal b'kooperazzjoni mat-tarzna Norveġiża Ulstein.

(39) Permezz ta' ittra tas-16 ta' Settembru 2008, reġistrata fis-17 ta' Settembru 2008, il-Polonja ssottomettiet abbozz tal-ftehim ta' privatizzazzjoni bejn Mostostal u l-proprjetarji pubbliċi ta' SSN, jiġifieri l-Aġenzija ta' Żvilupp Industrijali u l-Kooperazzjoni tat-Tarzni Pollakki.

(40) Permezz ta' ittra tat-22 ta' Settembru 2008, reġistrata fl-istess ġurnata, Ulstein infurmata lill-Kummissjoni li kienet se tirtira mill-proċess ta' privatizzazzjoni u mhux se tipparteċipa fir-ristrutturar ta' SSN.

(41) Permezz ta' ittra tat-22 ta' Settembru 2008, reġistrata fil-25 ta' Settembru 2008, Mostostal infurmat lill-Kummissjoni li b'kunsiderazzjoni tad-deċiżjoni ta' Ulstein Mostostal tkun ippreparata li timplimenta l-pjan komplut ta' ristrutturar għal SSN waħedha. Fit-30 ta' Settembru 2008 seħħet laqgħa bejn l-awtoritajiet Pollakki, il-Kummissjoni u Mostostal.

(42) Permezz ta' ittra tas-27 ta' Ottubru 2008 il-Kummissjoni qalet lil Polonja l-kundizzjonijiet ta' qafas għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni. Permezz ta' ittra tat-3 ta' Novembru 2008, reġistrata fl-4 ta' Novembru 2008, il-Polonja impenjat ruħha li tirrispetta dawn il-kundizzjonijiet totalment. Il-Kummissjoni aċċettat dan l-impenn permezz ta' ittra tas-6 ta' Novembru 2008.

(43) Permezz ta' ittra tal-14 ta' Ġunju 2007 il-Kummissjoni saqsiet lill-awtoritajiet Pollakki biex jipprovdu informazzjoni rigward l-għajnuna mill-istat irċevuta minn SSN wara l-bidu tal-proċedura ta' investigazzjoni formali. L-awtoritajiet Pollakki rrispondew permezz ta' ittra tal-11 ta' Lulju 2007, reġistrata fl-istess ġurnata. Il-Kummissjoni talbet spjegazzjonijiet ulterjuri permezz ta' ittra tat-13 ta' Novembru 2007. Il-Polonja rrispondiet permezz ta' ittra tad-9 ta' Jannar 2008, reġistrata fl-istess ġurnata. Il-Polonja ssottomettiet informazzjoni addizzjonali rigward l-għajnuna mill-istat mogħtija lit-tarzna permezz ta' ittra tad-9 ta' Jannar 2008, reġistrata fl-10 ta' Jannar 2008. Il-Polonja infurmat lill-Kummissjoni dwar il-miżuri addizzjonali mogħtija lil SSN permezz ta' ittri tas-6 ta' Diċembru 2007, reġistrata fl-istess ġurnata, tad-9 ta' Jannar 2008, reġistrata fl-10 ta' Jannar 2008, tat-12 ta' Frar 2008, reġistrata fit-13 ta' Frar 2008, tas-26 ta' Ġunju 2008, reġistrata fis-27 ta' Ġunju 2008 u tat-12 ta' Settembru 2008, reġistrata fl-istess ġurnata.

2. **DESKRIZZJONI**

2.1 *IMPRIŻA RELEVANTI*

(44) Il-benefiċjarju huwa sitwat fir-reġjun ta' Zachodniopomorskie (Pomerania tal-Punent), fil-Polonja tal-Majjistral. Il-Kummissjoni tinnota li, skont ir-regoli tal-għajnuna mill-istat, kumpaniji allokati f'dan ir-reġjun huma eliġibbli li jirċievi għajnuna mill-Fondi Strutturali skont l-għan ta' Konverġenza ([1]) u mill-fond ta' Koeżjoni ([2]). B'mod partikolari, kumpaniji f'dan ir-reġjun huma potenzjalment eliġibbli li jirċievu għajnuna mill-Programm Reġjonali Operazzjonali għar-reġjun ta' Zachodniopomorskie taħt l-assi prijoritarji għall-appoġġ għal intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, innovazzjoni u miżuri ta' trasferiment ta' teknoloġija (li jimmiraw għall-ħolqien ta' impjiegi fit-tul) u għall-infrastruttura soċjali u l-infrastruttura edukazzjonali, li jiffukaw fuq taħtiġ vokazzjonali u għal matul il-ħajja. Il-kumpaniji f'dan ir-reġjun huma eliġibbli wkoll għall-Programm Operazzjonali tal-Ekonomika Innovattiva.

(45) SSN kienet maħluqa fil-25 ta'Ġunju 2002 sabiex twettaq l-attivitajiet tal-bini ta' bastimenti ta' Stocznia Szczecińska Porta Holding S.A. (minn issa 'l quddiem imsejħa "SSPH") u s-sussidjarja ewlenija tagħha għall-bini tal-bastimenti Stocznia Szczecińska (minn issa 'l quddiem imsejħa "SS"), li kienu ddikjarati falluti fid-29 ta' Lulju 2002. SSN kienet stabbilita bħala qoxra vojta, ħielsa mid-djun ta' SSPH u SS relatati mal-attività preċedenti tagħhom.

(46) It-tarzna l-ġdida kienet mixtrija minn Agencja Rozwoju Przemysłu S.A. (Aġenzija Industrijali għall-Iżvilupp S.A., minn issa 'l quddiem imsejħa "ARP") proprjetà tal-Istat u t-Teżor tal-Istat sabiex tkun kompluta l-produzzjoni kurrenti u jitkomplew l-attivitajiet tal-bini tal-bastimenti filwaqt li tkun imwettqa r-ristrutturar neċessarja. Formalment, il-kumpanija li xtrat l-attività tal-bini ta' bastimenti preċedenti kienet sussidjarja ta' SSPH maħluqa fl-1989, Allround Ship Services Sp. z o.o. (minn issa 'l quddiem imsejħa "ASS"). Fil-fatt, fl-2001 SSPH proprjetà assoluta tal-Istat, li kienet qed taffaċċja sitwazzjoni diffiċli finanzjarja, ddeċidiet li tikkonċentra l-attività tal-bini tal-bastimenti f'ASS, li kienet ikkunsidrata li hija iktar miftuħa għar-ristrutturar minn SS. F'Jannar 2002 ASS, oriġinarjament sussidjarja attiva żgħira f'xogħlijiet ta' żebgħa, kkondkludiet ftehim qafas ma' SSPH għall-kostruzzjoni ta' bwieq u kriet assi tal-produzzjoni minn SSPH għal dan l-iskop. Ftit ġimgħat qabel ma SSPH ddikjarat li kienet falluta, hija biegħet ASS lil ARP għal PLN 1. ASS kienet imbagħad imsemmija mill-ġdid Stocznia Szczecinska Nowa (SSN – il-benefiċjarju tal-għajnuna).

(47) Dak iż-żmien SSN ma xtratx l-assi ta' SSPH u SS, iżda kriethom minnflok mingħajn ir-riċevitur fallut sa Lulju 2004. Fl-20 ta' Lulju 2004 SSN ffirmat ftehim mar-riċevituri ta' SSPH u SS taħt liema hija kisbet dawn l-assi. SSN ma xtratx d-djun ta' SSPH jew SS, u għalhekk dawk id-djun baqgħu għand dawk iż-żewġ kumpaniji u kienu trattati skont il-proċedura ta' falliment. SSN ħadet xi xogħlijiet kontinwi billi kkonkludiet kuntratti ġodda mal-proprjetarji tal-bastimenti.

(48) ASS assumiet l-impjegati ta' SSPH u SS, iżda t-tarzna gradwalment naqqset il-ħaddiema tagħha minn 8 071 fl-2001 sa 5 322 fit-tmiem tal-2006. Fl-2007 kien hemm medja ta' 4 700 impjegati.

([1]) L-Artikolu 5(1) u (3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 tal- 11 ta' Lulju 2006 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1260/1999 (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 25).

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/596/KE tal-4 ta' Awwissu 2006 li tfassal il-lista tal-Istati Membri eliġibbli għal finanzjament mill-Fond ta' Koeżjoni għall-perjodu 2007-2013 (ĠU L 243, 6.9.2006, p. 47).

(49) Il-volum ta' produzzjoni żied minn 158 000 CGT fl-2003 sa 213 000 CGT fl-2005 iżda fl-2006 naqas għal 167 000 CGT. Il-ktieb tal-ordnijiet f'Awwissu 2007 kien jinkludi 30 bastiment tal-valur totali ta' 1 134 miljun EUR. SSN hija kklassifikata fit-32 post fid-dinja u fis-6 post fl-Ewropa fit-termini tad-daqs tal-ktieb tal-ordnijiet tagħha.

(50) Il-klijenti ewlenin tagħha huma allokati fil-Ġermanja, fl-Olanda, fir-Russja u fl-Italja. Il-kompetituri ewlenin tagħha fl-Ewropa huma t-tarzni Spanjoli, Ġermaniżi u Kroati.

(51) Preżentament 80 % ta' SSN tappartjeni lil Korporacja Polskie Stocznie S.A. (Korporazzjoni tat-Tarzni Pollakki S.A., minn issa 'l quddiem imsejħa "KPS") u 18 % tappartjeni lil ARP. 2 % mill-ishma jappartjenu lit-Teżor tal-Istat. ARP hija kumpanija limitata stabbilita mil-liġi u li tappartjeni totalment lit-Teżor tal-Istat. ARP twettaq attivitajiet mogħtija lilha mil-liġi, inkluż il-parteċipazzjoni fi proċessi ta' ristrutturar tal-proprjetà f'intrapriżi li jappartjenu lill-istat, il-ġestjoni ta' assi tat-Teżor tal-Istat u ishma f'isem l-istituzzjonijiet tal-istat u l-provvediment ta' self u garanziji għar-ristrutturar ta' intrapriżi pubbliċi. KPS tappartjeni 100 % lil ARP u kienet maħluqa sabiex tipprovdi finanzjament għal kumpaniji ta' bini ta' bastimenti fil-Polonja.

(52) SSN hija attiva fil-produzzjoni ta' bastimenti, inkluż bastimenti tal-kontejners, tankers tal-kimika, bastimenti ta' ro-ro u bastimenti ta' diversi għanijiet. 1 % tan-negozju tal-kumpanija huwa fil-produzzjoni ta' strutturi tal-metall u diversi servizzi relatati mal-bini tal-bastimenti.

(53) Il-faċilitajiet ta' produzzjoni ewlenin tal-SSN huma tliet skali: Wulkan Nowy, Odra Nowa u Wulkan 1.

(54) Immedjatament wara l-holqien tagħha fl-2002, SSN bdiet twettaq attivitajiet ta' ristrutturar. Hija fasslet il-pjan ta' ristrutturar tal-2003, li l-ewwel kien approvat mill-azzjonisti tagħha fid-19 ta' Diċembru 2002 u wara modifikat f'Ottubru 2003. Il-fatturi li ġejjin kienu identifikati bħala r-raġunijiet ewlenin għall-falliment tal-bennej tal-bastimenti preċedenti f'Szczecin: problemi teknoloġiċi, żbalji fid-disinn, produttività baxxa, spejjeż għoljin u fatturi esterni bħar-rata ta' skambju għolja tal-zloty Pollakka u l-kompetizzjoni Asjatika. Minħabba dawn il-problemi sswieq finanzjarji ma xtaqux jiffinanzjaw il-bini tal-bastimenti, u dan wassal għal dewmien fil-konsenji u għalhekk f'akkumulazzjoni tal-penali u d-djun.

(55) L-għan tal-istrateġija ta' ristrutturar kien li tikseb profitabbiltà permanenti billi tiffoka fuq is-suq tal-bastimenti tal-kontejners u ssir produttur importanti tat-tankers tal-kimika, bastimenti ta' ro-ro u con-ro u bastimenti ta' diversi għanijiet. Il-pjan ta' ristrutturar kien jinkludi wkoll il-possibiltà li jinstab investitur strateġiku. Kien neċessarju li jinbidel il-pjan ta' ristrutturar oriġinali fl-2003 minħabba d-diffikultajiet finanzjarji tal-kumpaniji ta' kooperazzjoni, l-impjegati u l-attivitajiet assoċjati mill-qrib mal-SSN.

(56) Is-sitwazzjoni finanzjarja ta' SSN gradwament iddeterjorat b'mod sinifikanti.

Tabella 1

Il-produzzjoni ta' SSN

(PLN miljun)

	2002	2003	2004	2005	2006	30.9.2007
Bejgħ	424,88	1 114,44	1 303,46	1 416,04	1 199,38	655,87
Riżultat ta' operazzjoni	– 6,16	– 39,64	– 119,80	– 11,44	– 194,24	– 134,36
Ekwità	65,01	62,01	112,83	247,96	149,43	81,96

Sors: Memorandum ta' Informazzjoni 2006, sottomess mill-awtoritajiet Pollakki fit-12 ta' Ottubru 2007, u "Pjan ta' negozju għal SSN għall-2008-2012 għall-kunsiderazzjoni tal-informazzjoni miskuba matul il-proċess ta' diliġenza dovuta mwettqa fit-tarzna", sottomessi permezz ta' ittra tad-29 ta' Frar 2008.

(57) Il-fatturi esterni li jikkontribwixxu għas-sitwazzjoni finanzjarja diffiċli kienu jinkludu d-diprezzament tad-dollaru (il-munita tad-dħul tat-tarzna) u l-apprezzament tal-zloty (il-munita tal-ispejjeż), żieda fil-prezzijiet tal-azzar u diffikultà fil-kisba ta' finanzjament għall-bastiment wara l-falliment ta' SSPH. Fir-rigward ta' raġunijiet interni għad-diffikultajiet tat-tarzna, kien rikonoxxut li l-faċilitajiet kienu f'kundizzjoni fqira u kienu jeħtieġu aġġornament sinifikanti. Mill-2006 it-tarzna affaċċjat problemi serji ta' impjegati: rata għolja ta' assenzi, rotazzjoni tal-impjegati u ħruġ ta' ħaddiema kwalifikati lejn tarzni oħra, b'mod partikolari fil-Ġermanja u n-Norveġja, fejn il-pagi offruti kienu ogħla b'mod sinifikanti.

2.2 *DEĊIŻJONI LI TINBEDA PROĊEDURA TAĦT L-ARTIKOLU 88(2) TAT-TRATTAT KE*

(58) Fid-deċiżjoni tagħha li tibda l-proċedura ta' investigazzjoni formali, l-Kummissjoni inizjalment sabiex li uħud mill-miżuri notifikati lilha kienu jikkostitwixxu għajnuna ġdida skont il-punt 3 tal-Anness IV tat-Trattat tal-Adeżjoni peress li ma kinux mogħtija fil-ħin ta' adeżjoni. Il-Kummissjoni niżlet dawn il-miżuri fil-Parti B tal-Anness ta' dik id-deċiżjoni.

(59) Il-Kummissjoni ddeċidiet ukoll li numru ta' miżuri, msemmija fil-parti A tal-Anness tad-deċiżjoni li tinbeda l-proċedura ta' investigazzjoni formali, kienu mogħtija lil SSN qabel l-1 ta' Mejju 2004 u ma kinux applikabbli wara l-adeżjoni skont it-tifsira tal-punt 3 tal-Anness IV tat-Trattat ta' Adeżjoni, u għalhekk m'għandhomx ikunu eżamintati skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 88(2) tat-Trattat KE. Dawk il-miżuri għalhekk mhumiex koperti minn din id-Deċiżjoni. Minkejja dan, għandhom ikunu kkunsidrati fl-evalwazzjoni tal-kumpatibbiltà mas-suq komuni tal-miżuri mogħtija wara l-adeżjoni.

(60) Essenzjalment, fir-rigward tal-miżuri msemmija fil-parti B tal-Anness għad-deċiżjoni li tinbeda l-proċedura ta' investigazzjoni formali, il-Kummissjoni argumentat li deċiżjoni legalment vinkolanti fuq dawn il-miżuri ma kinitx meħuda qabel l-adeżjoni, għalkemm irrikonoxxiet li kienu meħuda xi passi preliminari lejn dik id-deċiżjoni.

(61) L-ewwel waħda minn dawn il-miżuri hija injezzjoni tal-kapital minn ARP. Il-pjan ta' ristrutturar tal-2003 ipprovda għal injezzjoni tal-kapital ta' PLN 241 752 900 iżda parti biss minn din l-injezzjoni tal-kapital (PLN 180 miljun) kienet implimentata qabel l-adeżjoni. ARP, madankollu, ma kinitx kapaċi timplimenti ż-żieda intiera tal-kapital ta' PLN 241 752 900 minħabba raġunijiet tal-baġit. Skont il-Polonja, id-deċiżjoni li timplimenta ż-żieda tal-kapital li jibqa' (PLN 61 752 652) kienet meħuda fil-21 ta' Diċembru 2004.

(62) It-tieni u t-tielet miżuri ta' għajnuna huma garanziji ta' prestazzjoni provduti minn ARP (kull waħda tikkorrispondi għal għajnuna ta' PLN 1 935 000). Dawn il-garanziji jirrigwardaw bastimenti kuntrattati fl-2002. Il-garanziji għall-bastimenti sussegwenti kellhom ikunu maħruġa mal-kunsinna tal-bastimenti preċedenti. Għalhekk il-garanziji għall-bastimenti 7 u 8 kellhom ikunu mogħtija meta l-bastimenti 4 u 5 kienu kkonsenjati (fl-2005).

(63) L-aħħar sett ta' miżuri li, skont l-informazzjoni disponibbli, ma kinux mogħtija wabel l-adeżjoni, huma miżuri mogħtija lil SSN mill-Belt ta' Szczecin fil-forma ta' tneħħija mill-kontijiet tal-kontabbiltà u differimenti tal-ħlas tat-taxxa fuq il-proprjetà. B'kollox dawn il-miżuri jirrappreżentaw PLN 12,5 miljun. Dawn il-miżuri, skont l-informazzjoni provduta mill-awtoritajiet Pollakki [1], sallum ma kinux mogħtija lit-tarzna.

(64) Il-Kummissjoni ddeċidiet li tibda l-investigazzjoni formali minħabba d-dubji li ġejjin dwar il-kumpatibbiltà tal-għajnuna ta' ristrutturar mas-suq intern.

(65) L-ewwel nett, il-Kummissjoni kellha dubji rigward l-eliġibbiltà ta' SSN li tirċievi għajnuna ta' ristrutturar. Deher li l-kumpanija kienet maħluqa biex twettaq l-attivitajiet tal-predeċessur fallut tagħha, mingħajn, madankollu tħallas id-djun tiegħu. Il-Kummissjoni għalhekk ikkunsidrat li SSN kienet kumpanija ġdida skont it-tifsira tal-linji gwida applikabbli tal-Komunità.

(66) Fit-tieni lok, il-Kummissjoni kellha dubji dwar jekk l-attivitajiet ta' ristrutturar (diġà mwettqa u kontinwi) kinux iwasslu għal-viabbiltà fit-tul ta' SSN. Ir-ristrutturar mwettqa mit-tarzna kienet tikkonċerna prinċipalment it-tnaqqis tad-djun u t-titjib tal-likwidità sabiex tippermetti li titkompla l-produzzjoni. L-ispejjeż allegati ta' attivitajiet ġenwini ta' ristrutturar kienu jinkludu l-ispejjeż tax-xiri tal-mezzi ta' produzzjoni mir-riċevitur fil-falliment ta' SSPH u SS. Il-Kummissjoni nnutat li anke fl-aħħar tal-perjodu ta' ristrutturar l-livell ippjanat ta' produttività jibqa' relattivament baxx meta kkumparat ma' dak ta' tarzni kompetituri Ewropej.

(67) Fit-tielet lok, skont l-informazzjoni disponibbli, l-Kummissjoni kellha dubji dwar jekk l-miżuri kumpensatorji approprjati kinux adottati jew le, peress li fil-fatt ebda tnaqqis ġenwin tal-kapaċità tal-produzzjoni ma kien implimentat fit-tarzna.

(68) Fir-raba' lok, il-Kummissjoni kellha dubji dwar jekk xi uħud mill-ispejjeż allegati ta' ristrutturar, bħall-ispejjeż tax-xiri ta' assi ta' produzzjoni m'għandhomx ikunu kkunsidrati eliġibbli bħala ġenwinament relatati mar-ristrutturar.

(69) Fl-aħħarnett, il-Kummissjoni kellha dubji dwar jekk il-kontribuzzjoni tal-benefiċjarju stess fil-pjan ta' ristrutturar, kemm mir-riżorsi tiegħu jew minn finanzjament barra mit-termini tas-suq, kinitx sinifikaneti. B'mod partikolari, il-Kummissjoni kellha dubju dwar jekk l-użu tal-profitt kumulattiv kienx jikkostitwixxi kontribuzzjoni tiegħu stess. Barra minn hekk, il-Kummissjoni innotat li 78 % tal-kontribuzzjoni allegata kienet magħmula minn ħlas minn quddiem mill-proprjetarji tal-bastimenti, garantita minn KUKE, l-aġenzija Pollakka għall-kreditu tal-esportazzjoni. Peress li SSN kienet kumpanija f'diffikultajiet finanzjarji, il-Kummissjoni kellha dubji dwar jekk il-premjums tal-garanzija imposti b'mod xieraq jirriflettux ir-riskju involut, jekk il-kollaterali meħtieġ minn KUKE kienx suffiċjenti, u, għalhekk, jekk il-kontribuzzjoni proposta tiegħu stess kinitx ħielsa minn għajnuna millistat.

2.3 *KUMMENTI MINN PARTIJIET INTERESSATI*

2.3.1 KUMMENTI MILL-POLONJA

(70) Wara d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tibda l-proċedura ta' investigazzjoni formali, l-awtoritajiet Pollakki ssottomettew il-kummenti tagħhom dwar id-deċiżjoni. Il-benefiċjarju ma ppreżentax argumenti separati iżda approva s-sottomissjoni tal-Gvern Pollakk.

[1] Ittra tad-9 ta' Jannar 2008.

(71) L-awtoritajiet Pollakki qajmu diversi kwistjonijiet. Il-kwistjoni ewlenija kkontestata dwar jekk ċertu miżuri ta' għajnuna daħlux fis-seħħ qabel l-adeżjoni tal-Polonja fl-Unjoni Ewropea, jiġifieri qabel l-1 ta' Mejju 2004, u kinux applikabbli wara l-adeżjoni. Dawn il-miżuri ma jistgħux ikunu eżaminati mill-Kummissjoni; dawk il-miżuri biss li ma kinux mogħtija qabel l-adeżjoni huma evalwati mill-Kummissjoni bħala għajnuna notifikata jew bħala għajnuna illegali skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 88(2) tat-Trattat KE.

(72) L-awtoritajiet Pollakki kkontestaw s-sejba tal-Kummissjoni li l-miżuri ppreżentati fil-parti B tal-Anness tad-deċiżjoni li tinbeda l-proċedura ta' investigazzjoni formali kinitx tikkostitwixxi għajnuna ġdida. L-awtoritajiet Pollakki argumentaw li l-miżuri kollha inklużi f'dik it-tabella kienu mogħtija qabel l-adeżjoni tal-Polonja u għalhekk ebda għajnuna ġdida ma kienet ippjanata jew mogħtija lil SSN.

Injezzjoni tal-kapital (parti B tal-Anness għad-deċiżjoni tal-bidu tal-proċedura ta' investigazzjoni formali, miżura 61)

(73) L-ewwel nett, l-awtoritajiet Pollakki argumentaw li SSN kellha aspettativi leġittimi li l-għajnuna prevista fil-pjan ta' ristrutturar tal-2003 kienet kumpatibbli mal-liġi tal-għajnuna mill-istat. L-awtoritajiet Pollakki rreferew b'mod partikolari għal żewġ dokumenti: "Is-sitwazzjoni tal-industrija Pollakka tal-bini tal-bastimenti, azzjonijiet rakkomandati u appoġġ għal dan is-settur" (adottati mill-Kunsill tal-Ministri fis-16 ta' Lulju 2002) u "Strateġija ta' nofs it-terminu ta' garanziji mit-Teżor tal-Istat sal-2010" (adottata mill-Kunsill tal-Ministri fl-10 ta' Ġunju 2003). L-awtoritajiet Pollakki argumentaw li dawn u azzjonijiet simili mill-awtoritajiet ċentrali, reġjonali u muniċipali kienu parti minn programm wiesa' sabiex tkun salvata l-industrija tal-bini tal-bastimenti.

(74) Fit-tieni lok, l-awtoritajiet Pollakki ddikjaraw li l-Kummissjoni, permezz tar-rekwiżit tal-adozzjoni ta' "att legalment vinkolanti", kienet qed tapplika l-kriterji tal-liġi KE għal avvenimenti u liġi nazzjonali qabel l-adeżjoni. Il-Polonja ddikjarat li leġiżlazzjoni Pollakka ta' għajnuna mill-istat kienet applikat qabel l-adeżjoni u li din il-leġiżlazzjoni "ma pprovdietx għal deċiżjoni formali li tagħti l-għajnuna indirizzata lejn il-benefiċjarju fi kwalunkwe punt tal-proċedura." Kull ma kienet teħtieġ il-leġiżlazzjoni Pollakka kienet l-approvazzjoni tal-pjan ta' ristrutturar u li l-miżuri tal-għajnuna inklużi fiha mill-President tal-Uffiċċju għall-Kompetizzjoni u l-Protezzjoni tal-Konsumatur, li fil-fatt kienet mogħtija. L-awtoritajiet Pollakki argumentaw li "mhuwiex ikkontestat li kull miżura inkluża fil-pjan ta' ristrutturar finalment approvat kienet miftiehma bejn SSN u l-awtorità relevanti li tagħti l-għajnuna." Barra minn hekk, il-Polonja ssottomettiet li d-dispożizzjonijiet tal-liġi KE ma kinux applikabbli għal avvenimenti li seħħew qabel l-adeżjoni tal-Polonja u li l-*kawża Fleuren* ([1]), li l-Kummissjoni rreferiet għaliha fid-deċiżjoni tagħha ta' bidu tal-investigazzjoni formali, kienet fundamentalment differenti minn dan il-każ.

([1]) Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza fil-Kawża T-109/01 *Fleuren Compost* v *il-Kummissjoni* [2004] Ġabra II-127.

(75) Fit-tielet lok, kien argumentat li l-approvazzjoni tal-pjan ta' ristrutturar mill-Bord Superviżorju ta' SSN għandu jkun ikkunsidrat bħala avveniment ta' għoti ta' għajnuna. B'risposta għad-dubji tal-Kummissjoni rigward jekk il-Bord Superviżorju kienx l-entità intitolata li tadotta deċiżjonijiet b'riperkussjonijiet finanzjarji vinkolanti fuq l-azzjonisti, il-Polonja ssottomettiet li l-Bord tas-Sorveljanza kien jirrappreżenta l-interessi tal-azzjonisti għax kien maħtur minnhom. Il-membri tal-Bord tas-Sorveljanza aġixxa fuq struzzjonijiet mill-azzjonisti (ARP u t-Teżor tal-Istat) u l-atti tagħhom kienu jikkostitwixxu impenn tal-ARP u tat-Teżor tal-Istat sabiex jagħtu l-għajnuna.

(76) Fir-raba' lok, il-Polonja argumentat li l-approvazzjoni tal-pjan tar-ristrutturar tal-2003 mit-tim tal-ARP għall-industrija tal-bini tal-bastimenti kienet irrinforzat l-aspettativi leġittimi tat-tarzna għax il-membri ta' dan it-tim kienu kollha rappreżentanti tal-ARP fuq il-Bord tas-Sorveljanza. Il-Polonja kkonfermat ukoll li d-deċiżjonijiet reali kienu meħuda mill-Bord tas-Sorveljanza u l-laqgħa tal-azzjonisti tal-ARP.

(77) Fl-aħħarnett, l-awtoritajiet Pollakki ddikjaraw li l-għajnuna kienet mogħtija qabel l-adeżjoni għax l-esponiment tal-Istat kien speċifikat fil-pjan ta' ristrutturar tal-2003 u għalhekk kien magħruf qabel l-adeżjoni.

Garanziji (parti B tal-Anness għad-deċiżjoni tal-bidu tal-proċedura ta' investigazzjoni formali, miżuri 62 u 63)

(78) L-awtoritajiet Pollakki rreferew għas-sistema ta' tiġdid, skont liema garanzija ġdida hija estiża meta garanzija preċedenti tiskadi, u argumentaw li din is-sistema, u għalhekk il-garanziji kollha koperti minnha, kienu approvati mill-Bord tas-Sorveljanza bħala parti mill-pjan ta' ristrutturar tal-2003. Huma kkwotaw il-kriterji għall-evalwazzjoni ta' jekk garanzija tkunx applikabbli wara l-adeżjoni u kkunsideraw dawn il-kriterji bħala deċiżivi fid-determinazzjoni ta' jekk għajnuna hix mogħtija jew le.

(79) L-awtoritajiet Pollatti ma għamlux reazzjoni għall-argument tal-Kummissjoni li ARP ma kinitx ħadet l-istess passi proċedurali fil-każ taż-żewġ garanziji kkontestati kif kienet għamlet fil-każ ta' garanziji mogħtija preċedentement. L-awtoritajiet Pollakki ma kkontestaw l-ftehim tal-Kummissjoni li l-kuntratti tal-bini tal-bastimenti konklużi fl-2002 kienu jinkludi klawżola li tippermetti lix-xerrej biex jittermina l-kuntratt unilateralment jekk it-tarzna ma kinitx tipprovdi garanzija ta' prestazzjoni sa ċertu skadenza ta' żmien.

Tneħħija mill-kontijiet ta' kontabbiltà u differiment tat-taxxi (parti B tal-Anness tad-deċiżjoni tal-bidui tal-proċedura ta' investigazzjoni formali, miżuri 64-68)

(80) Il-Polonja argumentat li l-esponiment preċiż ekonomiku tal-Istat għal dawn il-miżuri kien magħruf qabel l-adeżjoni. Hija kkonfermat li l-awtorittà li tagħti l-għajnuna ma setgħatx toħroġ deċiżjoni finali dwar diferiment u tneħħija mill-kontijiet ta' kontabbiltà *ex ante*.

Eliġibbiltà

(81) B'risposta għad-dubji tal-Kummissjoni dwar jekk it-tarzna, bħala kumpanija maħluqa wara l-falliment tal-kumpanija preċedenti li kienet topera attivitajiet ta' bini ta' bastimenti f'Szczecin, kinitx eliġibbli għal għajuna ta' ristrutturar, il-Polonja ssottomettiet li l-benefiċjarju tal-għajnuna kien jeżisti taħt isem ieħor (ASS) qabel il-falliment tal-entità preċedenti, u kien involut fil-bini tal-bastimenti.

Aspetti oħra tad-deċiżjoni

(82) L-awtoritajiet Pollakki pprovdew ukoll kummenti dwar aspetti oħra tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni. B'mod partikolari, il-Polonja ssottomettiet li r-ristrutturar ta' SSN kellha impatt fuq ħafna oqsma tal-attività tagħha u kienet immirata sostanzjalment lejn it-titjib tal-effiċjenza tat-tarzna. It-tarzna kienet adottat strateġija iktar iffokata, implimentat ristrutturar tal-impjieg, tejbet il-produttività, introduċiet sistema ta' ġestjoni iktar effettiva u tejbet is-sitwazzjoni finanzjarja tagħha. Kienet qed tistenna profitti fl-2005.

(83) Il-Polonja ssottomettiet ukoll li miżuri kumpensatorji adegwati kienu implimentati mit-tarzna peress li SSN kienet kisbet parti biss mill-art u l-istrutturi li kienu preċedentement il-proprjetà ta' SSPH, u dawn kienu direttament konnessi mal-kapaċità ta' bini tal-bastimenti tat-tarzna.

(84) L-awtoritajiet Pollakki argumentaw li l-kontribuzzjoni proposta tagħhom stess kienet biżżejjed. B'mod partikolari, il-profitti futuri li bihom it-tarzna kellha l-intezjoni li tiffinanzja parti mill-ispejjeż tar-ristrutturar ma setgħux ikunu kkunsidrati bħala riżorsi tal-istat u għalhekk kienu jikkostitwixxu kontribuzzjoni tagħhom stess. L-awtoritajiet Pollakki ddikjaraw li l-ħlas minn quddiem garanti mill-aġenzija ta' assigurazzjoni għall-kreditu tal-esportazzjonijiet Pollakka KUKE, li ffinanzjat l-operazzjoni tat-tarzna, għandu jkun ikkunsidrat ukoll bħala kontribuzzjoni tagħha stess. Il-Polonja ddeskriviet il-kundizzjonijiet skont liema KUKE ħarġet dawn il-garanziji (il-premjums u t-tip ta' kollaterali meħtieġa) u enfasizzat li KUKE ma kellhiex tħallas lill-proprjetarji tal-bastimenti skont il-garanziji provduti.

(85) L-awtoritajiet Pollakki nnotaw li l-adozzjoni tal-miżuri ta' ristrutturar kienet tejbet il-pożizzjoni finanzjarja tat-tarzna u bħala riżultat kienet kapaċi turi l-vijabbiltà tagħha.

2.3.2 KUMMENTI MINN PARTIJIET OĦRA INTERESSATI

(86) L-assoċjazzjoni ta' min iħaddem Pollakka tal-bini tal-bastimenti Forum Okrętowe spjegat ir-raġunijiet għad-diffikultajiet tat-tarzna u ddikjarat li fl-opinjoni tagħha it-tarzna kienet għadha fis-seħħ biss minħabba l-implimentazzjoni ta' suċċess tal-pjan ta' ristrutturar u l-għajnuna mill-istat irċevuta għar-ristrutturar.

(87) Il-fornitur tat-tarzna ta' krejnijiet ta' fuq il-gverta u tagħmir ta' ankri u ta' irmiġġ, Towimor S.A., iddikjara li t-tarzna kienet reġgħat stabbiliet il-kapaċitajiet tagħha tal-bini tal-bastimenti u ssorpassat il-kriżijiet tal-2002-2004 biss għax ARP kienet ikkmandat fil-proċess tar-ristrutturar. Il-kumpanija enfasizzat li l-pjan ta' ristrutturar kien qed ikunu implimentat b'suċċess u t-titjib miksub kien ta' natura permanenti.

(88) Lubmor Sp. z o.o., fornitur ta' tagħmir intern għall-bastimenti, enfasizza l-importanza tal-eżistenza ta' SSN għalih u għal kumpaniji oħra li jikkooperaw mat-tarzna.

(89) Fornitur ieħor, H. Cegielski, li jipprovdi prinċipalment magni marittimi, enfasizza li r-ristrutturar ta' suċċess tal-SSN kienet salvat is-settur kollu tal-bini tal-bastimenti fl-2002-2004 u t-titjib sistematiku tar-riżultati finanzjarji tat-tarzna kienu jindikaw li l-miżuri ta' ristrutturar kienu qed iwasslu għal titjib fit-tul.

(90) Bevrachtingskantoor B.V. ta' Spliethoff, klijent ta' SSN, enfasizza l-għarfien estensiv tat-tarzna f'diversi partijiet tal-bini tal-bastimenti u l-kwalità tal-bastimenti li kienet bniet. Il-proprjetarju tal-bastiment indika li SSN kienet bniet tmien bastimenti għal diversi għanijiet għalih b'rekwiżiti tekniċi u standards ta' kwalità għoljin. Il-proprjetarju tal-bastiment esprima t-tama li l-Kummissjoni tapprova l-għajnuna mogħtija lit-tarzna. Klijenti oħra tat-tarzna, Peter Dohle Schiffahrts–KG u Odfjell, esprimew opinjonijiet simili.

(91) It-trejd unjin Solidarność enfasizzat l-importanza tat-tarzna għall-impjiegi u s-sitwazzjoni ekonomika tar-reġjun kollu. Hija esprimiet it-tama li l-Kummissjoni tispiċċa l-investigazzjoni immedjatament u tapprova l-għajnuna rċevuta mit-tarzna.

(92) Is-Sindku ta' Szczecin enfasizza l-importanza tal-eżistenza tat-tarzna għar-reġjun u nnota li minkejja ċertu dewmien ir-ristrutturar li kienet implimentata kienet ipproduċiet ir-riżultati mistennija u t-tarzna kienet kapaċi tikkompeti fis-suq fit-tul.

(93) Business Club Szczecin, assoċjazzjoni ta' min iħaddem għall-iżvilupp ta' Szczecin u Pomerania tal-Punent, esprima l-appoġġ tiegħu għar-ristrutturar ta' SSN. Huwa ddeskriva d-diffikultajiet li jaffaċċja r-reġjun wara l-falliment ta' SSPH fl-2002 u ddikjara li l-appoġġ tal-awtoritajiet Pollakki għat-tarzna kien għamilha impossibbli li wieħed jissupera il-kriżi.

2.4 *ŻVILUPPI WARA D-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI LI TIBDA L-PROĊEDURA TA' INVESTIGAZZJONI FORMALI*

(94) L-investigazzjoni tal-Kummissjoni u l-avvenimenti rilevanti huma mqassra hawnt taħt.

(95) B'risposta għad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tibda l-proċedura ta' investigazzjoni formali, fil-ħarifa tal-2005 l-awtoritajiet Pollakki ssottomettew żewġ espetti ta' argument: minn naħa waħda kkontestaw il-kompetenza tal-Kummissjoni li taġixxi fir-rigward tal-miżuri identifikati bħala għajnuna ġdida fid-deċiżjoni tal-Kummissjoni, u min-naħa l-oħra argumentaw li anke jekk dawn il-miżuri kienu jikkostitwixxu għajnuna ġdida, kienu kumpatibbli mas-suq komuni bħala għajnuna ta' ristrutturar.

(96) B'appoġġ mal-argumenti li l-għajnuna kienet kumpatibbli, l-Polonja ssottomettiet l-pjan ta' ristrutturar tal-2003 lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni studjat il-pjan ta' ristrutturar tal-2003 u fittxet l-assistenza ta' konsulent estern. Il-Kummissjoni kkonkludiet li l-pjan ta' ristrutturar tal-2003 ma kien iwettaq ebda waħda mill-kundizzjonijiet għall-approvazzjoni tal-għajnuna ta' ristrutturar stabbiliti fil-linji gwida applikabbli.

(97) F'Diċembru 2005 il-Kummissjoni saret taf minn sorsi pubbliċi [1] li KPS, grupp kapitali taħt proprjetà pubblika, kien maħluq bl-għan li jintegra it-tliet tarzni Pollakki prinċipali f'Gdynia, Gdansk u Szczecin taħt umbrella waħda (minn issa 'l quddiem "il-pjan ta' konsolidazzjoni"). Ir-rwol ewlieni ta' KPS kien li tipprovdi finanzjament għall-produzzjoni tat-tarzna. Il-Polonja ma kinitx infurmat lill-Kummissjoni dwar il-pjan ta' konsolidazzjoni f'xi stadju tal-proċedura, kemm qabel jew wara d-deċiżjoni li tibda l-proċedura ta' investigazzjoni formali.

(98) Fuq talba tal-Kummissjoni, fil-bidu tal-2006 l-awtoritajiet Pollakki spjegaw li l-pjan ta' konsolidazzjoni kien filfatt ikkunsidrat preċedentement iżda kien abbandunat u strateġija ġdida għar-ristrutturazzzjoni tas-settur Pollakk talbini tal-bastimenti għandha tkun adottata dalwaqt. Il-Polonja kkjarifikat li r-rwol tal-KPS kienet li tipprovdi finanzjament operazzjonali għat-tarzni Pollakki, prinċipalment fil-forma ta' self għal żmien qasir.

(99) F'laqgħa bejn l-awtoritajiet Pollakki u l-persunal tal-Kummissjoni fit-22 ta' Frar 2006, il-Kummissjoni infurmat lill-Polonja li, fuq il-bażi tal-informazzjoni li kellha, ma kinitx kapaċi tikkonkludi li l-pjan ta' ristrutturar tal-2003 kien biżżejjed biex jistabbilixxi mill-ġdid l-vijabbiltà fit-tul tat-tarzna. Il-Kummissjoni enfasizzat li l-pjan ta' ristrutturar tal-2003 kien pjan ta' bidu, li prinċipalment kien jindirizza l-miżuri finanzjarji neċessarji sabiex titkompla mill-ġdid l-operazzjoni wara l-falliment ta' SSPH, pjuttost milli pjan ta' ristrutturar li kien jiggarantixxi l-istabbiliment mill-ġdid tal-vijabbiltà fit-tul. B'mod partikolari, l-investimenti previsti ma kinux suffiċjenti minħabba l-kundizzjoni baxxa tat-tagħmit u installazzjonijiet tat-tarzna. L-awtoritajiet Pollakki u t-tarzna sostnew li t-tarzna kienet diġà stabbiliet vijabbiltà mill-ġdid. Minkejja dan, il-Polonja rrikonoxxiet li t-tarzna realment kellha bżonn investiment sostanzjali ta' modernizzazzjoni ta' mill-inqas PLN 200 miljun u għalhekk għandha tkun mibjugħa lil investitur privat fl-2008-2009. Fil-laqgħa, l-awtoritajiet Pollakki kkonfermaw li pjan ġdid ta' ristrutturar jew verżjoni riveduta tal-pjan ta' ristrutturar tal-2003 kellu jkun sottomess lill-Kummissjoni.

(100) Wara l-laqgħa l-awtoritajiet Pollakki impenjaw ruħhom [2] li jissottometu pjan ta' ristrutturar emendat għall-SSN lill-Kummissjoni sat-22 ta' Mejju 2006.

(101) Fis-26 ta' Ġunju 2006 il-Kummissjoni rċeviet l-ewwl abbozz tal-pjan ta' ristrutturar intitolat "Pjan ta' żvilupp għal Stocznia Szczecińska Nowa Sp. z o.o. għall-2006-2011" imħejji bl-assistenza tal-kumpanija ta' konsulenza Deloitte Advisory.

(102) Il-Kummissjoni esprimiet thassib qawwi fir-rigward ta' żjara fuq il-post fit-13 ta' Ġunju 2006 u bil-mitkub fis-17 ta' Lulju 2006, billi indikat li l-ewwel abbozz tal-pjan ta' ristrutturar ma kienx jidher li hu wiesa' biżżejjed biex jiżgura li t-tarzna tirkupra vijabbiltà fit-tul. Il-Kummissjoni enfasizzat li parti sinifikanti mir-ristrutturar kellha tkun iffinanzjata mir-riżorsi tagħha ħielsa minn għajnuna mill-istat, li ma kienx previst fl-abbozz tal-pjan sottomess, u li miżuri kumpensatorji rilevanti kellhom ikunu implimentati. Filwaqt li tinnota d-dipendenza kontinwa fuq garanziji provduti minn KUKE, aġenzija governattiva, il-Kummissjoni wissiet lit-tarzna u lill-awtoritajiet Pollakki li dawn il-garanziji kienu jikkostitwixxu għajnuna mill-istat. Il-Kummissjoni ħeġġet lill-Polonja biex tirrevedi l-abbozz tal-pjan ta' ristrutturar u tissottometti verżjoni kompluta tal-pjan sal-aħħar ta' Awwissu 2006.

(103) Minkejja dawn it-twissijiet, il-pjan ta' ristrutturar tal-2006 eventwalment sottomess mill-Polonja f'Settembru 2006, xahrejn tard, ma kienx differenti sostanzjalment mill-ewwel abbozz. Il-kritiki ewlenin tal-pjan ta' ristrutturar tal-2006 huma deskritti hawn taħt.

(104) F'Settembru 2006 il-Polonja infurmat lill-Kummissjoni li fil-31 ta' Awwissu 2006 l-Assemblea Ġenerali ta' SSN kienet iddeċidiet li żżid il-kapital tat-tarzna b' PLN 95 miljun u tipprepara sal-15 ta' Ottubru 2006 offerti għal investituri potenzjali interessati li jakkwistaw l-ishma maħruġa riċentament. Sal-31 ta' Diċembru 2006 żewġ kumpaniji biss kienu esprimew interess li jakkwistaw ishma f'SSN: kumpanija Pollakka tan-negozju tal-azzar, Złomrex, u ISD Polska, sussidjarja tal-produttur tal-azzar mill-Ukranja Donbas.

[1] Minuti tal-Kunsill tal-Ministri tal-25 ta' Jannar 2005 u tal-5 ta' Ottubru 2005 ippubblikati fuq din il-websajt.

[2] Ittra tat-13 ta' Marzu 2006.

(105) F'laqgħa fis-7 ta' Diċembru 2006 (u bil-mitkub permezz ta' ittra tad-29 ta' Jannar 2007), il-Kummissjoni spjegat lill-awtoritajiet Pollakki li l-pjan ta' ristrutturar tal-2006 ma kien iwettaq ebda waħda mill-kundizzjonijiet għall-approvazzjoni ta' għajnuna għar-ristrutturar skont il-linji gwida applikabbli. Fil-laqgħa l-awtoritajiet Pollakki impenjaw ruħhom li jipprivatizzaw it-tarzna sabiex itejbu l-prospetti tal-istabbiliment mill-ġdid tal-vijabbiltà u jiżguraw kontribuzzjoni suffiċjenti tagħhom stess għar-ristrutturar. L-awtoritajiet Pollakki imbagħad ikkonfermaw l-impenn li jipprivatizzaw it-tarzna sat-30 ta' Ġunju 2007 permezz ta' ittra tal-5 ta' Jannar 2007. Filwaqt li d-dokumenti ta' privatizzazzjoni kienu qed ikunu mħejjija, il-Polonja talbet lill-Kummissjoni biex tindika liema miżuri kumpensatorji kkunsidrat neċessarji għall-SSN sabiex investituri potenzjali jistgħu jkunu infurmati kif xieraq.

(106) Wara ftehim bejn il-Kummissarju Neelie Kroes u l-Ministru Piotr Wozniak ta' Diċembru 2006, il-Kummissjoni kienet involuta f'dibattitu intensiv mal-awtoritjiet Pollakki u SSN sabiex tiddetermina l-miżuri kumpensatorji neċessarji. Il-Polonja ssottomettiet proposta għal miżuri kumpensatorji f'SSN u impenjat ruħha li tagħlaq skala Wulkan 1 ladarba l-kuntratti tal-bini tal-bastimenti diġà ffirmati kienu implimentati, jiġifieri f'Marzu 2010.

(107) Il-Kummissjoni talbet ammont ta' data minn SSN. Eventwalment, il-persunal tal-Kummissjoni informa lill-Polonja permezz ta' ittra tal-31 ta' Lulju 2007 li huma kkunsidraw provviżorjament l-għeluq tal-iskala Wulkan 1 bħala miżura kumensatorja suffiċjenti, sakemm il-faċilità jkun diżabilitata b'mod irriversibbli għall-finijiet tal-bini u t-tnedija tal-vapur u li l-għeluq kien implimentat sal-1 ta' Ġunju 2009, jew qabel jekk il-kostruzzjoni tal-587-IV/09, l-aħħar wieħed mill-bastimenti skedati għall-bini fuq dik l-iskala, kienet lesta qabel. Barra minn hekk, fl-2009 l-iskala Wulkan 1 tista' tkun użata biss għall-bini tal-587-IV/09. Il-bażi għal din il-konklużjoni tal-Kummissjoni hija deskritta hawn taħt. L-awtoritajiet Pollakki kkonfermaw l-intenzjoni tagħhom li jimplimentaw it-tnaqqis tal-kapaċità kif deskritt fl-ittra tal-Kummissjoni.

(108) Fi Frar tal-2007 l-amministratur tat-tarzna bagħar inviti għax-xiri tal-maġġoranza tal-ishma tiegħu f'SSN lil 57 investituri potenzjali. Dak iż-żmien it-tarzna kienet diġà ilha tinnegozja għal diversi xhur ma' Zlomrex, iżda fl-aħħar ma kienet meħudha ebda deċiżjoni.

(109) Sforz ġdid għal privatizzazzjoni beda fil-ħarifa tal-2007. Il-Kummissjoni kienet ikkonsultata dwar abbozz ta' Memorandum ta' Informazzjoni f'Awwissu u f'Settembru 2007. F'Settembru il-konsulemt tal-privatizzzazzjoni ta' KPS u ARP ħareġ stediniet għas-sottomissjoni ta' offerti lil 221 investitur potenzjali.

(110) Sitt investituri potenzjali urew interess li jakkwistaw ishma fit-tarzna u talbu kopja tal-Memorandu ta' Informazzjoni tagħha. L-iskadenza għas-sottomissjoni tal-offerti minn investituri potenzjali kienet ġiet posposta diversi drabi.

(111) Meta nnutat dewmien fil-proċess ta' privatizzazzjoni, il-Kummissjoni ħeġġet lill-Polonja permezz ta' ittra tat-3 ta' Ottubru 2007 biex tlestiha mingħajr dewmien. Permezz ta' ittra tat-23 ta' Ottubru 2007 il-Polonja infurmat lill-Kummissjoni li l-privatizzazzjoni mhux se tkun lesta kif ippjanat sal-aħħar tal-2007. Minnflok il-Polonja impenjat ruħha li tibda negozjati ma' intestituri magħrufa f'Jannar tal-2008. Il-Kummissjoni reġgħet uriet it-tħassib tagħha dwar id-dewmien permezz ta' ittra tat- 30 ta' Novembru 2007 u speċifikat li hija stenniet lill-proprjetarju l-ġdid ta' SSN biex jissottomettu l-ewwel abbozz ta' pjan ta' ristrutturar ġdid sal-aħħar ta' Frar 2008. Din it-talba kienet imbagħad ripetuta mill-Kummissjoni f'ħafna okkażjonijiet. Il-Kummissjoni ripetutament insistiet fuq konformità stretta mal-iskeda ta' privatizzazzjoni.

(112) Wara t-twettiq ta' proċess ta' diliġenza dovuta, fl-20 ta' Diċembru 2007 Amber, l-uniku investitur potenzjali interessat li jakkwista SSN, ssottometta offerta vinkolanti kondizzjonali, li kienet evalwata mill-konsulent ta' privatizzazzjoni ta' KPS u ARP.

(113) Mill-20 ta' Marzu 2008 Amber kienet mogħtija drittijiet esklussivi ta' negozjazzjoni, li imbagħad kienu estiżi diversi drabi u fl-aħħar skadew fit-12 ta' Mejju 2008.

(114) Fid-29 ta' Frar 2008 il-Polonja bagħtet lill-Kummissjoni l-ewwel aboozz tal-pjan ta' ristrutturar għal SSN imħejji minn Amber [1]. Amber issottomettiet projezzjonijiet finanzjarji aġġornati permezz ta' e-mail tad-9 ta' April 2008. Il-Kummissjoni pprovdiet kummenti orali dwar dan l-abbozz f'laqgħa f'Varsavja fl-10 ta' April 2008 bejn il-persunal tal-Kummissjoni, l-awtoritajiet Pollakki, it-tarzna u Amber, u bagħtet kummenti bil-miktub f'ittra tal-21 ta' April 2008.

(115) F'laqgħa mal-awtoritajiet Pollakki fit-12 ta' Mejju 2008, Amber iddikjarat li kienet se tirtira mill-proċess ta' privatizzazzjoni ta' SSN. Il-Polonja infurmat lill-Kummissjoni dwar dan l-iżvilupp fl-istess ġurnata. Fl-ispjegazzjoni tagħha lit-Teżor tal-Istat, Amber spjegat li r-raġuni ewlenija għall-irtirar tagħha kien il-fatt li wara investigazzjoni fil-fond tad-diliġenza dovuta tas-sitwazzjoni tat-tarzna kienet ikkonkludiet li t-tarzna ma kinitx se ssir profitabbli anke wara l-implimentazzjoni tal-miżuri ta' ristrutturar, inkluż investiment sinifikamenti. Peress li Amber kienet l-unika waħda li għamlet offerta, l-irtirar tagħha fissret li l-proċess ta' privatizzazzjoni mnedi fl-2007 kien spiċċa.

[1] "L-ewwel verżjoni tal-pjan ta' ristrutturazzjoni ta' SSN mal-Pjan tannegozju għal SSN għall-2008-2012 skont l-informazzjoni miksuba matul il-proċess ta' diliġenza dovuta mwettaq fit-tarzna" u "Spjegazzjonijiet addizzjonali, il-punti prinċipali tal-programm ta' ristrutturazzjoni u impenji dikjarati rigward ix-xiri ta' SSN sottomessi minn Amber" tad-29 ta' Frar 2008.

(116) Fis-26 ta' Mejju 2008 il-Polonja infurmat lill-Kummissjoni li l-proċess ta' privatizzazzjoni kien imnedi mill-ġdid. F'rapporti sussegwenti ta' kuljum, il-Polonja infurmat lill-Kummissjoni dwar l-azzjoni meħudha mill-awtoritajiet Pollakki biex isibu xerrej għal SSN. Il-Polonja bagħtet lill-Kummissjoni diversi ittri li fihom investituri potenzjali talbu biex ikunu infurmati dwar il-proċess ta' privatizzazzjoni kontinwu u biex jintbagħtilhom il-Memorandum ta' Informazzjoni meta kien disponibbli.

(117) F'laqgħa tat-13 ta' Ġunju 2008 l-awtoritajiet Pollakki infurmaw lill-Kummissjoni li diversi kumpaniji kellhom l-intenzjoni li jissottomettu pjanijiet ta' ristrutturar lill-Kummissjoni sas-26 ta' Ġunju 2008. Il-Kummissjoni sussegwentement iltaqgħet, fuq talba tal-awtoritajiet Pollakki u fil-preżenza tagħhom, ma' żewġ investituri potenzjali li esprimew interess fix-xiri ta' SSN: il-kumpanija Norveġiża Ulstein u l-kumpanija Pollakka Mostostal Chojnice. F'dawn il-laqgħat iż-żewġ kumpaniji ppreżentaw l-istrateġiji tagħhom għar-ristrutturar lill-Kummissjoni.

(118) Il-Polonja sussegwentement ssottomettiet lill-Kummissjoni abbozz ta' pjan ta' ristrutturar mħejji minn Mostostal Chojnice, datat Ġunju 2008 u intitolat "Abbozz tal-programm ta' ristrutturar għal SSN għall-2008-2018, xogħol fil-progress" (minn issa 'l quddiem "Pjan ta' Ristrutturar ta' Ġunju 2008"). Fis-7 ta' Lulju l-Polonja infurmat lill-Kummissjoni li Mostostal u Ulstein kienu ffirmaw ittra ta' intenzjoni għall-kooperazzjoni possibbli jekk Mostostal issir il-proprjetarja ta' SSN. B'konnessjoni ma' din l-ittra ta' intenzjoni, il-Polonja ssottomettiet lill-Kummissjoni pjan ta' ristrutturar aġġornat imħejji minn Mostostal.

(119) Permezz ta' ittra tal-14 ta' Lulju 2008 il-Polonja infurmat lill-Kummissjoni li l-proċess ta' privatizzazzjoni ta' SSN kien qed jitkompla u talbet żmien addizzjonali sabiex l-investituri potenzjali jiffinalizzaw il-pjan ta' ristrutturar. Il-Polonja impenjat ruħha li tissottometti pjan ta' ristrutturar komplut għal SSN lill-Kummissjoni sat-12 ta' Settembru 2008 bħala l-aħħar żmien.

(120) Il-Kummissjoni qablet mal-iskadenza proposta għall-pjan komplut ta' ristrutturar.

(121) Fit-12 ta' Settembru 2008 il-Polonja ssottomettiet pjan ta' ristrutturazzoni finali għat-tarzna intitolat "Programm ta' ristrutturar għal Stocznia Szczecińska Nowa għall-2008-2012" (minn issa 'l quddiem imsejjaħ "pjan ta' ristrutturar tat-12 ta' Settembru 2008").

(122) Fit-22 ta' Settembru Ulstein infurmat lill-Kummissjoni li kienet se tirtira mill-proċess ta' privatizzazzjoni. F'din is-sitwazzjoni, il-Kummissjoni tikkunsidra li l-pjan ta' Settembru 2008 ibbażat fuq il-kooperazzjoni bejn Ulstein u Mostostal m'għadux validu. Minkejj dan, dan il-pjan se jkun deskritt u evalwat hawn taħt, b'mod partikolari peress li Mostostal iddikjarat f'ittra tagħha tat-22 ta' Settembru li se timplimenta l-pjan waħedha.

(123) F'laqgħa tat-30 ta' Settembru 2008, Mostostal infurmat lill-Kummissjoni li xorta kellha l-intenzjoni li tikkoopera ma' Ulstein dwar ir-ristrutturar ta' SSN. Mostostal ippreżentat abbozz ta' ftehim ma' Ulstein – mhux iffirmat u lanqas bl-inizjali – li fuq il-bażi tiegħu ż-żewġ kumpaniji kellhom jistabbilixxu relazzjoni preferenzjali ta' fornitur-klijent. Ulstein kellha tagħmel subkuntratt lit-tarzna ta' Szczecin tal-produzzjoni tal-bwieq, u iktar tard tlesti bastimenti barra mill-kosta, għall-grupp ta' Ulstein skont termini tas-suq. Għal darb' oħra skont termini tas-suq, Ulstein kellha taqsam ukoll l-għarfien u l-esperjenzi tagħha fis-settur tal-bini tal-bastimenti ma' Mostostal. L-abbozz tal-ftehim ta' kooperazzjoni l-ġdid ma kienx jipprevedi xi kontribuzzjoni finanzjarja minn Ulstein għall-pjan ta' ristrutturar tat-12 ta' Settembru 2008.

2.5 *IL-PJAN TA' RISTRUTTURAR TA' SETTEMBRU 2006*

(124) Il-pjan ta' ristrutturar emendat kopra l-perjodu 2006-2011. Kien imħejji b'kooperazzjoni mal-kumpanija ta' konsulenza Deloitte u l-għan tiegħu kien li jlesti r-ristrutturar li kienet bdiet fl-2002 fuq il-bażi ta' pjan sottomess lill-Kummissjoni f'Ottubru 2005, li kien ikkunsidrat mhux suffiċjenti sabiex jistabbilixxi mill-ġdid il-vijabbiltà tal-intrapriża. Skont il-pjan ta' ristrutturar emendat, it-tarzna kellha tirkupra l-vijabbiltà fit-tul fl-2009.

Bidla fl-istrateġija

(125) Wieħed mill-pilastri ewlenin tal-pjan ta' ristrutturar l-ġdid kien l-orjentazzjoni mill-ġdid ta' SSN għall-produzzjoni ta' bastimenti ta' teknika għolja. Din l-orjentazzjoni mill-ġdid kienet ibbażata fuq il-kunsiderazzjonijiet li ġejjin: valur miżjud ogħla, tkabbir fil-kompetizzjoni tal-prezz f'partijiet ta' tekonoloġija iktar baxxa, l-inkapaċità teknika ta' SSN li tipproduċi bastimenti kbar ta' kontejners li t-talba għalihom kienet qed tikber preżentament u l-għarfien eżistenti ta' SSN, b'mod partikolari fir-rigward ta' tankers tal-kumika speċjalizzati ħafna dupliċi tal-istainless steel.

(126) Filwaqt li l-ktieb tal-ordnijiet kurrenti (għal kunsinna fl-2008-2009) kien magħmul prinċipalment minn bastimenti tal-kontejners (70 %), it-tarzna kienet diġà qed tipproduċi tankers tal-kimika aktar għoljin u bastimenti ta' con-ro (30 %). Il-pjan kien jassumi li sal-2010 it-tarzna għandha tespandi l-firxa tal-prodotti tagħha fi tliet partijiet tas-suq, jiġifieri tankers tal-kimmija, bastimenti ro-ro (inkluż con-ro u ro-pax) u bastimenti ta' diversi għanijiet ta' teknika għolja.

Ristrutturar industrijali u operazzjonali

(127) L-implimentazzjoni tal-istrateġija l-ġdida kellha tkun akkompanjata mill-kampanji tal-marketing u tal-bejgħ kif ukoll tibdil organizzazzjonali u teknoloġiku fit-tarzna. L-ispiża totali tal-investimenti u inizjattivi ppjanati kienet stmata li tkun ta' PLN 203,9 miljun. L-investimenti u inizjattivi kellhom ikunu implimentati fil-perjodu 2006-2009.

(128) Sabiex tkun indirizzata l-problema ta' assenzi serji u l-ħruġ ta' ħaddiema kwalifikati, l-pjan kien jinkludi żidiet fil-pagi. Dawn kienu jfissru li l-paga medja fl-2011 tkun 28 % ogħla mill-paga medja fl-2006.

(129) Il-pjan ipprovda għal tnaqqis ulterjuri tal-ħaddiema għal 4 298 impjegati sal-2011, permezz ta' tnaqqis fil-ħaddiema ta' madwar 20 % mil-livell tiegħu tal-2006 (5 322) u 53 % fit-total mil-livell tiegħu tal-2001 (8 071). Minkejja dan, ma kienx ċar millpjan jekk dan it-tnaqqis kienx jinkludi redundancies jew trasferimenti lis-sussidjarji.

(130) Miżuri oħra mfassla biex jimmotivaw il-ħaddiema speċjalizzati kienu formulati b'mod ġenerali ħafna: politika ġdida għar-riżorsi tal-bniedem għandha tkun żviluppata, il-livell tal-impjieg ottimu għandu jkun identifikat, is-sistema kurrenti ta' evalwazzjoni għandha tkun riveduta u pjan ta' inċentiv għandu jkun żviluppat. Proġetti simili kienu ppjanati għall-middle management.

(131) Il-pjan kien jinkludi miżuri relatati mal-ottimizzazzjoni tal-politika finanzjarja, bħal per eżempju l-pjan li jkunu introdotti dispożizzjonijiet kuntrattwali li jnaqqsu r-riskj utal-esponiment għal varjazzjonijiet fil-prezzijiet tal-materjali u r-rati ta' skambju (hedging naturali) u l-pjan ta' negozzjazzjoni mal-banek biex ikunu miksuba kuntratti bil-quddiem. Ma kienx hemm evidenza ta' negozzjazzjoni li rnexxiet ta' kuntratti bil-quddiem ma' banek privati.

Ċifri mmirati fl-aħħar tal-previżjonijiet tar-ristrutturar u finanzjarji

(132) Fl-aħħar tal-perjodu ta' ristrutturar fl-2011, il-produzzjoni tat-tarzna kienet mistennija li tilħaq 211 682 CGT kkumparata ma' 213 044 CGT fl-2005.

(133) It-tnaqqis tal-ħaddiema tirriżulta f'żieda fil-produttività minn 34 CGT/impjegat fl-2003 għal 49,3 CGT/impjegat fl-2011. Fit-termini ta' sigħat ta' xogħol /CGT, il-produttività fl-2003 kienet ta' 47. Il-produttività immirata għall-2011 kienet ta' 34 sigħat ta' xogħol/CGT.

(134) Il-pjan ippreveda li l-qligħ fuq il-kapitali impjegat (ROCE), mingħajr ma jkunu kkunsidrati ż-żidiet fil-pagi, ikun ta' medja ta' 19 % p.a. fl-2007-2011, li, kien iddikjaratm kien il-livell ta' qligħ mistenni minn investitur privat. Il-previżjoni li tinkludi ż-żidiet fil-pagi kienet ta' 1,45 % p.a.

(135) Il-pjan inkluda wkoll analiżi ta' sensittività fir-rigward ta' bidliet fir-rati ta' skambju, l-ispejjeż tax-xogħol u l-prezzijiet tal-azzar assunti. Il-pjan analizza l-fatturi li ġejjin: appezzament tal-zloty b'5 % u 10 % matul il-perjodu ta' ristrutturar 2006-2011 (l- ipoteżi ta' bażi hija PLN 3,26/USD), żidiet annwali fil-pagi ta' 7,5 % (l- ipoteżi ta' bażi hija 5 % per annum) u żidiet fil-prezzijiet tal-azzar ta'20 %.

Il-finanzjament ta' operazzjonijiet kontinwi

(136) Il-pjan assuma li l-mudell eżistenti tal-iffinanzjar tal-operazzjonijiet minn pagamenti bil-quddiem tal-proprjetarji tal-bastimenti garantit minn KUKE, garanziji tat-Teżor tal-Istat u self mill-Istat għandu jkun sostitwit minn pagamenti bil-quddiem tal-proprjetarji tal-bastimenti garantiti minn KUKE u minn self kummerċjali.

(137) Il-pjan irrefera għall-finanzjament fil-forma ta' garanziji addizzjonali tat-Teżor tal-Istat fuq self ta' USD 35 miljun għall-2006 u l-2007 u USD 25 miljun għall-2008 u l-2009. Huwa ppreveda wkoll is-sostituzzjoni tal-garanziji ta' KUKE b'garanziji miksuba fis-suq u l-kisba ta' self kummerċjali. Il-pjan ta' ristrutturar tal-2006 identifika biss kuntratt wieħed ta' garanzija li rnexxa. Il-pjan kien jipprevedi l-kontinwazzjoni tal-użu ta' garanziji ta' KUKE b'limitu medju annwali ta' USD 200 miljun.

Spejjeż ta' ristrutturar

(138) Il-pjan assuma spejjeż ta' ristrutturar ta' PLN 374.7 miljun u spejjeż operazzjonali matul il-perjodu ta' ristrutturar ta' PLN 11 120 miljun. Dawn iż-żewġ ċifri kienu għall-perjodu 2002-2009. L-ispiża tal-inizjattivi u l-investimenti ppjanati kienet stimata għal PLN 203,9 miljun. Ir-ristrutturar finanzjarja kienet dikjaratat li hija lesta, minbarra tneħħija mill-kontijiet ta' kontabbiltà ta' PLN 20,7 miljun.

Kontribuzzjoni proprja, sorsi oħra ta' finanzjament

(139) Ir-ristrutturar kellha tkun iffinanzjata minn fondi esterni fl-ammont ta' PLN 190 miljun, inkluż PLN 95 miljun minn żieda fil-kapital tal-ishma tat-tarzna peremzz ta' kwistjoni ta' ishma ġodda li għandhom ikunu mixtrija minn investitur privat. Riżoluzzjoni fuq iż-żieda tal-kapital tal-ishma kienet adottata permezz ta' laqgħa straordinarja tal-azzjonisti. F'Settembru 2006, sottoskrizzjoni għal ishma ġodda għall-valur ta' PLN 95 miljun fissret akkwista ta' sehem ta' 21 % f'SSN, il-bqija baqgħy għand l-Istat.

(140) Il-PLN 95 miljun l-oħra kellhom jiġu minn self ta' investiment fit-tul, kif ukoll minn sors privat. Skont il-previżjoni finanzjarja, iż-żieda fil-kapital kif ukoll is-self ta' investiment fit-tul kellhom ikunu implimentati fil-perjodu 2006-2009.

(141) Barra minn hekk, il-pjan kien jgħodd bħala kontribuzzjoni proprja PLN 165,9 miljun ta' kreditu tan-negozju, li ma kienx hemm deskrizzjoni ulterjuri tiegħu.

(142) Il-pjan iddikjara li pagament addizzjonali minn proprjetarji tal-bastimenti ta' PLN 628,7 miljun wara n-negozzjament mill-ġdid tal-kuntratti għandu jkun ikkunsidrat bħala kontribuzzjoni proprja.

(143) Il-pjan iddependa fuq il-finanzjament ta' operazzjonijiet kontinwi minn self kummerċjali u pagamenti minn quddiem tal-proprjetarji tal-bastimenti mhux garantiti minn KUKE, li l-valur totali tagħhom matul il-perjodu ta' ristrutturar 2002-2009 kien proġettat li jkun ta' PLN 3 200 miljun.

(144) Il-pjan assuma li fluss futur tal-flus ta' PLN 399 miljun għandu jkun użat parzjalment (PLN 14,5 miljun) għal investiment u parzjalment għal attività operazzjonali. Madankollu, il-pjan irrikonoxxa espliċitament li dan ma kinx jikkostitwixxi fondi proprji skont it-tifsira tal-linji gwida Komunitarji applikabbli.

Miżuri kompensatorji

(145) Skont il-pjan ta' ristrutturar, miżuri kompensatorji kienu implimentati minn SSN fil-forma ta' tnaqqis ta' kapacità li tirriżulta mill-fatt li SSN ma kinitx xtrat proporzjoni sinifikanti tal-assi u tal-ħaddiema ta' SSPH wara l-falliment tagħha. Fl-2001, jiġifieri qabel il-falliment ta' SSPH, dik il-kumpanija allegatament mella kapaċità ta' produzzjoni annwali massima ta' 345 600 CGT, wara li kellha kapaċità ta' produzzjoni massima ta' 322 000 CGT fl-1995-1999 (il-produzzjoni annwali medja f'dan il-perjodu hija ta' 244 000 CGT). Il-pjan ta' ristrutturar ddikjara li l-kapaċità kurrenti ta' SSN kien 255 720 CGT. Għalhekk, skont il-pjan, it-tnaqqis tal-kapaċità kien jammonta għal kważi 100 000 CGT.

2.6 *PJAN TA' RISTRUTTURAR TA' ĠUNJU 2008*

(146) Mostostal hija kumpanija stabbilita fil-Polonja, li tappartjeni 100 % lill-grupp-KEM. Il-kumpanija tipproduċi strutturi tal-azzar ta' diversi tipi (pontijiet, krejnijiet, bini eċċ). Preċedentement kumpanija li tappartjeni lill-istat, kienet privatizzata fl-1992, u ilha mill-2003 tappartjeni fil-grupp industrijali KEM tal-familja. KEM huwa attic fl-ipproċessar u fin-negozju ta' skrepp tal-azzar u negozju bl-imnut fi prodotti metallurġiċi, bħal ma huma dawk prodotti minn Mostostal. Il-qligħ ta' KEM fl-2007 kien ta' PLN 700 miljun (EUR 207 miljun), li minnhom PLN 100 miljun (EUR 30 miljun) kienu ġenerati minn Mostostal.

(147) L-istrateġija ewlenija tan-negozju kienet id-diversifikazzjoni tat-tarzna f'żewġ attivitajiet prinċipali: kostruzzjoni tal-azzar u bini tal-bastimenti. Dan kien sabiex titnaqqas il-vulnerabbiltà tat-tarzna għal varjazzjonijiet fis-suq tal-bini tal-bastimenti. Ir-ristrutturar tal-prodott kellha sseħħ f'żewġ fażijiet. Fl-ewwel fażi, sal-bidu tal-2009, it-tarzna għandha tlesti l-ktieb tal-ordnijiet eżistenti tagħha tal-bastimenti u tibda x-xogħol fuq il-kostruzzjoni tal-azzar. Fit-tienit fażi, in-negożju tal-kostruzzjoni tal-azzar għandu jespandi, bl-għan finali li tkun użata 50 % tal-kapaċità tal-produzzjoni, u l-50 % l-oħra għandha tkun użata għall-bini tal-bastimenti.

(148) Rigward in-negozju tal-bini tal-bastimenti, Mostostal ibbaża l-pjan tiegħu fuq shubija mal-bennejja tal-bastimenti Norveġiża Ulstein. Fis-7 ta' Lulju 2008 iż-żewġ kumpaniji ffirmaw ittra ta' intenzjoni li fiha ftiehmu li jinnegozjaw dwar ftehim ta' kooperazzjoni possibbli. Il-kooperazzjoni kellha tikkonsisti prinċipalment fil-fatt li Ulstein tuża parti mill-kapaċità ta' SSN.

(149) Rigward in-negozju tal-kostruzzjoni tal-azzar, Mostostal kellha l-intenzjoni li uża l-faċilitajiet ta' produzzjoni f'Szczecin sabiex tespandi l-produzzjoni tagħha stess, u tuża l-aċċess għat-trasport marittimu. Il-pjan kien ottimistiku dwar l-iżvilupp tas-suq Pollakk għal strutturi tal-azzar, u kien jipprevedi b'mod partikolari investiment fuq skala kbira ta' infrastruttura fil-Polonja. Rigward in-negozju tal-bini tal-bastimenti, il-pjan ippreveda l-kostruzzjoni ta' bastimenti tat-tip ro-pax u bastimenti b'diversi għanijiet, skont l-argument li f'dawn is-segmetni l-prezzijiet kienu fuq "xejra li dejjem iżżid indipendentement mill-evoluzzjoni tas-swieq tal-bini tal-bastimenti".

(150) Il-pjan ippreveda r-ristrutturar tal-assi li tikkonsisti fil-fatt li jkunu mwarrba madwar 30 % tas-superfiċji tal-produzzjoni kurrenti għal attivitajiet oħra li mhumiex ewlenin, inkluż kiri lil terza persuna. Skala waħda, Wulkan 1, kellha tkun mneħħija mill-produzzjoni tal-bini tal-bastimenti u użata għall-kostruzzjoni tal-azzar għal finijiet li mhumiex tal-bini tal-bastimenti. Dan kien ippreżentat fil-pjan bħala miżura kumpensatorja.

(151) Il-pjan ippreveda investiment ta' PLN 264 miljun fl-2008-2012 u investiment addizzjonali ta' PLN 90 miljun fl-2013-2018. Il-pjan niżżel l-istima tal-investimenti u tal-flus iffrankati fit-termini ta' sigħat ta' xogħol u spejjeż operazzjonali. Madankollu, semma wkoll li fit-12 ta' Ġunju 2008 it-tarzna kienet ikkonkludiet ftehim ma' konsulent estern sabiex jipprepara pjan għall-modernizzazzjoni tat-tarzna, inkluż l-identifikazzjoni tal-investimenti neċessarji.

(152) Il-pjan ta' ristrutturar ppreveda ż-żieda fil-ħaddiema b'14 % għal 5 010 impjegati fl-2012.

(153) Huwa assuma li l-bini tal-bastimenti għandu jkun iffinanzjat minn pagamenti bil-quddiem minn propretarji tal-bastimenti ta' 80-90 % tal-prezz tal-bejgħ.

(154) Skont il-pjan, is-suċċess tar-ristrutturar jiddependi fuq irriċeviment mit-tarzna ta' għajnuna addizzjonali mill-istat. Dan ippreveda diversi injezzjonijiet tal-kapital u skambju ta' dejn-għall-ekwità li għandu jkun mogħti mit-Teżor tal-Istat jew korpijiet pubbliċi subordinati, tal-valur ta' total ta' PLN 588 miljun. Dan inkluda l-injezzjoni tal-kapital ta' PLN 145 miljun minn ARP deċiż fl-Ġunju 2008. Barra minn hekk, il-pjan ippreveda l-kisba ta' self ta' USD 32 miljun (PLN 68 miljun) minn ARP. Fl-aħħarnett, il-pjan ippreveda wkoll garanziji ta' pagamenti bil-quddiem oħra minn KUKE ta' valur nominali ta' PLN 431 miljun.

(155) L-investitur kien iddikjara li kien lest li jagħmel injezzjoni tal-kapital ta' PLN 149.5 miljun sabiex jiffinanzja parti mill-programm ta' investiment għall-2008-2012. Il-parti li jibqa; tal-programm ta' investiment għal dan il-perjodu kellha tkun ffinanzjata mill-fluss tal-flus tat-tarzna.

(156) Fl-aħħarnett, il-pjan ippreżenta projezzjonijiet finanzjarji għall-perjodu tar-ristrutturar 2008-2012, li juru ritorn għall-profitabbiltà fl-2010. Il-pjan semma', b'mod ġenerali u mhux appoġġjar minn evidenza, serje ta' ipoteżi li fuq il-bażi tagħhom il-projezzjonijiet finanzjarji kienu elaborati, iżda ma kienx jinkludi l-mudell finanzjarju użat sabiex wieħed jasal għall-istimi. Il-qligħ fuq l-ekwità miksub fl-2012 ikun, skont il-pjan, madwar 26 %, iżda l-pjan irrikonoxxa li din il-profitabbiltà apparentament għolja kienet riżultat tal-fatt li l-ekwità tibqa' baxxa minħabba telf akkumulat minn snin preċedenti. Xenarju iktar realistiku, li ma jikkunsidrax telf akkumulat, kien li l-qligħ fuq l-ekwità għandu jilħaq 7.6 % fl-2011 u 9.8 % fl-2012, li, skont il-pjan, ifisser profitabbiltà marġinali għall-investiment previst.

(157) Il-karta tal-bilanċ proġettata uriet li l-valur ta' assi fissi għandu jżid minn madwar PLN 100 miljun fl-2008 għal PLN 200 miljun fl-2012.

2.7 *PJAN TA' RISTRUTTURAR TAT-12 TA' SETTEMBRU 2008*

(158) Il-pjan ta' ristrutturar tat-12 ta' Settembru 2008 kien ibbażat fuq ipoteżi simili għal dawk tal-pjan ta' Ġunju 2008. Id-diversifikazzjoni tal-attivitajiet baqgħet l-iktar idea strateġika importanti u s-suċċess tar-ristrutturar kellu jkun miksub permezz ta' kooperazzjoni bejn Mostostal u Ulstein, permezz tal-għaqda tal-esperjenza tagħhom fis-setturi tal-kostruzzjoni tal-azzar u tal-bini tal-bastimenti. Meta kkumparat mal-verżjoni ta' Ġunju, il-pjan rivedut ta' ristrutturar kien iktar żviluppat fir-rigward ta' xi miżuri ta' ristrutturar u l-implimentazzjoni prattika tad-diversifikazzjoni assunta tal-attivitajiet; dan huwa rifless fir-ristrutturar ppjanata organizzazzjonali u korporattiva (ara tabella 2 hawn taħt).

(159) Il-pjan assuma li t-tarzna eżistenti, imsemmija mill-ġdid "SSN Nowa", tlesti l-produzzjoni tal-bastimenti li jagħmlu t-telf fil-ktieb tal-ordnijiet kurrenti u imbagħad tkun stralċjata. L-assi tat-tarzna jkunu mibjugħa lil tliet kumpaniji ġodda: SSN Mostostal (li tappartjeni totalment lil Mostostal), SSN Ulstein (li tappartjeni totalment lil Ulstein) u SSN Wspólna (li tappartjeni totalment lil Mostostal u Ulstein, kull waħda għandha 50 % tal-ishma). Barra minn hekk, l-uffiċċju tad-disinn kurrenti jsir kumpanija separata msejħa SSN Biuro Projektowe. Il-pjan ippreveda li fl-2010 Mostostal twaqqaf kumpanija ġdida oħra, SSN Odra, li tkompli l-bini tal-bastimenti kurrenti tat-tarzna u tipproduċi bastimenti ro-pax, ro-ro, u con-ro u tankijiet tal-kimika.

Tabella 2

Ristrutturar korporattiva ta' SSN prevista fil-pjan ta' ristrutturar tat-12 ta' Settembru 2008

	Proprjetà	Attività	Injezzjonijiet tal-kapital (PLN miljun)	Qligħ (PLN miljun)	Ħaddiema	Programm ta' investiment (PLN miljun)
SSN Nowa	100 % Mostostal	Bini tal-bastimenti – ktieb tal-ordnijiet kurrenti	434 (għajnuna mill-istat)	Fl-2009: 680 Fl-2010: 1 000 Wara: 0	4 011 fl-2009, mira – 0	Xejn
SSN Mostostal	100 % Mostostal	Kostruzzjoni tal-azzar	80	148 (10 %)	297 fl-2009, mira – 352	59
SSN Ulstein	100 % Ulstein	Bini tal-bastimenti – bastimenti barra mill-kosta	67,3	155 (11 %)	150	10
SSN Wspólna	50 % Mostostal, 50 % Ulstein	Fabbrikazzjoni minn qabel tal-azzar	95	370-400 (28 %)	1 062 fl-2009, mira – 663	34,5
SSN Biuro Projektowe	50 % Mostostal, 50 % Ulstein	Disinn	0,2	9 (0,6 %)	150	0,5
SSN Odra	100 % Mostostal	Bini tal-bastimenti – ro-pax, ro-ro, tankijiet tal-kimika	0,2	600-700 (49 %)	835 fl-2010, mira - 500	Xejn
Total			434 mill-Istat u 242,7 minn investituri	1 412	1 815	104

(160) Il-pjan assuma li SSN Nowa u SSN Odra, il-kumpaniji li kellhom ikomplu l-attività kurrenti tal-bini tal-bastimenti tat-tarzna, ma jkollhom ebda assi u jagħmlu subkuntratt għall-fabbrikazzjoni minn qabel tal-azzar lil SSN Wspólna u jużaw il-kapaċità ta' SSN Mostostal jew SSN Ulstein għall-bini u forniment ta' bastimenti. Il-pjan ma ddeskriviex kif din id-diviżjoni tal-kapaċitajiet għandha tkun amministrata fil-prattika jew fuq liema termini l-kapaċità tkun magħmula disponibbli lil SSN Nowa u iktar tard lil SSN Odra.

L-istrateġija tas-suq

(161) Iż-żewġ kumpaniji SSN Ulstein u SSN Mostostal kellhom jidħlu fi swieq ġodda li SSN ma kellha ebda esperjenza fihom; minkejja dan, il-pjan ma kienx jipprovdi analiżi ta' dawn is-swieq.

(162) Il-pjan spjega li Ulstein preżentament għamlet subkuntratt tal-produzzjoni tal-bwieq iżda kellha l-intenzjoni li tikkontrolla l-istadji tal-bidu tal-produzzjoni wkoll u għalhekk, billi takkwista kapaċità f'Szczecin, tikseb integrazzjoni vertikali tal-proċess ta' produzzjoni. SSN Ulstein ippermettiet kurva tat-tagħlim raġonevoli u ppjanat li tibni l-bwieq għall-ewwel u imbagħad bastimenti barra mill-kosta semi-mgħammra u mgħammra totalment. Il-pjan ma pprovdiex dettalji rigward l-ammont ippjanat ta' produzzjoni, prezzijiet assunti tal-bwieq/bastimenti, spejjeż, profitabbiltà, eċċ.

(163) Ir-raġunijiet għall-investiment ta' Mostostal fit-tarzna ta' Szczecin baqgħu l-istess bħal fil-pjan ta' ristrutturar ta' Ġunju 2008. L-għan tal-investitur kien li jespandi l-kapaċità tiegħu fil-produzzjoni tal-istrutturi tal-azzar u li jikseb aċċess dirett għat-trasport bl-ilma, li jnaqqas l-ispejjeż tat-trasport tiegħu billi jippermetti t-trasport tal-istrutturi ikbar u li huma kompletament mibnija. L-ammont ta' produzzjoni ppjanat, il-prezzijiet assunti, l-ispejjeż, il-marġni, eċċ. ma kinux deskritti.

(164) Il-pjan ma kienx jipprevedi r-ristrutturar ta' SSN Nowa, peress li assuma li din tkun stralċjata wara li jkunu lesti l-bastimenti li jagħmlu telf fil-ktieb tal-ordnijiet kurrenti. Il-pjan kien jinkludi analiżi tas-suq tas-settur tal-bini tal-bastimenti, li, madankollu, kien jirreferi fil-parti l-kbira għal segmenti fis-suq li fihom it-tarzna ma kinitx qed tippjana li tkun attiva fil-futur.

(165) Il-pjan ma kienx jinkludi pjan ta' azzjoni għal SSN Odra. Fir-rigward tal-istrateġija ta' SSN Odra, il-pjan assuma li l-kumpanija tikseb kuntratti profitabbli minn Polska Żegluga Morska li tappartjeni lill-istat (Kumpanija Pollakka tal-Bastimenti li jaħdmu bl-Istim) għall-produzzjoni ta' bastimenti tal-passiġġieri ta' ro-pax. Barra minn hekk, SSN Odra tista' tikkunsidra l-produzzjoni ta' verżjoni militari ta' dawn il-bastimenti, iżda ma kinitx ippreżentata informazzjoni ulterjuri dwar dan is-suġġett.

(166) Fl-aħħarnett, SSN Wspólna kellha prinċipalment tipprovdi servizzi lill-kumpaniji l-oħra. Il-pjan għamel stima li l-kapaċità ta' pproċessar tal-azzar ta' SSN Wspólna tkun ta' 74 elf tunnellata. SSN Ulstein ikollha bżonn 15-20 elf tunnellata u SSN Mostostal 12-15 elf tunnellata. Il-pjan ippreveda li madwar 30 elf tunnellata ta' azzar għandhom ikunu allokati għall-attività tal-bini tal-bastimenti minbarra dawk ta' SSN Ulstein. Barra minn hekk il-pjan issuġġerixxa li l-kapaċità li jifdal ta' SSN Wspólna (9-17 elf tunnellati ta' azzar, jiġifieri 12-23 % tal-kapaċità) għandha tkun użata għal subkuntratti ma' kumpaniji oħra, iżda ma ddeskriviex is-suq immirat, id-domanda jew liema profitabbiltà tista' tkun miksuba.

(167) Minbarra r-ristrutturar organizzazzjonali, il-pjan ippreveda ristrutturar ta' assi, ristrutturar finanzjarja u tnaqqis sinifikanti tal-ħaddiema.

(168) Il-pjan ippreveda investiment totali ta' PLN 104 miljun f'SSN Ulstein, SSN Mostostal u SSN Wspólna. Barra minn hekk, SSN Nowa għandha tinvesti PLN […] [1] miljun fir-rilokazzjoni ta' xi assi ta' produzzjoni sabiex teħles art, li l-bejgħ tagħha jkun sabiex tiġġenera flus għar-ristrutturar.

(169) Fir-rigward tal-għeluq ippjanat ta' skala waħda, il-pjan tat-12 ta' Settembru (bħall-pjan ta' Ġunju) iddikjara li l-pjan Wulkan 1 ma jkunx użat għall-bini tal-bastimenti iżda għall-produzzjoni ta' strutturi tal-azzar minn SSN Mostostal.

(170) Fit-termini ta' impjieg, il-pjan ippreveda tnaqqis ta' kważi 60 %, sa 1 815 impjegati.

(171) Il-projezzjonijiet finanzjarji urew li SSN Ulstein kellha tibda attività fl-2009 u tibda tagħmel profitt fl-2010. SSN Mostostal u SSN Wspólna kienu mistennija li jibdew joperaw fl-2009 u jibdew jagħmlu profitt mal-ewwel. SSN Odra tibda l-produzzjoni tal-bini tal-bastimenti fl-2010 u, skont il-projezzjonijiet finanzjarji, tagħmel profitti immedjatament.

(172) Il-dħul proġettat fuq il-bejgħ fil-każ ta' SSN Ulstein kien ta' 6 %, li l-pjan ikkunsidra suffiċjenti. Għal SSN Odra d-dħul fuq il-bejgħ fl-ewwel sena tal-produzzjoni ikun ta' 11 % (dan isewgi minn żewġ kuntratti profitabbli ħafna li jseħħu dik is-sena) u jonqos għal 7-8 % fis-snin ta' wara. SSN Mostostal assumiet dħul fuq il-bejgħ ta' 6-9 % fl-2009-2011 u 11 % fl-2012. Id-dħul fuq il-bejgħ għal SSN Wspólna u SSN Biuro Projektowe ikun marġinali: 0,4 % fil-perjodu kollu għal SSN Wspólna u 1,6 % għal SSN Biuro Projektowe. Skont il-pjan dan id-dħul baxx fuq il-bejgħ għal dawn iż-żewġ kumpaniji ikun ir-riżultat ta' marġni baxxi u kien ġustifikat peress li dawn kienu kumpaniji ta' servizzi li jaħdmu għall-kumpaniji li jipproduċu prodotti finali l-iktar billi jużaw materjali provduti mill-prinċipali.

[1] Partijiet minn dan it-test kienu mħassra biex ma jikxfux informazzjoni kunfidenzjali; huma indikati permezz ta' serje ta' dots bejn brackets forma ta' kaxxa.

(173) SSN Nowa kellha tlesti l-produzzjoni tal-bastimenti li jagħmlu t-telf fil-ktieb tal-ordnijiet kurrenti tat-tarzna, u dan kien ifisser li hi tkompli tagħmel telf fil-perjodu kollu sakemm tkun stralċjata. L-mplimentazzjoni tal-pjan għal-hekk kien jiddepenfi fuq l-għajnuna mill-istat addizzjonali ta' PLN 430 miljun mogħtija sabiex tkopri telf futur ta' SSN Nowa. Meta kkumparat mal-pjan ta' Ġunju, li ppreveda injezzjoni tal-kapital mill-Istat ta' PLN 588 miljun u self ta' PLN 68 miljun, l-ammont meħtieġ ta' għajnuna mill-istat kien jidher inqas. Madankollu, l-Kummissjoni innotat li sadanittant skambju ta' dejn għall-ekwità minn korpi pubbliċi (ARP u KPS) għall-ammont ta' PLN 130 miljun kien implimentat f'Awwissu 2008.

2.8 *MIŻURI KUMPENSATORJI*

(174) Wara ftehim ta' Diċembru 2006 bejn l-awtoritajiet Pollakki u l-Kummissjoni, il-Kummissjoni bdiet diskussjonijiet intensivi mal-awtoritajiet Pollakki u SSN sabiex tiddetermina l-miżuri kumpensatorji neċessarji.

(175) B'kooperazzjoni mal-konsulent estern tagħha u t-tarzna, il-Kummissjoni ddefiniet il-metodoloġija li ġejja għall-evalwazzjoni tat-tnaqqis tal-kapaċità proposta mill-Polonka bħala miżura kumpensatorja.

(176) Sabiex il-miżuri kumpensatorji jkunu importanti, it-tnaqqis tal-kapaċità kellha tkun suffiċjenti biex tiżgura li l-kapaċità futura tat-tarzna wara r-ristrutturar tkun inqas mill-kapaċità kurrenti tagħha.

(177) Il-Kummissjoni l-ewwel evalwat il-kapaċità teknika kurrenti tat-tarzna, filwaqt li assumiet li l-bini tal-bastimenti fuq l-iskali kien jikkostitwixxi waħda mill-intoppi fil-proċess ta' produzzjoni tat-tarzna, li ma tistax tkun issuperata faċilment permezz ta' sottokuntratti. Skont il-metodoloġija użata mill-Kummissjoni, li ma kinitx ikkontestata mill-awtoritajiet Pollakki jew mit-tarzna, il-kapaċità hija kkalkulata permezz tad-dewmien tal-bini fuq skala u firxa tipika ta' bastimenti (peress li l-bastimenti jistgħu jvarjaw fil-valur CGT iżda jieħdu l-istess ħin biex ikunu mibnija).

(178) Il-kalkolu tal-kapaċità kurrenti kkunsidra l-ħin *attwalment* meħtieġ sabiex ikunu mibni (ċertu tip ta') bastiment fuq skala. Dan il-ħin kellu jirrifletti n-nuqqasijiet kurrenti fil-proċess ta' produzzjoni, e.ż. produttività baxxa, intoppi, assi li m'għadhomx jintużaw, fluss ta' produzzjoni ineffiċjenti u problemi bil-ħaddiema. L-effetti tal-limiti finanzjarji biss li jirriżultaw mis-sitwazzjoni finanzjarja diffiċli tat-tarzna jistgħu jkunu mnaqqsa mill-ħin tal-bini. Aċċess irregolari jew ebda aċċess għall-kapital tax-xogħol jista' jostakola b'mod serju l-proċess ta' produzzjoni. Peress li dan huwa fattur estern, inerenti għall-kumpanijiet kollha f'diffikultajiet finanzjarji u mhux konness mal-ineffiċjenza tal-kumpanija nfisha, l-Kummissjoni aċċettat li l-*prestazzjoni attwali* tat-tarzna tista' tkun aġġustata permezz tal-ipoteżi ta' aċċess faċli għall-kapital tax-xogħol.

(179) L-istima tal-kapaċità futura kkunsidrat il-ħin *probabbilment* meħtieġ għall-bini ta' (ċertu tip ta') bastiment fuq skala, fuq l-ipoteżi li l-produttività tat-tarzna kienet kumparabbli ma' referenza stabbilita minn tarzni kompetituri Ewropej oħra. Fi kliem oħra, l-effetti tal-modernizzazzjoni neċessarja tal-faċilitajiet u l-ottimizzazzjoni tal-kundizzjonijiet tax-xogħol (organizzazzjoni, finanzi, provvisti, ħaddiema) kellhom ikunu kkunsidrati.

(180) Din il-modernizzazzjoni ma tistax tkun evitata jekk it-tarzna xtaqet tistabbilixxi mill-ġdid il-vijabbiltà fit-tul tagħha. Iż-żieda assoċjata fil-produttività tippermetti lit-tarzna kemm li tnaqqas l-input tagħha kif ukoll li tipproduċi b'mod iktar veloċi. Jekk ikun hemm titjib fl-aspetti diversi tal-produzzjoni, il-kapaċità, fis-sens tal-abbiltà li jkun prodott ċertu ammont, iżżid. Huwa għalhekk importanti li jkun innutat li l-għeluq ta' xi faċilitajiet, bħall-għeluq propost ta' skala waħda fit-tarzna ta' Szczecin, jista' jkun paċut minn żieda fil-kapaċità tal-parti li jibqa' tal-baċir. Jekk il-miżuri kumpensatorji kellhom jibqgħu importanti, it-tnaqqis tal-kapaċità kellha tkun waħda li l-kapaċità tat-tarzna fit-tmiem tar-ristrutturar, jiġifieri wara titjib fl-investiment u fil-produttività, kienet inqas mill-kapaċità kurrenti tagħha. B'dan il-mod biss jistgħu jkunu rrikonċiljati ż-żewġ għanijiet tal-kisba ta' vijabbiltà fit-tul, li kienet tinkorpora żieda fil-produttività, u l-minimizzazzjoni kemm jista' jkun tal-effetti negattivi fuq in-negozju.

(181) Sabiex tkun żgurata l-konsistenza fil-kalkolu ta' kemm il-kapaċità kurrenti kif ukoll ta' dik futura, l-istess taħlita tal-prodott għandha tkun użata, jiġifieri l-istess tipi ta' bastimenti. Alternattivament, wieħed jista' juża bħala sostitut "bastiment medju" (jiġifieri valur medju CGT, b'kunsiderazzjoni tal-ktieb tal-ordnijiet tat-tarzna).

(182) Fuq il-bażi tal-informazzjoni sottomessa minn SSN, il-kapaċità kurrenti tagħha meta topera b'limiti finanzjarji kienet stimata għal bejn 177 elf CGT u 202 elf CGT, skont jekk il-produzzjoni tat-tarzna kellhiex tinkludi tankers tal-kimika jew le. Il-kapaċità tat-tarzna mingħajr limiti finanzjarji kienet 208 elf CGT (9,15 bastimenti) jekk il-produzzjoni tagħha kellha tinkludi tankers tal-kimika u 238 elf CGT (10,7 bastimenti) jekk ma kellhiex tinkludi tankers tal-kimika.

(183) It-tarzna ddikjarat li l-investiment previst fil-pjan ta' ristrutturar tal-2006 ma jkollu l-ebda impatt fuq il-ħin tal-bini iżda pjuttost ifisser tnaqqis fl-ispejjeż. Hija spjegat ukoll li filwaqt li ftit mill-investimenti jistgħu potenzjalment inaqqsu l-ħin tal-bini, dan l-effett jista' jkun paċut minn bidla importanti fil-metodu tal-produzzjoni, li jikkonsisti f'forniment preċedenti. It-tarzna spjegat ukoll li sabiex tnaqqas b'mod sinifikanti l-ħin tal-bini għandu jkun neċessarji li tinvesti fl-iskali nfushom. It-tarzna kkwantifikat dan l-investiment għal EUR 200 miljun, ammont li huwa b'mod ċar oltre l-baġit tat-tarzna.

(184) Għalhekk kapaċità futura jekk ebda faċilità ma tkun magħluqa tkun identika għall-kapaċità kurrenti max-xenarju ta' ebda limiti finanzjarji, jiġifieri 208 elf CGT jekk il-produzzjoni kellha tinkludi tankijiet tal-kimika u 238 elf CGT mingħajr tankijiet tal-kimika.

(185) Wara l-għeluq tal-iżgħar skala (Wulkan 1), il-kapaċità tat-tarzna tkun bejn 149 elf CGT (6,25 bastimenti) għall-medda l-inqas CGT-intensiva (bit-tankers tal-kimika) u 178 elf CGT (7,8 bastimenti) għall-medda l-iktar CGT intensiva (mingħajr tankers tal-kimika).

(186) Fuq il-bażi ta' dawn iċ-ċifri, il-Kummissjoni sabet li t-tnaqqis fil-kapaċità wara l-għeluq tal-iskala ż-żgħira jkun ta' bejn 25 % u 46 %, skont liema taħlita tal-prodott tkun assunta. Fuq din il-bażi u peress li l-għeluq ta' skala oħra ifisser tnaqqis fil-kapaċità ta' mill-inqas 59 %, il-Kummissjoni provviżorjament ikkonkludiet li l-għeluq tal-iżgħar skala, Wulkan 1, proposta mill-Polonja tkun miżura kumpensatorja suffiċjenti.

2.9 *MIŻURI TA' GĦAJNUNA*

(187) Il-Kummissjoni bdiet proċedura ta' investigazzjoni formali rigward il-miżuri ta' għajnuna deskritti fil-parti B tal-anness tad-deċiżjoni. Din kienet tinkludi injezzjoni tal-kapital u żewġ garanziji ta' prestazzjoni li għandhom ikunu mogħtija minn ARP u diversi differimenti u tneħħija mill-kotba tal-kontabbiltà ta' taxxa tal-proprjetà mill-Belt ta' Szczecin. Il-valur nominali ta' dawn il-miżuri kien ta' PLN 126 524 652.

(188) Il-Polonja infurmat lill-Kummissjoni li ż-żewġ garanziji ta' prestazzjoni mniżżla bħala miżuri 62 u 63 fil-parti B tal-anness tad-deċiżjoni li tibda l-proċedura ta' investigazzjoni formali ma kinux ġew mogħtija [1]. Il-Polonja infurmat lill-Kummissjoni wkoll li t-tneħħija mill-kontijiet tal-kontabbiltà tat-taxxa tal-proprjetà mniżżla bħala miżuri 64 u 68 fil-parti B tal-anness tad-deċiżjoni li tibda proċedura ta' investigazzjoni formali kienet posposta [2].

(189) It-tabella 3 hawn taħt turi l-miżuri mogħtija bejn l-1 ta' Mejju 2004, id-data tal-adeżjoni tal-Polonja fl-UE, u tat-30 ta' Ġunju 2007. Il-Polonja nnotifikat dawn il-miżuri permezz ta' ittra tal-11 ta' Lulju 2007. Il-valur nominali tagħhom huwa ta' PLN 259 560 990. Il-miżura 1 tikkorrispondi għall-miżura 61 fil-parti B tal-anness tad-deċiżjoni tal-bidu tal-proċedura ta' investigazzjoni formali.

(190) It-tabella 3 tinkludi self minn KPS użati għall-finanzjament tal-bżonnijiet tal-kapital tax-xogħol tat-tarzna. Fl-ittri tal-11 ta' Lulju 2007 u tad-9 ta' Jannar 2008 il-Polonja ddikjarat li dan is-self ma kienx jikkostitwixxi għajnuna mill-istat għax l-interessi imposti kienu jikkorrispondu għall-evalwazzjoni tar-riskju tal-proġett partikolari li għalih kien imfittex is-self.

(191) Għal dan is-self mogħti fl-2005-2007, KPS imponiet rata ta' interessi ta' ftit iktar minn 6 %. Ir-rata ta' referenza għall-Polonja fil-perjodu fejn is-self tal-KPS kienu provduti lit-tarzna varjat minn 5,56 % sa 6,24 %. Barra minn hekk, KPS talbet ħlas ta' tariffa ta' darba ta' bejn 0,1 % u 0,4 %. Skont l-awtoritajiet Pollakki, KPS kienet teħtieġ kollateranli fil-forma ta' aċċettazzjoni ta' infurzar, ftehim fuq iċ-ċessjoni ta' riċevibbli, ordni ta' ħlas mingħajr kundizzjonijiet, bond mhux denominat jew pleġġ tal-assi [3].

(192) KPS kienet maħluqa fl-2004 bħala sussidjarja totali ta' ARP bil-funzjoni ta' fond ta' kapital ta' riskju għal ARP. Ir-rwol primarju tagħha kienet li sservi bħala vettura għall-konsolidazzjoni ta' tliet tarzni ewlenin fil-Polonja, iżda dan il-proġett kien abbandunat fl-2006. Skont l-informazzjoni provduta mill-Polonja fl-2006 [4], KPS kellha tkun iffinanzjata permezz ta' injezzjoni tal-kapital minn ARP, kontribuzzjoni fi flus (ishma f'kumpaniji terzi) provduti minn ARP u self li jiġġedded mill-bank garantit minn ARP, li kienet speċifikament maħsuba biex tappoġġja l-finanzjament tat-tarzni. Skont l-informazzjoni disponibbli fil-websajt tal-Gvern, KPS kellha tappoġġja wkoll operazzjonijiet ta' bini ta' bastimenti fil-Polonja permezz tal-ħruġ ta' bonds totalment garantiti minn ARP. Fil-fatt, id-dokument "Strateġija għas-settur tal-bini tal-bastimenti (tarzni ta' kostruzzjoni marittima) fil-Polonja 2006-2010" [5] jikkonferma li KPS kellha tiġġenera riżorsi minn ħruġ ta' strumenti ta' djun li jiswew madwar 100 miljun USD, assigurati fuq l-assi maħsuba għar-ristrutturar tal-industrija tal-bini tal-bastimenti fil-forma ta' fondi trasferiti mit-Teżor tal-Istat lil ARP.

[1] Ittra tal-11 ta' Lulju 2007.

[2] Ittra tad-9 ta' Jannar 2008.

[3] Ittra tad-9 ta' Jannar 2008, p. 15.

[4] Ittra tas-17 ta' Frar 2006.

[5] Strateġija għas-settur tal-bini tal-bastimenti (tarzni ta' kostruzzjoni marittimi) fil-Polonja 2006-2010, adottata fl-Awwissu 2006, paġna 30.

(193) It-Tabella 4 turi l-appoġġ provdut minn ARP u KPS bejn it-30 ta' Ġunju 2007 u l-15 ta' Frar 2008 u notifikat lill-Kummissjoni wara l-11 ta' Lulju 2007, permezz ta' ittri tas-6 ta' Diċembru 2007 u tat-12 ta' Frar 2008. Hija turi wkoll self addizzjonali minn ARP u KPS li l-Kummissjoni tgħallmet mill-Memorandum ta' Informazzjoni ta' SSN ta' Ġunju 2008 ([1]), il-pjan ta' ristrutturar ta' Mostostal sottomess f'Ġunju 2008 ([2]) u l-pjan ta' ristrutturar sottomess f'Settembru 2008. Il-valur nominali ta' dawn il-miżuri huwa ta' 417 531 254 PLN.

(194) It-tabella 5 turi responsabbiltajiet legali pubbliċi mhux infurzati fil-forma ta' arretrati tat-taxxa tal-proprjetà ta' 12 402 000 PLN għall-perjodu minn Lulju 2003 sa Diċembru 2004. Din il-miżura tikkorrispondi għall-miżuri 64-68 fil-parti B tal-Anness tad-deċiżjoni ta' bidu tal-proċedura ta' investigazzjoni formali.

(195) B'kunsiderazzjoni tas-sitwazzjoni finanzjarja prekarja tat-tarzna, il-Kummissjoni ma tistax ma tikkunsidrax il-possibbiltà li għajnuna mill-istat ulterjuri ta' natura simili kienet mogħtija lil SSN.

(196) Fl-aħħarnett, SSN ibbenefikat minn garanziji ta' produzzjoni minn KUKE (minn issa 'l quddiem imsejħa "garanziji ta' ħlas bil-quddiem" jew "garanziji KUKE"). Pratikament il-produzzjoni tal-bastimenti tat-tarzna kollha mill-1 ta' Mejju 2004 kienet iffinanzjata b'dawn il-garanziji. Fil-perjodu bejn l-1 ta' Mejju 2004 u t-30 ta' Mejju 2008 SSN irċeviet 96 garanziji ta' valur totali ta' 1 928 869 694 PLN ([3]). Fis-sottomissoni tagħha tal-11 ta' Lulju 2007 il-Polonja infurmat lill-Kummissjoni li KUKE għandha tkompli tagħti garanziji lil SSN fil-perjodu sal-aħħar tal-2008. Skont il-pjan ta' ristrutturar sottomess fit-12 ta' Settembru 2008, għaxar garanziji KUKE oħra kienu mogħtija lil SSN għall-ammont totali ta' 429 578 282 PLN fis-26 ta' Ġunju.

(197) Hija karatteristika komuni tal-industrija li t-tarzni tipikament ma jkollhomx biżżejjed kapital tax-xogħol għall-kostruzzjoni tal-bastimenti u jiddependu fuq finanzjament estern, jekk permezz ta' self (l-hekk imsemmija self ta' produzzjoni) jew ta' ħlas bil-quddiem minn proprjetarji tal-bastimenti, li l-produzzjoni tkun iffinanzjati minnhom. Il-proprjetarji tal-bastimenti tipikament iħallsu 80 % tal-prezz bil-quddiem f'diversi drabi, f'ċerti stadji deċiżivi tal-kostruzzjoni, u l-20 % tiħallas mal-kunsinna. Il-parteċipazzjoni tal-proprjetarji tal-bastimenti fil-finanzjament tal-kostruzzjoni hija għalhekk kruċjali. Ir-rwol tal-garanziji tal-ħlas minn quddiem ta' KUKE provduti lil SSN kien li jiżgura l-ħlas bil-quddiem mill-proprjetarji tal-bastimenti kontra r-riskju tan-nuqqas min-naħa tat-tarzna li tikkonsenja l-bastiment.

(198) Skont l-informazzjoni provduta mill-Polonja, il-garanziji KUKE kienu mogħtija lil SSN kif ġej. L-ewwel, kien iffirmat kuntratt mal-proprjetarju tal-bastiment, u kien tipikament jiddependi fuq il-fatt li t-tarzna turi f'ċertu perjodu ta' żmien li l-finanzjament tal-produzzjoni ikun garantit minn KUKE. KUKE ħarġet deċiżjoni fir-rigward li hi se tiżgura l-finanzjament tal-bastiment kollu billi tiggaratixxi l-ħlas bil-quddiem. Fi ftehim individwali sussegwenti KUKE attivat il-garanzija għal kull ħlas bil-quddiem individwali (tipikament erbgħa). L-esponiment ġenerali ta' KUKE għal nuqqas possibbli tat-tarzna li tikkonsenja hija ġeneralment ta' 80 % tal-prezz tax-xiri totali li jikkorrispondi għall-ħlas totali bil-quddiem mogħti mill-proprjetarju qabel il-kunsinna. Dan l-esponiment ġenerali huwa magħruf meta KUKE toħroġ id-deċiżjoni li tiżgura l-ħlas bil-quddiem magħmula mill-proprjetarju tal-bastiment. Il-garanzija tiskadi fuq il-kunsinna tal-bastiment.

(199) L-operazzjonijiet ta' KUKE bħala aġenzija Pollakka għall-kreditu tal-esportazzjoni huma divesi ([4]), u jistgħu essenzjalment ikunu diviżi fil-parti kummerċjali tan-negozju u n-negozju imwettaq f'isem, u garantit minn, it-Teżor tal-Istat. In-negozju msemmi l-aħħar huwa mwettaq permezz ta' kont tal-bank separat, "Interes Narodowy". Il-garanziji estiżi għal SSN jaqgħu taħt negozju garantit mit-Teżor tal-Istat.

(200) Skont l-informazzjoni provduta mill-Polonja, garanziji KUKE ta' ħlas bil-quddiem kienu mogħtija lil SSN fuq premjum ta' garanzija li varja skont il-valur tal-garanzija. Il-ħlas kien ta' 2 % per annum għal garanziji ta' mhux iktar minn 35 miljun PLN u 1 % per annum għal garanziji ta' iktar minn 35 miljun PLN. Bħala kollaterali KUKE kienet teħtieġ it-trasferiment tal-proprjetà tal-bastiment, il-bastiment taħt kostruzzjoni jew il-materjali.

(201) Jirriżulta mit-Tabelli 3-5 u l-informazzjoni ta' hawn fuq li mill-1 ta' Mejju 2004 SSN ibbenefikat minn miżuri ta' valur nominali totali ta' 3 047 943 120,5 PLN (madwar 896 miljun EUR).

([1]) Anness 1 tal-ittra tas-6 ta' Ġunju 2008.
([2]) Ittra tas-26 ta' Ġunju 2008.
([3]) Il-lista ta' dawn il-garanziji kienet provduta mill-Polonja fl-Anness 11 tal-pjan tar-ristrutturazzjoni ta' Mostostal sottomess fis-26 ta' Ġunju 2008.
([4]) Ara wkoll id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-18 ta' Lulju 2007 fil-Kawża N 105/07, Skema ta' garazija għal kuntratti ta' esportazzjoni, avviż sommarju fil-ĠU C 214, 13.9.2007, p. 3.

Tabella 3

Għajnuna mill-istat mogħtija lil SSN bejn l-1 ta' Mejju 2004 u t-30 ta' Ġunju 2007, data provduta mill-awtoritajiet Pollakki

Nru	Entità li tagħti l-għajnuna	Strument tal-għajnuna	Bażi legali	Numru ta' deċiżjoni jew ftehim	Data tal-għotja	Data ta' effett	Interessi	Perjodu li għalih kienet mogħtija l-għajnuna	Valur nominali ta' għajnuna (f'PLN)
1	2	3	4	5	6	7	8	9	10
1.	ARP	Injezzjoni ta' kapital	Att ta' 15/9/2000 Kodiċi tal-Kumpaniji Kummerċjali (Dz.U. Nru 94, 1037 kif emendat)	Rep. A Nru 4528/2004	21.12.2004	20.6.2005	Mhux applikabbli	Għajnuna ta' darba	61 752 652,83
2.	KPS	Self	Att ta' 23.4.1964 Kodiċi Ċivili (Dz.U. Nru 16, 93 kif emendat)	Ftehim Nru 1/10/2005	13.10.2005	14.10.2005	1M WIBOR + 2 %	13.4.2006	20 000 000,00
3.	KPS	Self	Att ta' 23.4.1964 Kodiċi Ċivili (Dz.U. Nru 16, 93 kif emendat)	Ftehim Nru 1/2/2006	15.2.2006 (annessi: 27.4.2006, 24.8.2006, 26.9.2006, 27.11.2006, 21.12.2006, 31.1.2007)	21.2.2006 27.4.2006 27.9.2006 16.2.2007 21.2.2007 30.3.2007 1.5.2007 31.5.2007	M'hemmx data	31.8.2009	68 405 400,00 (18 000 000,00 USD)
4.	KPS	Self	Att ta' 23.4.1964 Kodiċi Ċivili (Dz.U. Nru 16, 93 kif emendat)	Ftehim ta' 12.1.2007	12.1.2007	3.4.2007 5.4.2007 16.4.2007 26.4.2007 30.4.2007 16.5.2007 31.5.2007	M'hemmx data	31.1.2009	82 902 937,50 (21 375 000,00 USD)
5.	KPS	Self	Att ta' 23.4.1964 Kodiċi Ċivili (Dz.U. Nru 16, 93 kif emendat)	Ftehim Nru 1/2/2007	9.2.2007 (annessi: 29.3.2007, 4.4.2007)	9.2.2007	WIBOR 1M + 2,25 %	27.4.2007	12 200 000,00
6.	KPS	Self	Att ta' 23.4.1964 Kodiċi Ċivili (Dz.U. Nru 16, 93 kif emendat)	Ftehim Nru 2/2/2007	12.2.2007	12.2.2007	WIBOR 1M + 2,25 %	12.8.2007	14 300 000,00
								Total:	259 560 990,33

Tabella 4

Għajnuna mill-istat addizzjonali mogħtija lil SSN mill-30 ta' Ġunju 2007 sat-12 ta' Settembru 2008, data provduta mill-awtoritajiet Pollakki

Nru	Entità li tagħti l-għajnuna	Strument ta' għajnuna	Bażi legali	Data tal-għotja	Valur nominali tal-għajnuna (b'PLN)
1	2	3	4	5	6
7.	KPS	Injezzjoni tal-kapital	Ftehim	7.8.2007	9 999 954,69
8.	KPS	Injezzjoni tal-kapital		7.8.2007	33 999 919,80
9.	ARP	Injezzjoni tal-kapital	Ftehim bejn SSN u ARP dwar għajnuna mill-istat fil-forma ta' injezzjoni tal-kapital	19.9.2008	86 000 151,93
10.	ARP	Self	Att ta' 30/08/1996 dwar kummerċjalizzazzjoni u privatizzazzjoni (Dz. U. 02.171.1397 kif emendat)	5.12.2007	49 000 000,00
11.	ARP	Self	Ftehim OPP/3/08	6.2.2008	41 000 000,00
12.	KPS	Self	Ftehim 1/11/2007	23.11.2007	9 000 000,00
13.	KPS	Self	Ftehim 1/3/2008	5.3.2008	20 000 000,00
14.	ARP	Self	Ftehim OPP/5/08	30.9.2009	32 250 000,00
15.	KPS	Self		12.8.2007	4 709 380,37
16.	ARP	Skamju ta' dejn għal ekwità	Rep. A. Nru 6603/2008, 8014/2008	20.6.2008	110 999 077,11
17.	KPS	Skamju ta' dejn għal ekwità	Rep. A. Nru 6603/2008, 8014/2008	20.6.2008	20 572 770,24
				Total	417 531 254,1

Tabella 5

Responsabbiltajiet pubbliċi legali mhux inforzati wara l-1 ta' Mejju 2004

Nru	Entità li tagħti l-għajnuna	Strument ta' għajnuna	Responsabbiltà	Ammont li għanmdu jithallas (f'PLN)
12.	Il-Belt ta' Szczecin	Differiment	Dejn ta' taxxa fuq il-proprjetà bejn Lulju 2003 u Diċembru 2004	12 402 000,00

3. EVALWAZZJONI

3.1. *KOMPETENZA TAL-KUMMISSJONI*

(202) Punt 3 tal-Anness IV tat-Trattat tal-Adeżjoni jistabbilixxi l-hekk imsemmija proċedura ta' mekkaniżmu interim. Din tikkostitwixxi qafas legali għall-evalwazzjoni ta' skemi ta' għajnuna u miżuri individwali ta' għajuna fis-seħħ fi Stat Membru ġdid qabel id-data tal-adeżjoni tiegħu fl-UE u li għadhom applikabbli wara l-adeżjoni.

(203) Miżuri ta' għajnuna fis-seħħ qabel l-adeżjoni u li m'għadhomx applikabbli wara l-adeżjoni ma jistgħux ikunu eżaminati mill-Kummissjoni, kemm skont il-proċedura ta' mekkaniżmu interim jew skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 88(2) tat-Trattat KE.

(204) Min-naħa l-oħra, miżuri li ma kinux fis-seħħ sa wara l-adeżjoni għandhom ikunu evalwati mill-Kummissjoni bħala għajnuna notifikata jew bħala għajnuna illegali skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 88(2) tat-Trattat KE.

(205) Sabiex tkun stabbilita d-data li fiha ċertu miżura daħlet fis-seħħ, il-kriterju relevanti huwa l-att legalment vinkolanti li bih l-awtorità nazzjonali kompetenti tagħti l-għajnuna ([1]). Jekk att amministrattiv hux legalment vinkolanti jew le hija kwistjoni tal-liġi nazzjonali. Madankollu, il-Kummissjoni għandha, speċjalment f'każijiet marġinali, tkun kapaċi tirrevedi dawn l-atti amministrattivi u tevalwa fuq il-bażi tal-forma u l-kontenut tagħhom jekk setgħux iwasslu għal aspettativi leġittimi min-naħa tal-benefiċjarji inforzabbli quddiem qorti tal-liġi Pollakka. Din il-kapaċità ta' reviżjoni tal-atti amministrattivi nazzjonali hija indispensabbli għall-eżerċizzju tal-kompetenza esklussiva tal-Kummissjoni li tapprova derogi mill-projbizzjoni ġenerali tal-għajnuna mill-istat fir-rigward ta' miżuri fis-seħħ fil-Polonja wara l- 1 ta' Mejju 2004.

(206) Miżura hija applikabbli wara l-adeżjoni jekk daħlet fis-seħħ qabel l-adeżjoni iżda xorta tista' twassal, wara l-adeżjoni, għall-għoti ta' għajnuna addizzjonali jew għal żieda fl-ammont ta' għajuna diġà mogħtija, jiġifieri jekk l-esponiment ekonomiku preċiż tal-Istat ma jkunx magħruf fid-data li fiha l-miżura daħlet fis-seħħ u għadu mhux magħruf fid-data tal-adeżjoni.

(207) Fid-deċiżjoni tagħha ta' bidu tal-proċedura ta' investigazzjoni formali, il-Kummissjoni kkonkludiet, fuq il-bażi tal-informazzjoni provduta mill-Polonja, li serje ta' miżuri notifikati lill-Kummissjoni fil-fatt kienu jikkostitwixxu għajnuna ġdida, li għandha tkun mogħtija wara l-1 ta' Mejju 2004, il-ġurnata tal-adeżjoni tal-Polonja fl-UE. Speċifikament, il-Kummissjoni kkunsidrat li injezzjoni tal-kapital, żewġ garanziji ta' prestazzjoni u tneħħija mill-kontijiet tal-kontabbiltà u differiment ta' responsabbiltà tat-taxxa tal-proprjetà kienu jikkostitwixxu għajnuna ġdida.

(208) L-ewwel nett, il-Polonja infurmat lill-Kummissjoni li żżewġ garanziji ta' prestazzjoni kkontestati (miżuri 62 u 63 fil-parti B tal-Anness tad-deċiżjoni ta' bidu tal-proċedura ta' investigazzjoni formali) fl-aħħar ma kienux mogħtija. Għalhekk dawn mhumiex koperti minn din id-Deċiżjoni.

(209) Fit-tieni lok, il-Polonja kkonfermat li d-dejn tat-taxxa fuq il-proprjetà lill-Belt ta' Szczecin seħħ fil-perjodu bejn Lulju 2003 u Diċembru 2004 (miżuri 64-68 fil-parti B tal-Anness tad-deċiżjoni ta' bidu tal-proċedura ta' investigazzjoni formali) ma kienx infurzat jew imneħħi mill-kontijiet tal-kontabbiltà sa issa. Dan ifisser li r-responsabbiltà kienet għadha fis-seħħ u mhux infurzata oltra d-data ta' adeżjoni. Hija ġurisprudenza stabbilita ([2]) li nuqqas ta' infurzar kontinwu ta' djun pubbliċi legali jista' jikkostitwixxi għajnuna mill-istat, kif se jkun diskuss f'iktar dettall hawn taħt. Dan in-nuqqas ta' infurzar jaqa' b'mod ċar fil-kompetenza tal-Kummissjoni skont l-Artikolu 88 tat-Trattat KE safejn jikkonċerna l-perjodu ta' wara l-adeżjoni. Dawn il-miżuri huma għalhekk koperti minn din id-Deċiżjoni.

(210) Fit-tielet lok, fir-rigward tal-injezzjoni tal-kapital minn ARP (miżura 61 fil-parti B tal-Anness tad-deċiżjoni ta' bidu tal-proċedura ta' investigazzjoni formali), il-kummenti provduti mill-Polonja u minn terzi persuni fuq id-deċiżjoni ta' bidu tal-proċedura ta' investigazzjoni formali ma kkonvinċewx lill-Kummissjoni li din il-miżura ma tikkostitwixxix għajnuna ġdida. Din il-miżura hija għalhekk koperta minn din id-Deċiżjoni.

(211) Il-Kummissjoni tispjega hawn taħt ir-raġunijiet għala ma tistax taċċetta l-argumenti sottomessi mill-Polonja u l-partijiet interessati.

(212) Fir-rigward tal-argument tal-Polonja li l-injezzjoni tal-kapital għandu jkun ikkunsidrat fil-kuntest tal-programm ta' salvataġġ wiesa' tal-Gvern Pollakk għat-tarzna tal-bini tal-bastimenti fil-Polonja, il-Kummissjoni tikkunsidra li dan il-programm governattiv ġenerali ma jistax iwassal għal klejm leġittimu min-naħa ta' SSN li wieħed mill-azzjonisti tiegħu, ARP, għandu jimplimenta l-injezzjoni tal-kapital kollu. Fil-fatt, għal raġunijiet ta' baġit ARP oriġinarjament ma kinitx kapaċi timplimenta l-injezzjoni tal-kapital kollu ddikjarat fil-pjan ta' ristrutturar tal-2003.

([1]) Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza fil-Kawża T-109/01 *Fleuren Compost* v *il-Kummissjoni*, fuq imsemmija, paragrafu.74.

([2]) Opinjoni tal-Avukat Ġenerali Jacobs fil-Kawża C-256/97 *DM Transport* [1999] Ġabra I-3915; Kawża C-480/98 *Spanja* vs *il-Kummissjoni* ("*Magefesa*") [2000] Ġabra I-8717.

(213) Dir-rigward tal-argument tal-Polonja li l-Kummissjoni qed tapplika l-kriterji tal-liġi KE għal avveniment u liġi nazzjonali qabel l-adeżjoni, il-kompetenza tal-Kummissjoni li taġixxi fir-rigward ta' miżuri mogħtija qabel l-adeżjoni hija definita mill-Att ta' Adeżjoni, li huwa vinkolanti fuq il-Komunitajiet u fuq il-Polonja. Il-Kummissjoni interpretat il-kunċett "daħal fis-seħħ qabel l-adeżjoni" b'analoġija mal-kunċett tal-għoti ta' għajnuna ([1]).

(214) Il-Polonja targumenta li approvazzjoni biss tal-pjan ta' ristrutturar u tal-miżuri ta' għajnuna inklużi fih mill-President tal-Uffiċċju għall-Kompetizzjoni u l-Protezzjoni tal-Konsumatur kienet meħtieġa skont il-liġi nazzjonali. Il-Kummissjoni ma tikkunsidrax li din l-approvazzjoni tista' fiha nfisha tkun kwalifikata bħala "it-tqegħid fis-seħħ tal-miżura qabel l-adeżjoni". L-uffiċċju tal-kompetizzjoni nazzjonali ivverifika l-kumpatibbiltà tal-għajnuna mal-leġiżlazzjoni nazzjonali ta' għajnuna mill-istat iżda, bħal meta l-Kummissjoni tirrevedi għajnuna mill-istat skont l-Artikolu 88 tat-Trattat KE, l-approvazzjoni tiegħu ma ħoloqx aspettativi leġittimi taħt il-liġi nazzjonali li l-għajnuna kienet attwalment se tkun mogħtija.

(215) Il-Polonja tikkunsidra wkoll li huwa fatt mhux ikkontestat li l-injezzjoni tal-kapital provdut fil-pjan ta' ristrutturar tal-2003 kien miftiehem bejn SSN u ARP. Kif iddikjarat il-Kummissjoni fid-deċiżjoni tagħha li tibda l-proċedura ta' investigazzjoni formali, l-għajnuna hija kkunsidrata li daħlet fis-seħħ jekk l-awtorità kompetenti tadotta att li, skont il-liġi nazzjonali, jista' jwassal għal aspettativi leġittimi, infurzabbli quddiem qorti nazzjonali, li l-għajnuna se tkun mogħtija. Naturalment, sabiex teżerċita l-kompetenza tagħha skont l-Att ta' Adeżjoni u t-Trattat KE, il-Kummissjoni għandha tkun kapaċi tivverifika jekk dan huwiex il-każ. La il-Polonja u lanqas it-terzi persuni interessati ma pprovdew evidenza li SSN tkun tista' tiddikjara aspettativi leġittimi quddiem il-qorti nazzjonali minħabba li injezzjoni ta' kapital totali ta' 241 miljun PLN kienet inklużi fil-pjan ta' ristrutturar tal-2003 miftiehem mal-ARP. Fil-fatt, żewġ riżoluzzjonijiet tal-laqgħa straordinarja tal-azzjonisti kienu neċessarji sabiex jimplimentaw din l-injezzjoni tal-kapital: ir-riżoluzzjonijiet tad-29 ta' April 2004 (180 miljun PLN) ([2]) u tal-24 ta' Diċembru 2004 (61 miljun PLN).

3.2 *GĦAJNUNA MILL-ISTAT SKONT IT-TIFSIRA TAL-ARTIKOLU 87 (1) TAT-TRATTAT KE*

3.2.1 EŻISTENZA TA' GĦAJNUNA MILL-ISTAT

(216) L-Artikolu 87(1) tat-Trattat KE jipprovdi li kull għajnuna, ta' kwalunkwe forma, mogħtija minn Stat Membru jew permezz ta' riżorsi tal-Istat, li twassal għal distorsjoni jew theddida ta' distorsjoni għall-kompetizzjoni billi tiffavorixxi ċerti impriżi jew il-produzzjoni ta' ċerti prodotti għandha, safejn tolqot il-kummerċ bejn l-Istati Membri, tkun meqjusa inkompatibbli mas-suq komuni.

(217) Il-Kummissjoni ssib li l-miżuri kollha deskritti fil-Parti 2.7 fuq imsemmija kienu mogħtija mill-istat jew permezz ta' riżorsi tal-Istat u, peress li kienu mogħtija lil intrapriża waħda partikolari, kienu selettivi.

(218) SSN hija waħda mill-ikbar tarzni fl-Ewropa. Fis-snin riċenti l-bastimenti tal-kontejners rrappreżentaw iktar minn 60 % tal-ktieb tal-ordnijiet tat-tarzna. SSN għalhekk rikkompeti attivament mat-tarzni fil-Ġermanja u d-Danimarka. Is-sussidjar kontinwu ta' SSN, li ppermettilha li tikkonkludi kuntratti mingħajr ma jkunu evalwati kompletament jew paċuti r-riskji involuti, kellha impatt negattiv fuq tarzni Ewropej oħra bil-kapaċità li jipproduċu bastimenti tal-kontejners.

(219) Il-Kummissjoni tinnota li SSN topera wkoll f'segmenti oħra ta' bastimenti tal-merkanzija billi toffri prodotti bħal bastimenti ta' diverso għanijiet, tankers tal-kimika u bastimenti ta' ro-ro (li jinkludu ro-pax u con-ro) u tikkompeti f'dawn is-segmenti ma' tarzi Ewropej oħra. Per eżempju prodotti u tankers tal-kimika kienu jikkostitwixxu madwar 8 % tal-ktieb tal-ordnijiet tat-tarzni Ewropej fit-tmiem tal-2006. B'mod partikolari, it-tarzni Ġermaniżi u Rumeni huma attivi f'dawn is-segmenti.

(220) Fuq il-bażi ta' dan, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-għajnuna mill-istat mogħtija lil SSN affettwat in-negozju bejn l-Istati Membri.

(221) Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni għandha bżonn li tiddetermina jekk il-miżuri mogħtija lil SSN kinux jagħtu żvantaġġ mhux dovut u għalhekk iwasslux għal distorsjoni jew theddida ta' distorsjoni tal-kompetizzjoni. Il-Kummissjoni tinnota li l-awtoritajiet Pollakki kkontestaw il-klassifikazzjoni ta' self minn KPS u garanziji minn KUKE bħala għajnuna mill-istat, u ddikjarat li l-miżuri għaddew mit-test tal-investitur tas-suq. Il-Polonja ma kkontestatx il-klassifikazzjoni bħala għajnuna mill-istat tal-miżuri l-oħra koperti minn din id-Deċiżjoni.

(222) Il-Kummissoni se tispjega hawn taħt għala n-nuuqas konsistenti li jkunu indurzati djun puvvliċi legali ma jgħaddix mit-test tal-kreditur tal-ekonomija tas-suq. Il-Kummissjoni imbagħad għandha tevalwa fid-dettall il-miżuri kkontestati mill-Polonja. Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni għandha tikkunsidra ċ-ċirkostanzi li fihom kienu mogħtija l-miżuri koperti minn din id-Deċiżjoni u l-impatt tagħhom fuq il-kompetizzjoni.

([1]) Sentenza tal-Qorti tal-Prim Istanza fil-Kawża T-109/01 *Fleuren Compost* v *il-Kummissjoni*, paragrafu.74.

([2]) Din il-miżura kienet inkluża fil-parti A tal-Aness tad-deċiżjoni ta' bidu tal-proċedura formali ta' investigazzjoni bħala miżura fis-seħħ qabel l-adeżjoni.

a ***Nuqqas ta' infurzar ta' responsabbiltajiet pubbliċi legali***

(223) Hija ġurisprudenza stabbilita [1] li nuqqas ta' infurzar konsistenti ta' djun pubbliċi legali jistgħu jikkostitwixxu għajnuna mill-istat, kif se jkun diskuss f'iktar dettall hawn taħt. Dan in-nuqqas ta' infurzar jaqa' b'mod ċar fil-kompetenza tal-Kummissjoni skont l-Artikolu 88 tat-Trattat KE safejn jikkonċerna l-perjodu ta' wara l-adeżjoni. Il-Kummissjoni tikkunsidra li ebda kreditur tal-ekonomija tas-suq ma jaqbel għal dan id-diferriment prolongat ta' ħlas tal-klejms tiegħu. Barra minn hekk, il-Polonja ma pprovdiet ebda evidenza li l-awtorità relevanti tat-taxxa ħadet xi passi sabiex tinforza l-klejms pubbliċi legali tagħha fuq SSN, b'mod partikolari permezz ta' proċeduri ta' infurzar jew skont il-liġi tal-falliment. Fl-aħħarnett, dan in-nuqqas ta' infurzar huwa f'kunflitt mal-asserzjoni tal-awtoritajiet Pollakki li SSN kienet qed tħallas regolarment ir-responsabbiltajiet pubbliċi legali tagħha mill-1 ta' Mejju 2004 u ma bbenefikatx minn diferriment u skedi ta' ħlas lura fir-rigward ta' dawn ir-risponsabbiltajiet.

b ***Miżuri kkontestati mill-Polonja bħala li jgħaddu mit-test tal-investitur tal-ekonomika tas-suq***

Garanziji KUKE

(224) Fir-rigward tal-assistenza mill-KPS fil-forma ta' self ta' kapital tax-xogħol, il-Kummissjoni ma tistax taċċetta l-argument tal-Polonja li dan is-self kien ħieles minn għajnuna mill-istat. Il-Kummissjoni tinnota li r-rata ta' interessi imposta mill-KPS kienet bejn wieħed u ieħor fuq il-livell tar-rata ta' referenza. Hija tinnota wkoll li SSN kienet f'sitwazzjoni finanzjarja prekarja ħafna għal diversi snin. SSN ma kinitx kapaċi tikseb kwalunkwe finanzjament estern ieħor tal-produzzjoni tagħha b'appoġġ mill-istat, fil-forma ta' parteċipazzjoni jew ta' garanziji tal-KPS. Il-kapital tax-xogħol tagħha kien iffinanzjat minn ħlas bil-quddiem koperti totalment mill-garanziji KUKE, jew minn self tal-KPS. Għalhekk ma jistax ikunu kkunsidrat li r-rata ta' interessi imposta minn KPS irriflettiet totalment ir-riskju ta' KPS. Huwa vera li KPS talbet kollaterali iżda l-valur ta' dan il-kollaterali huwa kwestjonabbli; għandu jkun imfakkar li KUKE kienet teħtieġ kollaterali simili u, skont il-proporzjon ta' respondabbiltajiet/assi ta' SSN, mhuwiex probabbli li KPS tkun tista' tikseb klejms tal-ogħla grad fuq l-assi tat-tarzna bħala kollaterali. Fi kwalunkwe każ il-Polonja ma pprovdietx informazzjoni dettaljata li tippermetti lill-Kummissjoni li tevalwa l-valur reali tal-kollaterali meħtieġa.

(225) Barra minn hekk, il-Kummissjoni ma tara ebda differenza bejn is-self mogħti minn KPS u s-self mogħti minn ARP, il-proprjetarju tal-KPS. Huwa diffiċli li wieħed jaqbel mal-argument tal-awtoritajiet Pollakki li s-self mogħti mill-ARP jikkostitwixxi għajnuna mill-istat, filwaqt li self mogħti mis-sussidjarja tagħha, KPS, huwa kumpatibbli mal-prinċipju ta' investitur tas-suq tal-ekonomija.

(226) Il-Kummissjoni ma tistax taċċetta l-argument tal-Polonja li s-self provdut minn KPS f'konsorzju ma' Bank Handlowy S.A. u Bank Pekao S.A. (miżuri 3 u 4 fit-Tabella 3, premessa 201) kien mogħti fuq termini tas-suq u li peress li KPS u l-banek ipparteċipaw fil-konsorzju u pprovdew finanzjament "fuq termini analogi", il-kontribuzzjoni tal-KPS ma kinitx tinkludi għajnuna mill-istat.

(227) Il-Kummissjoni tinnota li meta l-konsorzju pprovda s-self, SSN kienet kumpanija f'diffikultà. Minħajr appoġġ mill-istat it-tarzna ma setgħet tikseb ebda finanzjament fis-suq fil-forma ta' garanzija jew ta' parteċipazzjoni fil-finanzjament, bħal fil-miżuri in kwistjoni. Peress li ebda finanzjament estern ma kien provdut minbarra dak mill-konsorzju ta' KPS, jidher li l-banek kienu lesti li jipprovdu finanzjament lit-tarzna biss minħabba l-involviment ta' KPS fit-tranżazzjoni.

(228) Barra minn hekk il-Kummissjoni tinnota li r-rata ta' interess imposta minn KPS dwar is-self lil SSN kienet simili għar-rata ta' referenza għall-Polonja fil-ħin meta s-self kien mogħti. Skont l-avviż tal-Kummissjoni dwar il-metodu għall-istabbiliment tar-rati ta' referenza u ta' tnaqqis [2] ir-rata ta' referenza annunċjata mill-Kummissjoni hija rata massima li tista' tkun miżjuda f'sitwazzjonijiet li jinvolvu riskju partikolari (per eżempju, intrapriża f'diffikultà, jew fejn is-sigurtà normalment meħtieġa mill-banek mhix provduta). F'dan il-każ ir-rata ta' interessi ma kinitx miżjuda sabiex tkkunsidra s-sitwazzjoni prekarja ta' SSN.

(229) Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni tinnota li KPS kienet stabbilita bħala fond kontrollat mill-gvern b'għan ta' politika pubblika u l-finanzjament tagħha kien totalment provdut jew garantit mill-Istat permezz ta' ARP. Skont id-dokument "Strateġija għas-settur tal-bini tal-bastimenti (tarzni ta' kostruzzjoni marittimi) fil-Polonja 2006-2010", KPS kienet "fondata biex torganizza l-finanzjament tal-produzzjoni tat-tarzni sakemm ma t-tarzni jkunu mixtrija minn investituri privati." L-istrateġija, li l-għanijiet tagħha mhumiex biss ekonomiċi, iżda wkoll soċjali u makroekonomiċi [3], tagħti lil KPS, flimkien ma' ARP, it-Teżor tal-Istat u entitajiet pubbliċi relevanti oħra, medda ta' poteri. Ir-rabtiet finanzjarji tal-KPS mal-ARP u t-Teżor tal-Istat huma ċari u KPS taġixxi pjuttost bħala vettura għat-trasferiment tal-assi maħsuba fil-baġit tal-istat għat-tarzni fil-Polonja, inkluż SSN.

[1] Opinjoni tal-Avukat Ġenerali Jacobs, Kawża C-256/97, *DM Transport* [1999] Ġabra I-3915, Kawża C-480/98, *Spanja* vs. *il-Kummissjoni* ("*Magefesa*") [2000] Ġabra I-8717.

[2] ĠU C 273, 9.9.1997, p. 3.

[3] Strateġija għas-settur tal-bini tal-bastimenti (tarzni ta' kostruzzjoni marittimi) fil-Polonja 2006-2010, adottati f'Awwissu 2006, p. 7.

(230) Skont dawn il-fatturi, il-Kummissjoni tikkonkludi li KPS ma aġixxietx bħala investitur tal-ekonomija tas-suq meta tat self tal-kapital tax-xogħol lil SSN.

Garanziji KUKE

(231) Fil-kummenti tagħha wara l-adozzjoni tad-deċiżjoni ta' bidu tal-proċedura ta' investigazzjoni formali, il-Polonja ssottomettoet li l-garanziji tal-ħlas bil-quddiem estiżi minn KUKE lil SSN ma kinux jikkostitwixxu għajnuna mill-istat. Il-Kummissjoni ma tistax taċċetta din l-asserzjoni.

(232) L-ewwel nett, il-Kummissjoni tfakkar li l-garanziji tal-ħlas bil-quddiem ta' KUKE huma garantiti mit-Teżor tal-Istat u trattati f'kont tal-bank separat taħt l-isem ta' "Interes Narodowy". Jekk dan il-kont ma jkunx fih fondi suffiċjenti, KUKE tista' jew tissellef mit-Teżor tal-Istat jew tibbenefika minn garanziji ta' self tat-Teżor tal-Istat.

(233) Fit-tieni lok, il-Kummissjoni tfakkar fid-deċiżjoni tagħha tat-18 ta' Lulju 2007 fil-kawża N 105/2007 [1], li fiha approvat bħala ħielsa mill-għajnuna mill-istat l-iskema skont liema KUKE topera l-programm tagħha ta' assigurazzjoni tal-esprtazzjoni garantita mit-Teżor tal-Istat. Din l-iskema preżentament tkopri t-tip ta' garanziji ta' produzzjoni li SSN ilha tirċievi għal snin. Il-Kummissjoni tinnora li l-iskema espliċitament teskludi [2] kumpaniji f'diffikultà finanzjarja skont it-tifsira tal-Linji Gwida dwar għajnuna mill-istat għas-salvataġġ u r-ristrutturar ta' kumpaniji f'diffikultà. Il-karatteristika ewlenija tal-iskema hija li l-premjums tal-garanzija huma determinati fuq il-bażi ta' evalwazzjoni tar-riskju. Per eżempju il-premjum tal-garanzija għal kumpanija li tappartjeni f'kategorija ta' riskju għoli jikkorrispondi għal […] % p.a. għal garanziji ta' inqas minn sentejn u […] % p.a. għal garanziji ta' iktar minn sentejn. Il-premjum bażiku huwa ta' […] % p.a. B'paragun ma' dan, il-garanziji lil SSN kienu provduti minn KUKE għal premjum ta' 2 % p.a. jekk il-garanzija ma qabżitx 35 miljun PLN u għal premjum ta' 1 % p.a. jekk il-garanzija qabżet dan l-ammont.

(234) Huwa ċar li SSN mhix eliġibbli għal garanziji koperti mill-iskema deskritta hawn fuq li kienet approvata mill-Kummissjoni bħala ħielsa minn għajnuna. Għalhekk il-garanziji mogħtija lil SSN mhumiex ħielsa minn għajnuna.

(235) Barra minn hekk huwa ovvju li l-premjum ta' garanzija imposta fuq SSN hija ħafna iktar baxxa mill-premjum bażika użata għal garanziji lil kumpaniji sodi u ħafna drabi iktar baxxa mill-premjum impost fuq kumpaniji f'riskju għoli li għadhom eliġibbli taħt l-iskema fuq deskritta. Il-Kummissjoni tikkonkludi li l-premjum ta' garanzija imħallas minn SSN ma jikkorrispondix għal premjum tas-suq u għalhekk dawn il-garanziji jikkostitwixxu għajnuna mill-istat.

(236) Fit-tielet lok, skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat KE għall-għajnuna mill-istat fil-forma ta' garanziji [3], sabiex garanzija mill-Istat individwali ma tikkostitwixxix għajnuna mill-istat, min jissellef m'għandux ikun f'diffikultà finanzjarja. Dan b'mod ċar mhuwiex il-każ hawnhekk. Skont l-istess Avviż, meta min jissellef huwa f'diffikultà finanzjarja l-element ta' għajnuna tal-garanzija jista' jkun għoli daqs l-ammont kopert minn dik il-garanzija.

(237) Fl-aħħarnett, il-Kummissjoni tinnota li SSN iddependiet esklussivament fuq garanziji minn KUKE u mit-Teżor tal-Istat u ma rnexxiliex tikseb garanziji fuq is-suq. Dan jappoġġja l-konklużjoni tal-Kummissjoni li garanziji minn KUKE ta' ħlas bil-quddiem jikkostitwixxu għajnuna mill-istat.

(238) Fid-dawl ta' dak fuq imsemmi, il-Kummissjoni tikkonkludi li KUKE ma aġixxietx bħala operatur tal-ekonomija tas-suq meta estendiet il-garanziji tagħha għal SSN.

c ***Distorsjoni tal-kompetizzjoni kkawżata minn għajnuna mill-istat lil SSN***

(239) Il-Kummissjoni ssib li, minħabba d-dipendenza totali fuq appoġġ mill-istat, SSN wettqet prattiċi kontra l-kompetizzjoni bħal prezzijiet taħt l-ispejjeż tal-produzzjoni u ma sofrietx il-konsegwenzi li dawn il-prattiċi normalment jinvolvu, jiġifieri tkeċċija mis-suq.

(240) Barra minn hekk, il-Kummissjoni tinnora li l-problema ewlenija u persistenti ta' SSN kienet li kkonkludiet kuntratti li rriżultaw li għamlu telf minħabba t-tishiħ kostanti tal-zloty kontra d-dollaru, li hija l-munita ewlenija fin-negozju tal-bini tal-bastimenti, u ż-żieda fil-prezzijiet dinjija għal lastri tal-azzar. Dawn il-fatturi esterni kienu identifikati bħala theddid serju għall-operazzjoni tat-tarzna sa mill-pjan ta' ristrutturar tal-2002, u għal darba oħra fil-pjan ta' ristrutturar ġdid tal-2006 u fl-aħħarnett matul it-tentattiv ta' privattizzazzjoni fl-2008.

(241) Għalkemm l-amministratur tat-tarzna kien konxju ta' dawn il-perikli, it-tarzna kompliet tikkonkludi kuntratti mingħajr ma tieħu miżuri biex tnaqqas dawn ir-riskji, jew twettaq biss miżuri b'impatt limitat. Din il-prattika tan-negozju kompliet fil-perjodu ta' boom mingħajr preċedent fis-suq tal-bini tal-bastimenti bejn l-2004 u l-2008, meta l-prezzijiet tal-bini tal-bastimenti għolew għal livelli mingħajr preċedenti. Bħala riżultat ta' din il-prattika, it-tarzna rnexxielha żżomm l-operazzjoni u l-impjieg, iżda akkost ta' telfiet jbar fuq il-produzzjoni regolari ta' bini ta' bastimenti tagħha. Skont id-diliġenza dovuta mwettqa minn Amber fl-ewwel nofs tal-2008, u kif ikkonfermat mill-Polonja, il-ktieb tal-ordnijiet kurrenti b'konsenji fl-2008 u l-2009 huwa mgħobbi ukoll b'telf sinifikanti minħabba kuntratti li għamlu telf konklużi mingħajr miżuri għat-tnaqqis tar-riskji jew b'miżuri evidentement mhux suffiċjenti.

[1] Deċiżjoni fil-Kawża N 105/07.

[2] Artikolu 3(1)(1) tar-Riżoluzzjoni 111/2006 tal-Kumitat tal-Politika tal-Assigurazzjoni tal-Esportazzjonijiet tal-20 ta' Diċembru 2006.

[3] ĠU C 71, 11.03.2001, p. 14.

(242) Fuq din il-bażi l-Kummissjoni tikkonkludi li l-miżuri kollha mogħtija lil SSN kienu tali li joħolqu jew theddida ta' distorsjoni lill-kompetizzjoni fis-suq tal-bini tal-bastimenti.

(243) B'konklużjoni, il-Kummissjoni tikkunsidra li l-miżuri kollha mogħtija lil SSN huma għajnuna mill-istat skont it-tifsira tal-Artikolu 87(1) tat-Trattat KE.

3.2.2 OPPORTUNITÀ GĦALL-POLONJA U GĦALL-TERZI PERSUNI INTERESSATI BIEX JISSOTTOMETTU KUMMENTI

(244) Bid-deċiżjoni tagħha tal-1 ta' Ġunju 2005, il-Kummissjoni bdiet il-proċedura ta' investigazzjoni formali fir-rigward ta' serje ta' miżuri, li għandhom ikunu mogħtija fuq varji bażi legali kemm mill-awtorità lokali kif ukoll mill-kumpanija ARP li tappartjeni lill-istat, li jinkludu ristrutturar tad-dejn, injezzjoni tal-kapital u garanziji ta' prestazzjoni.

(245) Il-Kummissjoni ddikjarat ukoll li l-argument tal-Polonja li ħlas bil-quddiem minn proprjetarji tal-bastimenti għandu jkun ikkunsidrat bħala kontribuzzjoni tagħhom stess ma jistax ikun aċċettat. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni esprimiet dubji dwar jekk il-garanziji ta' ħlas bil-quddiem provduti minn KUKE kinux jikkostitwixxu għajnuna mill-istat jew le u annunċjat li se tinvestiga n-natura ta' dawn il-garanziji.

(246) L-awtoritajiet Pollakki ssottomettew il-kummenti tagħhom u, filwaqt li kkontestaw il-kompetenza tal-Kummissjoni biex tevalwa l-kumpatibbiltà ta' uħud mill-miżuri kkonċernati, huma ma kkontestawx il-konklużjoni tal-Kummissjoni li jekk dawn il-miżuri kienu mogħtija wara l-adeżjoni tal-Polonja fl-UE huma jikkostitwixxu għajnuna ġdida skont it-tifsira tal-Artikolu 87(1) tat-Trattat KE. L-eċċezzjoni kienet in-natura tal-garanziji provduti minn KUKE, allegatament ħielsa minn għajnuna mill-istat. Iktar tard il-Polonja argumentat ukoll li self minn KPS ma kienx jikkostitwixxi għajnuna mill-istat. Il-Kummissjoni indirizzat dawn l-argumenti tal-Polonja iktar 'il fuq.

(247) Matul l-investigazzjoni tal-Kummissjoni, l-istrateġija tal-Gvern Pollakk bħala l-proprjetarju tal-maġġoranza ta' SSN inbidlet b'mod sinifikanti diversi drabi, kif turi id-deskrizzjoni tal-avvenimenti fuq imsemmija. L-istrateġija tal-konsolidazzjoni tas-settur tal-bini tal-bastimenti kienet sostitwita minn strateġija ta' privatizzazzjoni parzjali tat-tarzna, li iktar tard kienet sostitwita minn strateġija ta' privatizzazzjoni totali. Preżentament din l-aħħar strateġija hija fir-riskju minħabba in-nuqqas evidenti ta' interess tas-suq fix-xiri tat-tarzna.

(248) Kif deskritt fuq, il-Kummissjoni qedha f'kuntatt regolari mal-awtoritajiet Pollakki bħala l-proprjetarju ta' SSN, u ma' SSN infisha. Il-Kummissjoni regolarment indikat kemm lill-Polonja u lit-tarzna li l-miżuri kollha mogħtija lit-tarzna mir-riżorsi tal-Istat probabbilment jikkostitwixxu għajnuna mill-istat skont it-tifsita tal-Artikolu 87(1) tat-Trattat KE minħabba s-sitwazzjoni finanzjarja prekarja tat-tarzna u l-assenza virtwali ta' finanzjament estern ħieles minn għajnuna mill-istat. Il-Kummissjoni wissiet ukoll li din l-għajnuna tal-istat kienet mogħtija kontra l-Artikolu 88(3) u apparentament mhix kumpatibbli mas-suq komuni fuq ebda raġuni. Il-Kummissjoni indikat ukoll ripetutament li l-garanziji KUKE provduti lil SSN jikkostitwixxu għajnuna mill-istat.

(249) Fl-aħħarnett, matul l-investigazzjoni tagħha l-Kummissjoni ġabret dettalji dwar l-operazzjonijiet ta' KPS u n-natura tas-self tal-kapital tax-xogħol mogħti lit-tarzna minn KPS. Il-Kummissjoni indikat lill-Polonja li dan is-self probabbilment kien jikkostitwixxi għajnuna mill-istat skont it-tifsira tal-Artikolu 87(1) tat-Trattat KE.

3.3. *KUMPATIBBILTÀ TAL-GĦAJNUNA: EŻENZJONI SKONT L-ARTIKOLU 87 (3) TAT-TRATTAT KE*

(250) L-għan ewlieni tal-miżuri huwa li jassisti lil kumpanija f'diffikultà finanzjarja u jżommha għaddejja. F'dawn il-każijiet, l-eżenzjoni skont l-Artikolu 87(3)(c) tat-Trattat KE, li tippermetti l-awtorizzazzjoni ta' għajnuna mill-istat mogħtija sabiex tiffaċilita l-iżvilupp ta' ċerti attivitajiet ekonomikċi basta dik l-għajnuna ma tfixkilx il- kundizzjonijiet tal-kummerċ sa grad li jkun kuntrarju għall-interess komuni, tista' tkun applikata jekk il-kundizzjonijiet relevanti huma mwettqa.

(251) Għajnuna ta' salvataġġ u ta' ristrutturar lil kumpaniji fil-bżonn hija preżentament regolata mill-Linji Gwida tal-Komunità dwar għajnuna mill-istat għas-salvataġġ u r-ristrutturar ta' kumpaniji il-bżonn [1] (minn issa 'l quddiem imsejħa "Linji Gwida"), li ssostitwixxew it-test preċedenti adottat fl-1999 [2] (minn issa 'l quddiem imsejħa "Linji Gwida tal-1999").

(252) Id-dispożizzjonijiet transizzjonali fil-Linji Gwida jistipulaw li notifikazzjonijiet reġistrati qabel l-10 ta' Ottubru 2004 għandhom ikunu eżaminati fid-dawl tal-kriterji fis-seħħ fil-ħin tan-notifikazzjoni (punt 103). Fil-każ preżenti, uħud mill-miżuri kienu notifikati lill-Kummissjoni skont il-"mekkaniżmu interim" provdut fil-punt 3 tal-Anness IV tat-Trattat tal-Adeżjoni fid-29 ta' April 2004, meta l-Linji Gwida tal-1999 kienu fis-seħħ. Madankollu, il-Linji Gwida jistipulaw li huma għandhom japplikaw għall-evalwazzjoni ta' kwalunkwe għajnuna ta' salvataġġ jew ta' ristrutturar mogħtija mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-Kummissjoni (għajnuna illegali) jekk ftit jew l-għajnuna kollha tkun mogħtija wara l-1 ta' Ottubru 2004 (punt 104, l-ewwel subparagrafu). Il-Kummissjoni ssib li kważi l-miżuri kollha deskritti fit-Tabella 3 u r-Tabella 4 kienu mogħtija illegalment wara din id-data u li l-Linji Gwida tal-2004 għalhekk japplikaw.

[1] ĠU C 244, 1.10.2004, p. 2.
[2] ĠU C 288, 9.10.1999, p. 2.

(253) Il-Linji Gwida japplikaw għall-kumpaniji fis-setturi kollha, bl-eċċezzjonijiet imniżżla fil-punt 18 tal-Linji Gwida. Punt 12 tal-Qafas dwar l-għajnuna mill-istat għall-bini tal-bastimenti [1], li huwa l-qafas legali għall-evalwazzjoni tal-għajnuna mill-istat għal dan is-settur, jirreferi għal-Linji Gwida bħala l-bażi legali rilevanti għall-evalwazzjoni ta' għajnuna ta' salvataġġ u ta' ristrutturar.

Għajnuna ta' salvataġġ

(254) Il-Linji Gwida jipprovdu għall-prossibbiltà li tkun mogħtija għajnuna għas-salvataġġ bħala assistenza temporanja għall-kumpaniji f'diffikultà finanzjarja sabiex tagħtihom il-ħin biex jippreparaw pjan ta' ristrutturar jew pjan ta' likwidazzjon, jew biex jindirizzaw kriżi ta' likwidità serja li tista' tkun solvuta fil-perjodu kopert mill-għajnuna tar-riskju.

(255) Il-Kummissjoni tinnota li l-għajnuna mill-istat mogħtija lil SSN ma tissodisfax ir-rekwiżit li tkun temporanja, peress li l-miżuri ta' appoġġ kollha koprew perjodi li qabżu sew is-sitt xhur preskritti, jew ir-riekwiżit li tkun irriversibbli, peress li l-għajnuna inkludiet miżuri irriversibbli bħal injezzjonijiet tal-kapital, kumparabbli ma' għotjiet.

(256) Il-Kummissjoni għalhekk tikkonkludi li l-miżuri koperti minn din id-Deċiżjoni mhumiex kumpatibbli mas-suq komuni bħala għajnuna ta' salvataġġ.

Għajnuna ta' ristrutturar

(257) Skont id-definizzjoni inkluża fil-punt 17 tal-Linji Gwida, għajnuna ta' ristrutturar hija bbażata fuq pjan fattibbli, koerenti u wiesa' sabiex jistabbilixxi mill-ġdid l-vijabbiltà fit-tul tal-kumpanija fi żmien raġonevoli. Ir-ristrutturar ġeneralment jinvolvi l-elementi li ġejjin: ir-ristrutturar tal-aspetti kollha tal-operazzjoni tal-kumpanija u tal-organizzazzjoni mill-ġdid u r-razzjonalizzazzjoni tal-attivitajiet tal-kumpanija; dan jinkludi irtirar minn attivitajiet li jagħmlu t-telf u ristrutturar finanzjarja. Madankollu, operazzjonijiet ta' ristrutturar li jibbenefikaw minn għajnuna mill-istat ma jistgħux ikunu ristretti għall-ħlas ta' telf fil-passat mingħajr ma jkunu trattati r-raġunijiet għal dak it-telf, jiġifieri mingħajr ma sseħħ ristrutturar ġenwina. Il-Linji Gwida jirrikjedu li l-għajnuna ta' ristrutturar tkun limitata għal dawk minimi neċessarji stretti u parti sinifikanti mir-ristrutturar għalhekk għandha bżonn tkun finanzjata minn riżorsi li huma ħielsa minn għajnuna mill-istat. Sabiex ikun żgurat li l-effetti negattivi tal-għajnuna u d-distorsjoni tal-kompetizzjoni huma minimizzati għandhom jittieħdu miżuri kumpensatorji.

(258) Minħabba n-natura ta' distorsjoni qawwija tal-għajnuna tar-ristrutturar, il-Kummissjoni tikkunsidra li għajnuna lil kumpaniji f'diffikultà tista' tikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' attivitajiet ekonomiċi mingħajr ma taffettwa b'mod negattiv in-negozju sa estent kuntratju għall-interess Komunitarju biss jekk jiġu milħuqa l-kundizzjonijiet kollha stabbiliti fil-Linji Gwida.

(259) Il-Kummissjoni se tanalizza iktar 'l quddiem jekk dawn il-kundizzjonijiet kienux milħuqa.

(260) Sabiex tevalwa l-kumpatibbiltà tal-miżuri li jikkostitwixxu għajnuna ġdida, u b'mod partikolari l-kapaċità tal-proċess ta' ristrutturar sabiex tistabbilixxi mill-ġdid il-vijabbiltà tal-kumpannij u jekk l-għajnuna hix limitata għall-minimu neċessarju, il-Kummissjoni teħtieġ li tikkunsidra il-pjan u l-għajnuna ta' ristrutturar flimkien, inkluż "għajnuna tal-passat", jiġifieri għajnuna li daħlet fis-seħħ qabel la-deżjoni u mhux applikabbli wara.

3.3.1. ELIĠIBBILTÀ TAL-KUMPANIJA

(261) Il-Linji Gwida jikkunsidraw li intrapriża hija kumpanija fil-bżonn, u għalhekk eliġibbli għal għajnuna ta' salvataġġ u ta' ristrutturar, jekk mhix kapaċi, jew permezz tar-riżorsi tagħha stess jew billi żżid il-fond mill-azzjonijiet tagħha jew permezz ta' self estern, li tħallas it-telf li, mingħajr intervenzjoni barranija mill-awtoritajiet pubbliċi, kważi ċertament se jikkundannaha sabiex tfalli f'terminu ta' żmien qasir jew medju. Il-Linji Gwida jniżżlu wkoll xi sinjali tipiċi li juru li kumpanija hija fil-bżonn, bħal żieda fit-telf jew qligħ li jonqos.

(262) Punt 12 tal-Linji Gwida tal-1999 jistipula li kumpanija li għadha ġdida mhix eliġibbli għall-għajnuna ta' ristrutturar, anke jekk il-pożizzjoni finanzjarja tagħha mhix żgura. Dan huwa l-każ, per eżempju, meta kumpanija ġdida tirriżulta mil-likwidazzjoni ta' kumpanija preċedenti jew sempliċiment tixtri l-assi ta' din il-kumpanija. Il-Linji Gwida jispeċifikaw li kumpanija għandha fil-prinċipju tkun ikkunsidrata bħala ġdida għall-ewwel tliet snin wara l-bidu tal-operazzjonijiet fil-ambitu relevanti tal-attività.

(263) L-awtoritajiet Pollakki jiddikjaraw li SSN huwa biss isem ieħor għal ASS, li kienet teżisti u kkooperat ma' SSPH u SS qabel il-falliment tagħhom.

(264) Madankollu, iċ-ċirkustanzi kollha jissuġġerixxu li SSN ma assumietx id-djun ta' SSPH jew SS u li dawk id-djun baqgħu għand iż-żewġ kumpanija u kienu trattat skont il-proċedura tal-falliment. Il-Polonja ddikjarat li djun tal-SSPH relatati mal-forniturі għall-ammont ta' 15 miljun PLN kienu mixtrija minn SSN, iżda ma pprovdietx iktar dettalji jew xi dokumentazzjoni.

[1] ĠU C 317, 30.12.2003, p. 12.

(265) Għaldaqstant SSN bdiet l-operazzjonijiet tagħha ħielsa mid-djun tal-predeċessuri tagħha. L-awtoritajiet Pollakki ma pprovdew ebda evidenza li SSN ħadet xi djun. Barra minn jekk, b'kunsiderazzjoni tad-daqs tan-negozju tat-tarzna, id-dejn ta' 15 miljun PLN li allegatament kien mixtri ma jiġġustifikax l-asserzjoni li kien hemm kontinwità ekonomika bejn SSPH/SS u SSN. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tinnota li kuntratti kontinwi kienu mixtrija matul iċ-ċiklu tal-produzzjoni, meta djun kien paċuti b'riċevibbloi, u għalhek ma kienux jirrappreżentaw wirt ta' piż addizzjonali. Barra minn hekk, SSN fil-fatt ikkonkludiet kuntratti ġodda għal dawk il-bastimenti ([1]).

(266) Fit-tieni lok, filwaqt li l-Kummissjoni tinnota li ASS kienet attiva fin-negozju tal-bini tal-bastimenti flimkien ma' SS qabel il-falliment ta' SSPH (ftehim ta' qafas u ftehim ta' kiri ta' Jannar 2002), il-Kummissjoni tinnota wkoll li d-daqs ta' SSN wara Ġunju 2002 meta kkumparat ma' dak ta' ASS qabel Ġunju 2002 iwaqqa' kwalunkwe asserzjoni li kien hemm kontinwità ekonomika bejn dawn iż-żewġ entitajiet. Il-kont tal-profitt u tat-telf juri li l-qligħ żied minn 88 miljun PLN fl-2001 għal 425 miljun PLN fl-2002 1 100 miljun PLN fl-2003.

(267) Il-Kummissjoni għalhekk tikkonkludi li ma tistax taċċetta l-asserzjoni tal-awtoritajiet Pollakki li SSN kienet sempliċiment kontinwazzjoni ta' ASS, li eżistiet ħafna qabel il-falliment ta' SSPH. F'termini ekonomiċi, hemm diviżjoni ċara bejn l-attivitajiet ta' dawn iż-żewġ entitajiet, li hija murija primarjament permezz tal-fatt li ebda djun ma kienu mixtrija. SSN kienet għalhekk kumpanija ġdida, li ma kinitx eliġibbli għal għajnuna ta' ristrutturar.

(268) Skont il-punt 12 tal-Linji Gwida kumpanija hija kkunsidrata bħala ġdida għall-ewwel tliet snin wara l-bidu tal-operazzjonijiet tagħha. Is-sitwazzjoni kkunsidrata hija waħda speċifika li fiha rriżultat kumpanija ġdida millikwidazzjoni ta' kumpanija preċedenti. Skont il-Punt 12 tal-Linji Gwida dan ix-xenarju huwa wieħed li jiddiskwalifika kumpanija minn eliġibbiltà għall-għajnuna ta' salvataġġ u ta' ristrutturar. Fil-każ preżenti, il-Kummissjoni tikkunsidra li d-dikjarazzjoni ta' falliment ta' SSPH u SS f'Lulju 2002 hija deċiżiva f'dan ir-rigward. Huwa dan il-falliment li mmarka d-diviżjoni bejn l-attività ekonomika l-antika u l-attività ekonomika l-ġdida, li kienet protetta mid-djun tal-entità ekonomika l-antika. Il-Kummissjoni għalhekk tikkonkludi li SSN ma kinitx eliġibbli għall-għajnuna ta' salvataġġ u ta' ristrutturar fit-tliet snin li jibdew minn Lulju 2002, meta bdiet l-operazzjonijiet il-ġodda tagħha. Ħielsa minn responsabbiltajiet antiki.

(269) Il-Punt 12 tal-Linji Gwida jirrikonoxxi li kumpanija inizjalment ikkunsidrata li hija ġdida ssir eliġibbli għal għajnuna ta' salvataġġ jew ta' ristrutturar fuq skadenza talperjodu tat-tliet snin wara l-bidu tagħha, sakemm din tikkwalifika bħala kumpanija fil-bżonn skont it-tifsira tal-Linji Gwida. Il-Kummissjoni tosserva li l-kundizzjonijiet sabiex SSN tkun eliġibbli skont il-Linji Gwida kienu milħuqa wara li skada l-perjodu ta' tliet snin. B'mod partikolari, SSN għamlet telf kontinwiu u kienet salvata diversi drabi minn falliment biss permezz ta' intervenzjoni mill-istat. Għalhekk hija kkwalifikat minn Lulju tal-2005 bħala kumpanija fil-bżonn skont it-tifsira tal-punt 11 tal-Linji Gwida.

([1]) Ittra tal-4 ta' Ottubru 2005 li tiknkudi l-kummenti tal-Polonja dwar id-deċiżjoni ta' bidu tal-proċedura ta' investigazzjoni formali.

3.3.2. STABBILIMENT MILL-ĠDID TAL-VIJABBILTÀ

(270) Skont il-punt 34 tal-Linji Gwida, l-għoti tal-għajnuna għandu jkun kundizzjonali fuq l-implimentazzjoni talpjan ta' ristrutturar, li għandu jippermetti lill-kumpanija biex tistabbilixxi mill-ġdid il-vijabbiltà tagħha f'limitu ta'żmien raġonevoli. Ir-restorazzjoni tal-vijabbiltà tfisser li l-kumpanija, wara li tlesti r-ristrutturar tagħha, hija kapaċi li tkopri l-ispjeż tagħha kollha u li tiġġenera dħul suffiċjenti fuq kapital sabiex tkun tista' tikkompeti fuq il-merti tagħha stess.Id-dewmien tar-ristrutturar għandu jkun qasir kemm jista' jkun.

(271) Il-Kummissjoni l-ewwel tinnota li matul din l-investigazzjoni hija rrevediet żewġ pjanijiet ta' ristruttrazzjoni, dak tal- 2002 u dak tal- 2006, li kienu ppreparati mill-amministratur tat-tarzna u approvati mill-Istat. Il-Kummissjoni kkonkludiet fir-rigward taż-żewġ pjanijiet li l-Polonja ma kinitx uriet li kienet suffiċjenti li tistabbilixxi mill-ġdid il-vijabbiltà fit-tul tat-tarzna. Peress li l-pjan ta' ristrutturar tal-2006 ssostitwixxa l-pjan ta' ristrutturar tal-2002, il-Kummissjoni se tispjega hawn taħt ir-raġunijiet għallkonklużjoni tagħha rigward il-pjan ta-ristrutturar tal-2006.

Il-pjan ta' ristrutturar ta' Settembru 2006

(272) L-istrateġija ppjanata ta' ffokar fuq swieq speċjalizzati li t-tarzna assumiet li kellha vantaġġ kompetittiv fihom u kkunsidrat li l-ambjent ġenerali kompetittiv u tas-suq kien favorevoli kienet fil-fatt tidher approprjata għal SSN. Madankollu, il-fatt li kważi 70 % tal-bastimenti fuq il-ktieb tal-ordnijiet tat-tarzna għas-snin ta' wara kienu bastimenti tal-kontejners ma indikax li kien hemm bidla importanti fl-orjentazzjoni tat-tarzna. Ma kienx hemm indikazzjonijiet oħra bħal proġetti kbar ta' riċerka u żvilupp jew atttivitajiet tal-marketing, sabiex jappoġġjaw il-konklużjoni li t-tarzna tkun tista' timplimenta din l-istrateġija fi żmien qasir. Il-Kummissjoni għalhekk ma kinitx konvina li din l-istrateġija tas-suq setgħet tkun miskuba b'mod realisitiku.

(273) Il-livell ippjanat ta' investiment, li jammonta għal 200 miljun PLN, kien b'mod ċar mhux suffiċjenti, peress li l-faċilitajiet tat-tarzna kienu f'kundizzjoni dgħajfa u kien hemm dipprezzament sinifikanti fuqhom. Filwaqt li l-valur tal-ktieb tal-assi fl-2006 kien ta' 130 miljun PLN, dipprezzament ipproġettat fl-2006-2009 amonta għal 85 miljun PLN. Dan indika li parti kbira mill-investiment kien se jkun paċut mid-diprezzament u l-modernizzazzjoni ġenwina tkun limitata.

(274) L-opinjoni tal-Kummissjoni li l-ambitu tal-investimenti ppjanati ma kienx suffiċjenti kien rinforzat mill-fatt li l-pjan ta' ristrutturar tal-2006 assuma li fl- 2011 il-produttività ta' SSN għandha tilħaq il-livell ta' produttività medja tal-UE fl-2000 (filwaqt li l-produttività tagħha dak iż-żmien kienet kumparabbli mal-medja tal-UE fl-1992), u l-Kummissjoni kkunsidrat li dan ma kienx suffiċjenti biex jippermetti lit-tarnza biex tikkompeti fis-suq mingħajr appoġġ fit-tul mill-istat.

(275) Il-Kummissjoni ddubitat jekk iż-żidiet ippjanati fil-pagi ta' madwar 5 % per annum ikunux suffiċjenti sabiex jimmotivaw lill-haddiema biex jibqgħu fit-tarzna, filwaqt li livell għoli ta' assenzi u nuqqas ta' ħaddiema kwalifikati – peress li dawn kienu qed jitilqu sabiex jaqilgħu paga aħjar f'tarzni Ewropej – kienu (u għadhom) waħda mill-problemi ewlenin tat-tarzna.

(276) Il-pjan ippreveda li d-dħul fuq il-kapital investit (ROCE), mingħajr ma jkunu kkunsidrati żidiet fil-pagi, jkun ta' medja ta' 19 % per annum fl-2007-2011, li kien allegatament il-livell ta' dħul mistenni minn investitur privat. Madankollu, bil-kunsiderazzjoni taż-żidiet fil-pagi li ma jistgħux ikunu evitati, ir-ROCE fl-istess perjodu ikun ta' madwar 1,45 % per annum, li kien taħt il-livell aċċettabbli għal kwalunkwe investitur privat.

(277) Ġeneralment, il-Kummissjoni innotat li, minbarra l-investimenti fiżiċi, li t-tarzna identifikat, iddettaljat, ikkwantifikat, kklassifikat bi prijorità u skedat, il-miżuri ppjanati kienu formulati vagament u f'termini ġenerali, l-iktar filforma ta' rakkomandazzjonijiet ta' segwitu. Il-Kummissjoni għalhekk ma kinitx kapaċi tevalwa l-impatt ta' dawn il-miżuri u għalhekk ma kinitx konvinta li kienu biżżejjed raġonevoli u wiesa' sabiex jittrattaw il-problemi strutturali tat-tarzna.

(278) Fuq il-bażi ta' dan, il-Kummissjoni kkunsidrat li r-ristrutturar ppjanat industrijali u organizzazzjonali ma jkunx biżżejjed biex jistabbilixxi mill-ġdid l-vijabbiltà fit-tul tat-tarzna. Il-pjan ma kienx wiesa' biżżejjed u r-riżultati mmirati għall-2011 ma kinux sodisfaċenti. It-tarzna kien jonqosha b'mod ċar kapital addizzjonali li jista' jkun użat biex jaġġorna u jtejjeb l-effiċjenza. Il-Kummissjoni ddubitat jekk it-tarzna setgħetx tikseb il-kapital neċessarju għal ristrutturar wiesa' fuq is-suq.

(279) Dawn id-dubji kienu kkonfermati minn żviluppi attwali fil-proċess ta' privatizzazzjoni ta' SSN. Kif deskritt fuq, bħala proprjetarju tal-maġġoranza ta' SSN, ARP ipprova tliet darbiet biex isib investitur privat lest li jixtri t-tarzna. Ebda wieħed mit-tentattivi tal-privatizzazzjoni (il-privatizzazzjoni parzjali fl-2006 jew iż-żewġ tentattivi li jinbiegħ sehem ta' maġġoranza fit-tarzna fl-2007) ma rnexxew. Il-Kummissjoni tinnota li t-tentattivi ta' privatizzazzjoni seħħew fi żmien meta s-suq tal-bini tal-bastimenti kienu karatterizzati minn boom mingħajr preċedent u għalhekk kienu offruti kundizzjonijiet ottimali għall-bejgħ tat-tarzna. Ir-riżultat negattic tal-proċess ta' privatizzazzjoni jista' jkun interpretat biss bħala nuqqas ta' kunfidenza fuq il-parti tal-atturi tas-suq fl-abbiltà tat-tarzna li tistabbilixxi mill-ġdid il-vijabbiltà fit-tul tagħha. L-irtirar ta' Amber mill-proċess ta' privatizzazzjoni wara diliġenza dovuta fil-fond ikompli juri dan [1].

(280) Il-Kummissjoni nnotat l-isforzi rinnovati tal-awtoritajiet Pollakki biex isibu investitur privat għal SSN wara l-irtirar ta' Amber. Madankollu, sal-ġurnata ta' din id-Deċiżjoni xejn ma ġara biex jikkonvinċi lill-Kummissjoni li l-isforz rinnovat ta' privatizzazzjoni jista' jilħaq konklużjoni pożittiva fil-futur qrib u skont dawn il-Linji Gwida.

Il-pjan ta' ristrutturar ta' Ġunju 2008

(281) B'mod partikolari, il-Kummissjoni evalwat il-pjan ta' ristrutturar ta' Ġunju 2008 imħejji minn Mostostal, filwaqt li kkunsidrat ukoll il-preżentazzjoni tal-pjan ta' Mostostal fil-laqgħa tal-24 ta' Ġunju 2008. Il-Kummissjoni tinnota li f'ħafna aspetti dan il-pjan ta' ristrutturar kien biss punt prinċipali li jservi bħala bażi għal xogħol analitiku ulterjuri li għandu jitwettaq mill-investitur. Minkejja dan, f'ċertu aspetti, kien fih difetti serji li wasslu lill-Kummissjoni għall-konklużjoni li ma kienx juri li t-tarza kienet se tistabbilixxi l-vijabbiltà mill-ġdid f'limitu ta' żmien raġonevoli.

(282) B'mod partikolari il-Kummissjoni tikkunsidra li l-kredibbiltà tal-istrateġija tan-negozju fir-rigward tas-settur talbini tal-bastimenti ma kinitx murija. Il-pjan ma offra ebda dettall oltre dikjarazzjoni sempliċi li t-tarzna se tkompli tibni l-bastimenti. Ma kien fih ebda analiżi talkapaċità tat-tarzna li tibni bastimenti ro-pax u ta' diversi għanijiet (e.ż. kapaċitajiet ta' disinn, ħiliet) jew l-abbiltà tagħha li tikkonkludi kuntratti għal dawn il-bastimenti fi żmien qasir sa medju (e.ż. kuntratti ma' klijenti, jew ma' tarzni oħra dwar il-possibbiltajiet ta' subkuntratti ta' xogħolijiet), ebda previżjonijiet tas-suq għal dawn is-segmenti li juru jekk id-domanda mistennija kinitx tiġġustifika din l-istrateġija tan-negozju u ebda previżjoni dwar il-profitabbiltà ta' dawn is-segmenti.

[1] Amber indikat li l-analiżi tagħha uriet li t-tarzna ma ssirx profitabbli wara r-ristrutturazzjoni li Amber ipprevediet li timplimenta.

(283) Il-Kummissjoni tinnota li Mostostal irrikonoxxiet innuqqas ta' esperjenza tagħha fis-settur tal-bini tal-bastimenti u li l-intenzjoni attwali tagħha kienet li ssib sieħeb strateġiku biex jamministra l-attività tal-bini tal-bastimenti fit-tarzna. Għalkemm il-Kummissjoni kienet infurmata li Mostostal kienet fil-fatt qed tiddiskuti ma' xi imsieħba potenzjali ta' kooperazzjoni, ebda kooperazzjoni ma kienet stabbilita qabel ma kien imħejji l-pjan ta' ristrutturar sottomess lill-Kummissjoni. L-ittra ta' intenzjoni ma' Ulstein sempliċiment uriet li l-partijiet jinnegozjaw fuq jekk u liema kooperazzjoni kienet possibbli. Jista' jkun konklużż mill-pjan ta' ristrutturar rivedut sottomess fis- 7 ta' Lulju 2008, flimkien mal-ittra tal-intenzjoni, li Ulstein kienet qed tikkunsidra l-possibbiltà li tuża l-faċilitajiet ta' produzzjoni ta' SSN, mhux bħala proprjetarju iżda bħala parti minn relazzjoni kuntrattwali. Ebda wieħed minn dawn id-dokumenti ma wera li Ulstein kienet se tidħol fi sħubija ma' Mostostal għar-ristrutturar u l-amministrazzjoni tal-operazzjonijiet tal-bini ta' bastimenti ta' SSN. Dan iqajjem dubji serji rigward ir-riżultati assunti tal-projezzjonijiet ta' ristrutturar u finanzjarji, mill-inqas fir-rigward tal-bini tal-bastimenti, u għalhekk effettivament il-kunċett tad-diversifikazzjoni tan-negozju nnifsu, huwa kkonċernat.

(284) Il-programm ta' investiment inkluż fil-pjan u imħejji mill-amministratur tat-tarzna ma weriez li l-investimenti proposti kienu neċessarji biex jistabbilixxu mill-ġdid il-vijabbiltà tat-tarzna. Min-naħa l-oħra, il-Kummissjoni tinnota li madwar 60 % tal-investimenti previsti iservu biss għall-manteniment tal-valur tal-assi fissi tat-tarzna fuq il-livell tal-lum. Iktar importanti, il-pjan ta' ristrutturar rivedut sottomess fis- 7 ta' Lulju 2008 irrikonoxxa li konsulent estern kien qed jaħdem fuq programm ta' investiment għall-operazzjonijiet tal-bini tal-bastimenti, li juri li l-programm ta' investiment previst minn Mostostal ma jistax ikun ikkunsidrat bħala bażi kredibbli għall-projezzjonijiet finanzjarji ta' Mostostal jew, għalhekk, għall-istabbiliment mill-ġdid ta' vijabbiltà fit-tul. Il-Kummissjoni għalhekk tikkunsidra li ma kienx muri li l-programm ta' investiment propost kien wiesa' biżżejjed biex jistabbilixxi mill-ġdid il-vijabbiltà.

(285) Il-Kummissjoni tinnota wkoll li xi miżuri ta' ristrutturar importanti (ristrutturar organizzazzjonali, amministrazzjoni tal-provvisti u tal-istokks, ristrutturar tal-impjieg) kienu deskritti ġeneralment u l-pjan kien iktar bħala punt prinċipali li jservi bħala bażi għal xogħol ulterjuri analitiku li għandu jkun magħmul mill-investitur. Minkejja li l-fatt l-pjan identifika ċerta oqsma fil-bżonn ta' ristrutturar huwa evalwat b'mod pożittiv, il-livell ta' ġeneralità ma jippermettix lill-Kummissjoni biex tevalwa jekk il-miżuri ta' ristrutturar indirizzawx b'mod adegwat il-problemi tat-tarzna u skont liema ipoteżi u f'liema orizzont ta' żmien jistgħu jkunu implimentati.

(286) Rigward il-projezzjonijiet finanzjarji, il-pjan ma spjegax fid-dettall kif diversi miżuri ta' ristrutturar, inkluż investimenti u diversi miżuri li jiffrankaw l-ispejjeż u titjib tal-produttività konnessi setgħu jaffettwaw il-projezzjonijiet finanzjarji. Ma kien hemm ukoll ebda analiżi li tittestja s-sensittività ta' dawn il-projezzjonijiet għal diversi fatturi tar-riskju bħall-evoluzzjoni tas-suq, prezzijiet, spejjeż materjali, rati ta' skambju u pagi. Fin-nuqqas ta' deskrizzjoni dettaljata u ġustifikazzjoni tal-ipoteżi li huma l-bażi tal-projezzjonijiet finanzjarji, il-Kummissjoni tikkunsidra li l-kredibbiltà ta' dawn il-projezzjonijiet u s-saħħa tal-pjan tar-ristrutturar ma kienux murija. Dan huwa partikolarment importanti peress li l-investitur innifsu ddikjara li l-projezzjonijiet finanzjarji urew li l-profitabbiltà tal-investiment kien marġinali.

(287) Il-Kummissjoni fl-aħħar tinnota li l-investitur għamel is-suċċess tal-implimentazzjoni tal-pjan ta' ristrutturar kundizzjonali fuq għajnuna addizzjonali mill-istat. Anke b'din l-għajnuna addizzjonali mill-istat u l-intervenzjoni tal-investitur, id-dħul fuq l-ekwità fit-tmiem tal-perjodu ta' ristrutturar xorta jibqa' relattivament baxx, peress li opportunitajiet ta' investiment alternattivi, bħal bonds governattivi, jinvolvu dħul simili u inqas riskju, kif jirrikonoxxi l-investitur innifsu.

(288) Il-Kummissjoni għalhekk tikkunsidra li l-abbiltà tat-tarzna li tistabbilixxi l-vijabbiltà tagħha mill-ġdid fuq il-bażi tal-pjan ta' ristrutturar ta' Ġunju 2008 imħejji minn Mostostal ma kienx muri.

Il-pjan ta' ristrutturar ta' Settembru 2008

(289) Il-Kummissjoni tinnota li għalkemm il-pjan ta' ristrutturar sottomess f'Settembru 2008 huwa iktar żviluppat minn dak ta' Ġunju 2008, ħafna mid-dubji tal-Kummissjoni rigward is-saħħa u l-kredibbiltà tal-pjan għadhom japplikaw.

(290) Il-pjan ma jinkludix analiżi tas-suq kompluta għall-attivitajiet ippjanati kollha tas-suċċessuri ta' SSN. Deskrizzjoni limitata tas-suq biss hija ppreżentata għall-attività ppjanata ta' SSN Ulstein u SSN Nowa, u din id-deskrizzjoni ma tiddikjarax id-domanda proġettata għal jew il-profitabbiltà ta' din l-attività. Ebda pjan ta' negozju ma huwa ppreżentat għal SSN Odra u l-pjan ta' ristrutturar jindika biss li l-kumpanija tista' tibni ċertu tip ta' bastimenti, mingħajr ma jipprovdi ġustifikazzjoni suffiċjenti.

(291) Il-Kummissjoni tinnota li SSN Odra, li hija mistennija li tkompli l-attività tal-bini tal-bastimenti ta' SSN, tkun proprjetà totali ta' Mostostal, li m'għandhiex esperjenza fis-settur tal-bini tal-bastimenti. Ulstein, li l-involviment tagħha fil-proġett ta' ristrutturar kien mistenni li jintroduċi l-għarfien u l-esperjenza neċessarja fis-settur tal-bini tal-bastimenti, m'għandhiex l-intenzjoni li jkollha involviment finanzjarju f'SSN Odra.

(292) Fir-rigward ta' SSN Wspólna, il-Kummissjoni tinnota li skont il-pjan madwar 40 % tal-kapaċità tagħha għandha tkun użata jew minn kumpanija li għandha tkun stralċjata (SSN Nowa) jew minn kumpanija li m'għandhiex pjan ta' negozju (SSN Odra). Barra minn hekk, huwa assunt li l-kapaċità li jifdal ta' SSN Wspólna (9-17 elf tunnellata ta' azzar, jiġifieri 12-23 % tal-kapaċità tagħha) għandu jkun użat għal subkuntratti għal kumpaniji oħra, iżda s-suq, id-domanda u l-profitabbiltà immirati li jistgħu jkunu miksuba ma kienux analizzati.

(293) Għalhekk il-Kummissjoni tikkunsidra li l-pjan ta' ristrutturar tat-12 ta' Settembru għadu ma jurix il-kredibbiltà tal-istrateġija tan-negozju, b'mod partikolari fir-rigward tas-settur tal-bini tal-bastimenti.

(294) Fir-rigward tar-ristrutturar ppjanata tal-assi, il-Kummissjoni tinnota li l-pjan ma jippreżentax analiżi tal-bżonnijiet ta' investiment tat-tarzna jew ġustifikazzjoni tal-programm ta' investiment. Il-Kummissjoni tikkunsidra li l-investiment ippjanat ta' […] miljun PLN għar-rilokazzjoni ta' xi assi ta' produzzjoni sabiex tinħeles l-art huwa investiment ta' sostituzzjoni pjuttost milli modernizzazzjoni ġenwina tal-assi.

(295) Għalhekk l-ispejjeż tal-modernizzazzjoni ppjanata jammontaw biss għal 104 miljun PLN u l-investiment ta' modernizzazzjoni jkun magħmul f'SSN Mostostal, SSN Ulstein u SSN Wspólna. SSN Odra, li hija mistennija li tiġġenera kważi 50 % tad-dħul tal-kumpaniji suċċessuri kollha ta' SSN fil-futur, m'għandha tagħmel ebda investimenti u ma jkollhiex assi fissi. Il-Kummissjoni tinnota li l-pjan sottomess minn Mostostal f'Ġunju 2008 ppreveda investimenti ta' 264 miljun PLN. Peress li enda ġustifikazzjoni ma hija ppreżentata għal dan it-tnaqqis fil-programm ta' investiment (b'40 % meta kkumparat mal-pjan ta' Ġunju) u m'hemmx analiżi tal-bżonijiet ta' investiment tal-kumpaniji, il-Kummissjoni tikkunsidra li ma kienx muri li l-programm ta' investiment ippjanat huwa suffiċjenti biex jistabbilixxi mill-ġdid il-vijabbiltà fit-tul tal-operazzjonijiet.

(296) Ir-riżultati mistennija tal-miżuri ta' ristrutturar mhumiex deskritti u l-pjan ma jispjegax meta l-implimentazzjoni ta' dawn il-miżuri tipproduċi riżultati u jkollha impatt fuq il-prestazzjoni finanzjarja tal-kumpaniji. Barra minn hekk, il-pjan ma jiddeskrivix l-ipoteżi tal-projezzjonijiet finanzjarji fir-rigward tad-dħul u l-ispejjeż previsti. Dan il-fatturi jqajmu dubji dwar il-kredibbiltà tal-projezzjonijiet. Barra minn hekk l-analiżi tas-sensittività turi li SSN Mostostal, u b'mod partikolari SSN Odra, jibqgħu vulnerabbli ħafna għall-kundizzjonijiet tas-suq li jinbidlu. Id-dipprezzament tad- US dollar b'10 % iwassal għal tnaqqis fil-profitt akkumulat ta' 40 % għal SSN Mostostal u 83 % għal SSN Odra fis-snin 2009-2012 (l-analiżi għal SSN Odra ma tikkunsidrax il-politika tal-hedging). Barra minn hekk, il-pjan jassumi żieda ta' 10 % fil-prezzijiet tal-azzar twassal għal tnaqqis fil-profitt akkumulat ta' 40 % għal SSN Mostostal u 50 % għal SSN Odra. Il-Kummissjoni għalhekk tikkonkludi li l-pjan ma uriex li wara l-implimentazzjoni ta' politika tal-hedging soda s-sensittività tal-kumpaniji għal varjazzjonijiet fir-rati ta' skambju jew fil-prezzijiet tal-azzar ikunu fuq livell aċċettabbli.

(297) Fir-rigward tal-qligħ ippjanat fuq il-bejgħ, peress li l-pjan ma jiddeskrivix fuq liema bażi kienu stimati r-riżultati previsti fuq il-bejgħ (fit-termini ta' spejjeż operazzjonali, prezzijiet ta' bastimenti, il-profitabbiltà tan-negozju tal-kostruzzjoni tal-azzar, eċċ), il-Kummissjoni għandha tikkonkludi li ma kienx muri li r-riżultati proġettati huma bbażati fuq ipoteżi realisitiċi. Barra minn hekk, il-qligħ proġettat fuq il-bejgħ għal SSN Wspólna u SSN Biuro Projektowe huwa marġinali, kif inhu rikonoxxut fil-pjan ta' ristrutturar. Il-Kummissjoni ma tikkunsidrax li dan il-livell baxx ta' qligħ ikun suffiċjenti biex jippermetti lil dawn il-kumpaniji jikkompeti fis-suq mingħajr appoġġ mill-istat. Għalkemm il-pjan jiddikjara li SSN Wspólna u SSN Biuro Projektowe huma mistennija li jipprovdu servizzi għall-kumpaniji l-oħra, li allegatament jiġġustifika l-qligħ baxx ipproġettat fuq il-bejgħ, il-Kummissjoni tinnota li dawn suppost ikunu kumpaniji indipendenti u r-riżultati pproġettati dgħajfa tagħhom iqajmu dubji dwar il-vijabbiltà fit-tul tal-proġett kollu.

(298) Il-Kummissjoni għalhekk tikkonkludi li l-kredibbiltà tal-projezzjonijiet finanzjarji hija dubjuża u r-riżultati prġettati jiqgħu sensittivi ħafna għal tibdil fil-kundizzjonijiet tas-suq. Konsegwentement il-Kummissjoni tikkunsidra li s-saħħ tal-pjan ma kienx muri.

(299) Fuq il-bażi ta' dan, il-Kummissjoni tikkunsidra li l-abbiltà tat-tarzna li tistabbilixxi mill-ġdid il-vijabbiltà tagħha fuq il-bażi tal-pjan ta' ristrutturar tat-12 ta' Settembru 2008 ma kinitx murija. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tinnota li Ulstein irtirat mill-proċess ta' privatizzazzjoni ta' SSN, li jfisser li l-pjan ta' ristrutturar tat-12 ta' Settembru ma jistax ikunu implimentat taħt il-kundizzjonijiet assunt fil-pjan. Fi kwalunkwe każ l-evalwazzjoni ta' hawn fuq turi li anke jekk Ulstein kienet involuta fil-proġett jew jekk Mostostal kellha l-intenzjoni li timplimenta l-pjan ta' ristrutturar tat-12 ta' Settembru waħedha (kif annunċjat fl-ittra tagħha tat-22 ta' Settembru 2008), dan il-pjan ma jistax ikun ikkunsidrat li huwa suffiċjenti.

(300) Il-falliment tat-tentattivi ta' privatizzazzjoni jfisser li t-tarzna mhix kapaċi tikseb fit-termini tas-suq kapital suffiċjenti biex timplimenta l-pjan ta' ristrutturar tal-2006, aħseb u ara biex timplimenta l-istrateġija wiesa' ta' ristrutturar neċessarja li tiżgura l-vijabbiltà fit-tul tat-tarzna mingħajr il-bżonn għal appoġġ mill-istat kontinwu. Dan ifisser ukoll li SSN mhix kapaċi tikseb l-għarfien ta' amministrazzjoni u tas-suq neċessarju għar-ristrutturar tagħha.

(301) Fin-nuqqas ta' pjan ta' ristrutturar realistiku u wiesa, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-għajnuna mogħtija lil SSN u deskritta fil-parti 2.7 fuq imsemmija hija purament għajnuna ta' operazzjoni, u mhux għajnuna ta' ristrutturar li hija kumpatibbli mas-suq komuni.

3.3.3. GĦAJNUNA LIMITATA GĦAL MINIMU

(302) Skont il-punt 43 tal-Linji Gwida, l-ammont ta' għajnuna għandu jkunu limitat għall-minimu strett tal-ispejjeż ta' ristrutturar neċessarji sabiex jippermettu li tkun imwettqa ristrutturar. Il-benefiċjarju hu mistenni li jagħmel kontribuzzjoni sinifikanti għall-finanzjament tar-ristrutturar mir-riżorsi tiegħu jew minn finanzjament estern fit-termini tas-suq. Din il-kontribuzzjoni hija, minn naħa waħda, sinjal li s-suq jemmen fil-fattibiltà tal-istabbiliment mill-ġdid tal-vijabbiltà u, min-naħa l-oħra, mod ta' kif ikun żgurat li l-għajnuna mill-istat hija limitata għall-minimu. Fil-każ ta' intrapriżi kbar, bħal SSN, din il-kontribuzzjoni għandha mill-inqas tkun ta' 50 % tal-ispejjeż ta' ristrutturar.

(303) L-ewwel nett, jirriżulta mid-deskrizzjoni ta' hawn fuq tas-sitwazzjoni ta' SSN li t-tarzna bilkemm setgħet tiġbed finanzjament estern għar-ristrutturar tagħha.

Pjan ta' ristrutturar ta' Ġunju 2006

(304) Fir-rigward tal-kontribuzzjoni proprja, skont il-pjan ta' ristrutturar tal-2006 spejjeż ta' ristrutturar, inkluż spejjeż operazzjonali ikunu ta' 11 500 miljun PLN, filwaqt li l-kontribuzzjoni proprja proposta tkun ta' 3 600 miljun PLN, jiġifieri 30 %. Jekk l-ispejjeż operazzjoni jkunu esklużi mill-ispejjeż u l-finanzjament, l-ispejjeż ta' ristrutturar jammontaw għal 374,7 miljun PLN u l-kontribuzzjoni proprja tkun ta' 190 miljun PLN.

(305) Il-Kummissjoni kellha dubji dwar jekk l-aspettazzjoni talkisba ta' 190 miljun PLN fuq is-suq kinitx realistika. Ma kienx hemm indikazzjoni dak iż-żmien li SSN setgħet taqla' dan il-kapital fis-suq. Il-kontibuzzjoni proposta għalhekk ma tistax tkun ikkunsidrata attwali u reali kif jirrikjedu l-Linji Gwida. Fil-fatt, id-diversi tentattivi falluti minn KPS u ARP, l-ewwel li jiġbdu azzjonisti ta' minoranza u imbagħad li jbiegħu 100 % tal-ishma tat-tarzna, urew li s-suq mhux interessat li jinvesti f'SSN.

(306) Fir-rigward tal-finanzjament ta' operazzjonijiet, il-pjan ta' ristrutturar tal-2006 assuma li l-produzzjoni tkun ffinanzjata permezz ta' self kummerċjali u ħlas bil-quddiem tal-proprjetarji tal-bastimenti mhux garantiti minn KUKE, li l-valur totali tagħhom matul il-perjodu ta' ristrutturar 2002-2009 kellu jkun ta' 3 200 miljun PLN, meta kkumparat ma' 4 200 miljun PLN iffinanzjat minn garanziji KUKE. Għal darb' oħra, ma kienx hemm indikazzjoni dak iż-żmien li SSN tkun kapaċi tikseb dab il-finanzjament fuq is-suq. Il-kontribuzzjoni proposta fil-forma ta'self kummerċjali u garanziji għalhekk ma setgħetx tkun ikkunsidrata bħala attwali u reali, kif jirrikjedu l-Linji Gwida. Il-Kummissjoni fil-fatt tinnota li sallum t-tarzna ma kinitx kapaċi tikseb finanzjament tal-operazzjonijiet tagħha fuq is-suq minġhajr appoġġ mill-istat.

(307) Barra minn hekk il-pjan ta' ristrutturar tal-2006 issottometta li ħlas addizzjonali ta' 628,7 miljun PLN minn proprjetarji tal-bastimenti wara n-negozjazzjoni mill-ġdid ta' kuntratti għandu jkun ikkunsidrat bħala kontribuzzjoni proprja. Xi kuntratti fil-fatt kienu negozjati mill-ġdid. Il-Kummissjoni tindika li, skont il-Linji Gwida, il-kontribuzzjoni proprja għandha tkun sinjal li s-swieq jemmnu fil-fattibbiltà tal-istabbiliment mill-ġdid tal-vijabbiltà. Il-fatt li proprjetarji ta' bastimenti, meta jaffaċċjaw ir-riskju ta' nuqqas ta' kunsinna ta' bastimenti kuntrattati u skont fatturi esterni (bħal żieda fil-prezzijiet tal-azzar), huma lesti li jżidu l-prezz ta' bastimenti kuntrattati ma jurix li jemmnu fil-kapaċità tat-tarzna li ssir vijabbli u huma kapaċi jikkompetu fit-tul. Barra minn hekk, il-proprjetarji tal-bastiment ma ftehmux biex jagħmlu pagamenti addizzjonali biex ikopru l-ispejjeż tar-ristrutturar iżda biss (u sa ċerta grad biss) sabiex ikopru l-ispejjeż tal-produzzjoni tal-bastimenti kuntrattati. Għalhekk, il-Kummissjoni ma tistax taċċetta pagamenti addizzjonali minn proprjetarji tal-bastimenti bħala kontribuzzjoni proprja skont it-tifsira tal-Linji Gwida.

Pjan ta' ristrutturar ta' Ġunju 2008

(308) Il-pjan ta' ristrutturar ta' Ġunju 2008 m'għamilx titjib sostanzjali f'dan ir-rigward. Filwaqt li l-investitur impenja ruħu li jagħmel injezzjoni ta' 149,5 miljun PLN biex ikunu użati sabiex jiffinanzjaw parzjalment il-programm ta' investiment, huwa talab ukoll injezzjoni tal-kapital addizzjonali mill-Istat total ta' 588 miljun PLN u self ta' 68 miljun PLN minn ARP. L-investitur talab ukoll garanziji addizzjonali minn KUKE sabiex jiffinanzja l-kapital tax-xogħol.

(309) L-ispejjeż ta' ristrutturar li jistgħu jkunu identifikati fuq il-bażi tal-informazzjoni limitata inkluża fil-pjan ta' ristrutturar ta' Ġunju 2008 ikkorrispondew għal mill-inqas l-ammont previst meħtieġ sabiex ikopri telf mistenni fuq kuntratti eżistenti ta' bini ta' bastimenti għall-2008-2009 (588 miljun PLN) u għall-bżonnijiet ta' investiment previsti għall-perjodu 2008-2012 (264 miljun PLN).

(310) Ħafan minn dawn l-ispejjeż kellhom ikunu koperti minn għajnuna mill-istat. Effettivament, l-unika kontribuzzjoni proprja prevista mill-investitur kienet injezzjoni tal-kapital ta' 149,5 miljun PLN, li kkorrispondiet għal 17 % tal-ispejjeż ta' ristrutturar murija fuq. Skont il-prattika stabbilita ([1]), il-Kummissjoni tikkunsidra li l-fluss ta' flus futuri ma jistax ikun ikkunsidrat bħal kontribuzzjoni proprja skont it-tifsira tal-Linji Gwida, għax ma jirrappreżentax kontribuzzjoni attwali u reali tal-kumpanija jew tal-azzjonisti tagħha għall-kopertura tal-ispejjeż ta' ristrutturar. Barra minn hekk, il-Kummissjoni għandha tikkunsidra l-perjodu kollu ta' ristrutturar, li beda fl-2002. Skont l-għajnuna mill-istat sustanzjali li minnha t-tarzna ibbenefikat f'dan il-perjodu, il-kontribuzzjoni proprja hija mnaqqsa iktar fir-rigward tal-ispejjeż totali ta' ristrutturar. Huwa għalhekk ovvju li l-kontribuzzjoni proprja ma laħqitx assolutament il-50 % tal-ispejjeż ta' ristrutturar meħtieġa mil-Linji Gwida.

Il-pjan ta' ristrutturar ta' Settembru 2008

(311) Il-pjan ta' ristrutturar tat-12 ta' Settembru 2008 ma jtejjibx ukoll il-livell ippjanat tal-kontribuzzjoni proprja tal-ispejjeż ta' ristrutturar.

(312) Il-pjan ta' ristrutturar tat-12 ta' Settembru jipprovdi informazzjoni iktar dettaljata rigward l-ispejjeż ippjanati ta' ristrutturar u s-sorsi tal-finanzjament. L-ispejjeż ippjanati ta' ristrutturar jikkonsistu fi spejjeż ta' investiment (104 miljun PLN), l-ispejjeż ta' rilokazzjoni tal-assi ta' produzzjoni lejn żona oħra tat-tarzna (50 miljun PLN), ristrutturar tal-impjieg (53,4 miljun PLN), kopertura ta' telf futur fuq kuntratti eżistenti (840 miljun PLN) u kopertura tad-djun akkumulati tat-tarzna lill-ARP u KPS (197,5 miljun KPS) ([2]).

(313) L-ispejjeż ta' ristrutturar totali jammontaw għal 1,354 biljun PLN.

(314) Barra minn hekk, il-pjan jittratta r-rekwiżiti tal-kapital tax-xogħol ta' 227,6 miljun PLN bħala parti mill-ispejjeż ta' ristrutturar. Il-Kummissjoni tikkunsidra r-rekwiżiti tal-kapital tax-xogħol bħala li huma parti mill-operazzjoni normali ta' kumpanija , u mhux spiża ta' ristrutturar, u għalhekk il-finanzjament tagħhom għandu jkun evalwat separatament.

(315) Fir-rigward tal-kontribuzzjoni proprja, il-pjan jipprevedi l-kategoriji li ġejjin: pagamenti addizzjonali minn proprjetarji tal-bastimenti wara negozjazzjoni mill-ġdid tal-kuntratti (376 miljun PLN), injezzjonijiet tal-kapital minn investituri (242 miljun PLN), dħul mill-bejgħ tal-assi (118 miljun PLN) u l-finanzjament tal-kapital tax-xogħol (self u kreditu ta' negozju minn Mostostal għall-ammont ta' 170 miljun PLN).

(316) Rigward il-finanzjament tar-rekwiżiti tal-kapital tax-xogħol, il-Kummissjoni tikkunsidra li minħabba ċ-ċikli twal ta' produzzjoni u l-valur għoli tal-prodotti finali fis-settur tal-bini tal-bastimenti, il-finanzjament tal-kapital tax-xogħol huwa problema speċifika. Fil-bini tal-bastimenti, il-kapital tax-xogħol huwa fil-parti l-kbira miksub minn sorsi esterni. Parti mill-kapital tax-xogħol huwa miksub minn ħlas bil-quddiem minn proprjetarji tal-bastimenti, tipikament b'garanzija, li fil-Polonja hija ħafna drabi provduta minn KUKE. Peress li l-ħlas bil-quddiem ħafna drabi ma jaqbżux 80 % tal-prezz tax-xiri, it-tarzi jistgħu jirrikorru għal-self "bridge" jew kreditu ta' negozju mill-forniturі tagħhom. Il-Kummissjoni għalhekk tikkunsidra li, minħabba s-sitwazzjoni speċifika fis-settur tal-bini tal-bastimenti, rekwiżiti tal-kapital tax-xogħol jeħtieġu soluzzjoni strutturali u mhumiex parti mill-ispejjeż ta' ristrutturar ta' darba. Għalhekk, il-Kummissjoni tikkunsidta li fis-settur tal-bini tal-bastimenti self għall-kapital tax-xogħol ma jistax ikun ikkunsidrat bħala kontribuzzjoni proprja peress li jservi għall-finanzjament ta' operazzjonijiet kontinwi, u mhux spejjeż ta' ristrutturar.

(317) Kif spjegat fuq, il-Kummissjoni tikkunsidra li l-pagamenti addizzjonali mill-proprjetarji tal-bastimenti wara n-negozjazzjoni mill-ġdid tal-kuntratti sabiex jiżdied il-prezz tax-xiri ma jistgħux ikunu kkunsidrati bħala kontribuzzjoni proprja skont it-tifsira tal-Linji Gwida.

Bejgħ tal-assi

(318) Fir-rigward tad-dħul ippjanat mill-bejgħ ta' assi superfluwi ta' valur stimat ta' 118 miljun PLN, il-Kummissjoni tikkunsidra li ma kienx muri li dan is-sors ta' finanzament jista' jkun ikkunsidrat bħala attwali u reali.

(319) L-ewwel nett, skont l-abbozz tal-ftehim ta' privatizzazzjoni bejn ARP u KPS (il-proprjetarji kurrenti ta' SSN) u Mostostal, l-assi fuq imsemmija suppost għandhom ikunu mibjugħa minn Mostostal lil entità magħżula minn ARP u KPS għal mhux inqas minn 118 miljun PLN. Din l-ipoteżi tagħti raġunijiet għal tħassib, peress li tidher li tannoma għal garanzija mill-istat rigward il-qligħ minimu mill-bejgħ ta' dawn l-assi lil xerrej magħżul mill-Istat. Il-Kummissjoni għalhekk tiddubita jekk dan il-bejgħ potenzjali hux ħieled minn għajnuna mill-istat.

(320) Fit-tieni lok, l-evalwazzjoni tal-art kienet ibbażata fuq paragun mal-bejgħ tal-proprjetà f'żoni interessanti fir-reġjun ta' Szczecin, li għandhom ikunu ntużati għall-bini ta' appartamenti u l-provvista ta' servizzi, u mhux bħala żona industrijali. Jista' jidher minn din il-valutazzjoni li l-prezzijiet tal-art mibjugħa għal skopijiet industrijali jistgħu jkunu sa 10 darbiet iktar baxxi mill-ammonti assunti fil-valutazzjoni. Barra minn hekk, il-valutazzjoni tassumi li, qabel il-bejgħ, il-bini u l-installazzjonijiet eżistenti kollha jkunu mwaqqa' u l-art imnaddfa u preparata. Il-valutazzjoni tirrikonoxxi li din il-preparazzjoni tirrappreżenta ħlas. Ebda stima ta' dawn l-ispejjeż ma kienet provduta u l-pjan ta' ristrutturar ma jinkludi ebda informazzjoni f'dan ir-rigward ([3]).

([1]) Ara punt 43 tal-Linji Gwida.

([2]) Parti minn dawn ir-risponsabbiltajiet kienu skambjati għal ekwità f'Awwissu 2008 (131,5 miljun PLN; ara premessa 201) u parti għadha trid tkun imħallsa lura (66 miljun PLN).

([3]) Barra minn hekk, il-Kummissjoni tinnota li skont wieħed mill-annessi tal-pjan ta' ristrutturazzjoni tat-12 ta' Settembru 2008, li jippreżenta l- ipoteżi ġenerali tal-proċess ta' ristrutturazzjoni, il-valur ta' din l-art kien inizjalment stimat għal […] miljun PLN.

(321) Fit-tielet lok, il-Kummissjoni tiddubita jekk il-valur ta' dawn l-assi kienx rifless kif xieraq fil-karta tal-bilanċ ta' SSN u konsegwentement jekk kienx rifless kif xieraq fil-prezz li Mostostal tħallas għal SSN. Il-Kummissjoni tinnota li skont il-karta tal-bilanċ ta' SSN il-valur totali tal-assi fissi tat-tarzna fit-tmiem tal-2007 ammontaw għal […] miljun PLN. Madankollu, il-pjan jipprevedi li t-tarzna għandha tbiegħ l-assi ta' produzzjoni tagħha lill-kumpaniji l-ġodda (SSN Ulstein, SSN Mostostal u SSN Wspólna) bil-valur nominali tagħhom ta' […] miljun PLN u tbiegħ l-assi superfluwi lil terzi persuni b'valur tas-suq stimat ta' […] miljun PLN. Dan juri li jew il-valur tal-ktieb tal-assi huma stimat inqas milli hu jew id-dħul proġettat għall-bejgħ tagħhom huwa stimat iktat milli hu.

(322) Fl-aħħarnett, fit-tmiem tal-2007 il-valur nett tal-assi ta' SSN kien […] miljun PLN. Minn dak iż-żmien ARP u KPS wettqu skambju ta' dejn għal ekwità għall-ammont ta' 131,5 miljun PLN u injezzjoni tal-kapital ġdida ta' 434 miljun PLN hija ppjanata. Min-naħa l-oħra, it-telf proġettat dwar kuntratti eżistenti huwa ta' 465 miljun PLN. Fuq bilanċ, jidher li, jekk il-fatturi l-oħra kollha huma assunti li jibqgħu l-istess, meta takkwista SSN, Mostostal tkun qed tixtri assi ta' valur nett ta' […] miljun PLN pratikament b'xejn. Id-dħul kollu mill-bejgħ tal-assi suppost ikun użat mit-tarzna (jiġifieri SSN Nowa) għall-iskopijiet ta' ristrutturar (e.ż. għal ristrutturar tal-impjieg) u bħala kapital tax-xogħol għall-kompletezza tal-bastimenti fil-ktieb tal-ordnijiet kurrenti tagħha. Il-Kummissjoni għalhekk tikkonkludi li jidher li appoġġ addizzjonali mill-istat qed ikun mogħti lit-tarzna fil-kuntest tal-privatizzazzjoni tagħha fil-forma ta' trasferimnet ta' assi taħt il-valur tas-suq tagħhom ([1]). Permezz ta' tnaqqis tal-prezz tal-bejgħ tal-ishma minflok l-impenn tax-xerrej li jimplimenta l-miżuri tar-ristrutturar, l-Istati indirettament jiffinanzja dawn il-miżuri, Konsegwentament, il-Kummissjoni ma tistax taċċetta li l-bejgħ tal-assi, akkwistati mill-investitur taħt il-prezz tas-suq tagħhom, jista' jkun ikkunsidrat bħala kontribuzzjoni proprja ([2]).

(323) Għar-raġunijiet fuq imsemmija l-Kummissjoni tikkunsidra li ma kienx muri li d-dħul ippjanat mill-bejgħ ta' assi superfluwi għall-ammont ta' 118 miljun PLN jistgħu jkunu kkunsidrati bħala sors attwali u reali ta' finanzjament tal-ispejjeż ta' ristrutturar.

Injezzjonijiet tal-kapital minn investituri

(324) Fir-rigward tal-injezzjonijiet tal-kapital ippjanati minn investituri privati, il-Kummissjoni tikkunsidra li ma kienx muri li jistgħu fit-totalità tagħhom ikunu kkunsidrati bħala attwali u reali.

(325) L-ewwel nett, il-pjan ta' ristrutturar jippreveri li l-kontribuzzjoni finanzjarja totali minn Ulstein tkun ta' 114,9 miljun PLN. Madankollu, skont il-ftehim ta' kooperazzjoni preliminari bejn Mostostal u Ulstein, li kien sottomess lill-Kummissjoni – mhux iffirmat – fil-5 ta' Settemrbu, Ulstein impenjat ruħha li żżid il-kapital f'SSN Ulstein b'sa 52,5 miljun PLN (u mhux 67,3 miljun PLN, kif previst fil-pjan), f'SSN Wspólna b'sa 44,65 miljun PLN (filwaqt li l-pjan jipprevedi l-parteċipazzjoni ta' Ulstein għall-ammont ta' 47,5 miljun PLN) u f'SSN Biuro Projektowe b'sa 0,85 miljun PLN (il-pjan jipprevedi 0,1 miljun PLN). Għalhekk il-kontribuzzjoni totali li Ulstein impenjat ruħha li tagħmel fil-ftehim tammonta għal 98 miljun PLN, jiġifieri 16,9 miljun PLN inqas minn dawk previsti fil-pjan ta' ristrutturar.

(326) Fit-tieni nett, għalkemm il-pjan ta' ristrutturar jassumi li l-investituri għandhom jikkontribwixxu l-kapital tagħhom lit-tarzna, huwa jirrikonoxxi wkoll l-possibbiltà li Ulstein jista' jkollha bżonn tikseb finanzjament fis-suq. Ebda evidenza ma kienet sottomessa biex turi li Ulstein tkun tista' tiżgura dan il-finanzjament, li għalhekk ma jistax ikun ikkunsidrat bħala attwali u reali. Barra minn hekk, fil-laqgħa tal-10 ta' Settembru 2008 rappreżentati ta' Ulstein spjegaw li Ulstein ippjanat li tipprovdi kapital li jammonta għal 98 miljun PLN (jiġifieri skont il-ftehim ta' kooperazzjoni fuq deskritt), li minnhom 30 miljun PLN biss ikunu injezzjoni tal-kapital. Il-parti li jifdal tkun miksuba fis-suq. Ulstein spjegat li jekk ma tkuns kapaċi tikseb dan il-finanzjament fis-suq ma tagħmilx injezzjoni tal-kapital ([3]). Xejn minn dan ma huwa rifless fil-pjan, li jiddikara biss li jekk Ulstein tiffinanzjax il-proġett mir-riżorsi tagħha stess jew minn self estern jew le "ma jibdilx il-prinċipji u r-riżultati tal-attività operazzjonali tal-kumpanija u lanqas il-livell tal-kontribuzzjonijiet proprji tal-investituri."

([1]) Dan huwa simili għall-kawża Automobile Craiova (Kawża Nru 46/07), li fiha l-Kummissjoni kkonkludiet li skont il-proċess ta' privatizzazzjoni ta' Automobile Craiova l-awtoritajiet Rumenti imponew ċerti kundizzjonijiet fuq ix-xerrej (fir-rigward tal-impjieg minimu u l-livell ta' investiment fl-intrapriża mibjugħa) bi skambju għal tnaqqis fil-prezz tal-bejgħ, li kien jikkostitwixxi għajnuna mill-istat għall-benefiċċju tal-intrapriża mibjugħa.

([2]) Il-Kummissjoni tinnota li wara li tlesti l-kuntratti eżistenti u timplimenta l-miżuri ta' ristrutturazzjoni ppjanati, SSN Nowa hija mistennija li tkun stralċjata u jekk jibqa' flus żejda għandhom ikunu diviżi ugwalment bejn Mostostal u l-Istat. Il-Kummissjoni tikkunsidra li dan jista' l-iktar l-iktar iwassal għal tnaqqis fl-għajnuna mill-istat mogħtija taħt il-proċess ta' privatizzazzjoni, iżda ma jibdilx il-fatt li t-trasferiment tal-assi taħt il-valur tas-suq tagħhom kien "imniġġes" minn għajnuna mill-istat u għalhekk il-bejgħ tagħhom ma jistax iservi bħala kontribuzzjoni proprjat ħielsa minn għajnuna mill-istat.

([3]) Fil-laqgħa tal-10 ta' Settembru 2008 kien magħmul ċar li l-pjan ta' ristrutturazzjoni kien abbozzat minn Mostostal u mhux Ulstein. Ulstein kienet għadha lanqas rat l-abbozz mibgħut lill-Kummissjoni fit-3 ta' Settembru 2008, u kienet sorpriża meta semgħet li l-impenn tagħha tal-kapital kellu jkun ta' 114 miljun PLN.

(327) Fuq il-bażi ta' dan, il-Kummissjoni tikkonkludi li ma rċivietx biżżejjed assigurazzjonijiet dwar l-ammont li Ulstein lesta li tinvesti u dwar il-volontà tagħha li tinvesti mir-riżorsi tagħha stess f'każ ta' falliment li tikseb finanzjament estern. Il-Kummissjoni għalhekk tikkonkludi li miż-żieda tal-kapital ippjanata ta' 242 miljun PLN, 157,2 miljun PLN biss jista' jkun ikkunsidrat bħala attwali u reali. Barra minn hekk, l-irtirar ta' Ulstein mill-proċess ta' privatizzazzjoni, annunċjat fl-ittra tagħha tat-22 ta' Settembru, u l-informazzjoni li Mostostal tista' timplimenta l-pjan ta' ristrutturar tat-12 ta' Settembru waħedha tagħmel il-finanzjament previst fil-pjan iktar mhux sikur.

(328) B'konklużjoni, anke jekk ikunu kkunsidrati biss l-ispejjeż ta' ristruttrazzjoni li l-investitur ikollu jħallas (1,354 biljun PLN), il-kontribuzzjoni proprja li hija attwali u reali u ħielsa minn għajnuna mill-istat (157,1 miljun PLN) hija biss 12 %. Barra minn hekk, il-Kummissjoni għandha tikkunsidra l-perjodu kollu ta' ristrutturar, li jibda mill-2002. B'kunsiderazzjoni tal-għajnuna mill-istat sostanzjali li minnu t-tarzna bbenefikat f'dan il-perjodu, il-kontribuzzjoni proprja fir-rigward tal-ispejjeż ta' ristrutturar totali hija mnaqqsa iktar. Huwa għalhekk ovvju li l-kontribuzzjoni proprja ma tilħaqx assolutament il-limitu ta' 50 % tal-ispejjeż ta' ristrutturazjzoni meħtieġ mil-Linji Gwida.

(329) Il-Kummissjoni tinnota li wara l-irtirar ta' Ulstein mill-proċess ta' privatizzazzjoni u r-ristrutturar ta' SSN, Mostostal, fis-sottomissjoni tagħha tal-25 ta' Settembru 2008, kienet annessa ittra minn bank Kazakhstan ewlieni, BTA, rigward l-interess potenzjali tal-bank fil-proġett SSN. F'din l-ittra, il-bank iddikjara li jkun lest li jipprovdi finanzjament ta' 100 miljun USD għall-proġett SSN u talab lil Mostostal biex tibagħtli l-pjan ta' ristrutturar meta jkun approvat mill-Kummissjoni Ewropea. Il-Kummissjoni tinnota li l-ittra hija datata 26 ta' Ġunju 2008 u għalhekk ma tistax tirreferi għall-pjan ta' ristrutturar ta' Settembru 2008 iżda pjuttost tirreferi għall-pjan ta' Ġunju li m'għadux validu. Għalhekk il-Kummissjoni tikkunsidra li fin l-ittra ma tistax tkun prova ta' finanzjament attwali u reali tal-pjan ta' Settembru 2008. Fi kwalunkwe każ, anke jekk dan il-finanzjament kellu jkun ikkunsidrat bħala attwali u reali, anke l-analiżi biss tal-ispejjeż ta' ristrutturar ppjanati, l-kontribuzzjoni proprja tammonta għal mhux iktar minn 17 % tal-ispejjeż ta' ristrutturar ([1]), jiġifieri ħafna inqas minn dik meħtieġa mil-Linji Gwida.

(330) Fuq il-bażi ta' dan, il-Kummissjoni tinnota li fir-realtà t-tarzna ma kienet akkwistat pratikament ebda kontribuzzjoni skont it-tifsira tal-Linji Gwida, u fi kwalunkwe każ li l-kontribuzzjoni proprja ma kinitx sinifikanti. Barra minn hekk, il-pjan ta' ristrutturar sottomess minn Mostostal ma jiżgurax livell suffiċjenti ta' kontribuzzjoni proprja. Peress li l-kontribuzzjoni proprja għandu jkollha l-effett li żżomm il-livell tal-għajnuna mill-istat minima, fin-nuqqa ta' din il-kontribuzzjoni proprja il-Kummissjoni għandha tikkonkludi li r-rekwiżit li l-għajnuna hija limitata għall-minimu neċessarju mhux milħuq. Għall-kuntrarju ta' dan, il-pjan ta' ristrutturar ta' Mostostal huwa bbażat fuq l-ipoteżi li għajnuna mill-istat addizzjonali għandha tkun mogħtija u jiddikjara li l-implimentazzjoni tagħha jiddependi fuq din l-għajnuna mill-istat addizzjonali.

(331) Fuq il-bażi ta' dan il-Kummissjoni tikkonkludi li r-rekwiżit li l-għajnuna tkun limitata għall-minimu u akkompanjata minn kontribuzzjoni reali ħielsa minn għajnuna mill-istat mhux milħuq.

3.3.4. EVITAR TA' DISTORSJONI ŻEJDA TAL-KOMPETIZZJONI

(332) Il-Kummissjoni tfakkar il-ftehim preliminari tagħha mal-Polonja dwar l-għeluq tal-iskala Wulkan 1. Madankollu, fid-dawl ta' żviluppi ulterjuri wara dan il-ftehim, u fid-dawl tal-konklużjonijiet fuq imsemmija dwar l-ewwel żewġ kundizzjonijiet tal-Linji Gwida, l-evalwazzjoni ta' jekk il-miżuri kumpensatorji proposti mill-Polonja kienux suffiċjenti mhuwiex neċessarju f'dan l-istadju.

3.3.5 KONKLUŻJONI

(333) Il-Kummissjoni tikkonkludi li l-għajnuna mill-istat notifikata favur SSN ma tistax tkun iddikjarata kumpatibbli mas-suq komuni u għandha għalhekk tkun irkuprata.

4. **IMPLIMENTAZZJONI**

(334) L-element ta' għajnuna li jinstab fil-miżuri mogħtija lil SSN, ippreżentat fil-premessi 187-201 ta' din id-Deċiżjoni, għandu jkun irkuprat. Ġeneralment l-element ta' għajnuna li għandha tkun irkuprata, jiġifieri l-vantaġġ irċevut mill-benefiċjarju tal-għajnuna, huwa daqs id-differenza bejn it-termini li jistgħu jinkisbu mill-benefiċjarju fis-suq u t-termini li fuqhom il-miżura hija mogħtija.

(335) Ir-rati ta' referenza u ta' tnaqqis annunċjati mill-Kummissjoni huma applikati bħala sostituzzjoni għar-rata tas-suq għall-miżura tal-element ta' għajnuna, b'mod partikolari meta jkunu maħruġa f'ammonti żgħar, u għall-kalkolu tal-element ta' għajnuna li jirriżulta minn skemi ta' sussidju ta' interess ([2]). Fil-każ ta' kumpaniji fil-bżonn, bħal SSN, il-Kummissjoni tikkunsidra li r-rata ta' referenza għandha tkun miżjuda b'mill-inqas 400 punti bażi sabiex tirrifletti r-riskju għoli involut fit-transazzjoni

([1]) Jekk nassumu li 1 USD = 2,3 PLN.

([2]) Avviż tal-Kummissjoni dwar il-metodu tal-istabbiliment tar-rati ta' referenza u ta' tnaqqis (ĠU C 273, 9.9.1997, p. 3).

u permezz ta' 200 punti bażi addizzjonali minħabba n-nuqqas ta' kollaterali jew kollaterali dgħajfa offruta mill-benefiċjarju. Kif spjegat fuq, il-valur tal-kollaterali provduta mit-tarzna huwa kwestjonabbli minħabba l-proporzjoni tad-djun/assi tal-kumpanija. Fil-każ ta' kumpaniji fil-bżonn, meta l-kumpanija ma tistax tikseb finanzjament fis-suq, l-element ta' għajnuna jista' jammonta sa 100 % tal-valur nominali tal-fondi rċevuti ([1]).

(336) Il-Kummissjoni tikkunsidra li fil-perjodu analizzat, meta SSN kienet qed tirċievi l-għajnuna deskritta fil-premessi 187-201, kienet f'diffikultà finanzjarja serja (kif deskritt fil-premessi 45-57) u ma kinitx kapaċi takkwista finanzjament fis-suq. It-tarzna kompliet tagħmel telf u fil-perjodu analizzat ma kisbet virtwalment ebda finanzjament mis-suq. F'dawn iċ-ċirkustanzi operatur tal-ekonomija tas-suq ma jkunx lest li jipprovdi finanzjament lit-tarzna, minħabba r-riskju għoli involut. Konsegwentemwnt, il-Kummissjoni tikkunsidra li ebda bank ma kien jaqbel li jsellef lit-tarzna, anke fuq rati ta' interessi għolja, u ebda bank ma kien ikun lest li jagħti garanzija, anke fuq skambju ta' premjum ta' garanzija għoli.

Kalkolu tal-element ta' għajnuna għal kategoriji partikolari miżuri

Garanziji

(337) Peress li SSN ma kinitx se tirċievi self jew garanzija mis-suq, kwalunkwe self jew garanzija mogħtija lit-tarzna fil-perjodu analizzat awtomatikament jikkostitwixxi għajnuna. Għalhekk kwalunkwe garanziji li għadhom fis-seħħ għandhom ikunu mwaqqfa immedjatament u kwalunkwe self għandu jkun rimborsat immedjatament.

(338) Ir-rimbors ta' kwalunkwe self mogħti lit-tarzna madankollu mhux biżżejjed biex jistabbilixxi mill-ġdid is-sitwazzjoni inizjali peress li sad-data ta' rimbors it-tarzna kellha għad-dispożizzjoni tagħha finanzjament li kieku normalment ma kinitx tikseb mis-suq. Sabiex tkun stabbilita mill-ġdid is-sitwazzjoni inizjali, dan il-vantaġġ, li d-daqs tiegħu jista' jkun approssimat biss permezz tar-rata ta' interessi għal self riskuż ħafna, għandu għalhekk ikun irkuprat ukoll. Għalhekk, għall-perjodu li jibda mid-data li fiha kien mogħti s-self lit-tarzna sad-data li fiha t-tarzna tirrimborsah, il-Kummissjoni għandha tordna l-irkupru tad-differenza bejn ir-rata ta' interessi attwalment imħallsa minn SSN u rata ta' interessi teoretikament adegwata għal self li jippreżenta riskju għoli ħafna. Sabiex tkun determinata r-rata ta' interess imsemmija l-aħħar, il-Kummissjoni tinnota li l-avviż tal-Kummissjoni dwar il-metodu għall-istabbiliment tar-rati ta' referenza u ta' tnaqqis jindika li l-premjum tar-riskju jista' jkun ta' iktar minn 400 punti bażi iktar mir-rata ta' referenza "jekk ebda bank privat ma jaqbel li jagħti s-self relevanti", li hija s-sitwazzjoni f'dan il-każ. F'diversi deċiżjonijiet il-Kummissjoni sabiex li premjum ta' 600 punti bażi iktar mir-rata ta' regerenza kien minimu xieraq biex jirrifletti is-sitwazzjoni ta' riskju għoli ([2]). Il-Kummissjoni tikkunsidra li dan jikkostitwixxi l-mimimu għas-self f'dan il-każ.

Garanziji ta' ħlas bil-quddiem

(339) Fir-rigward ta' garanziji, il-Kummissjoni għandha tuża l-istess approċċ: għall-perjodu mid-data li fiha kienet mogħtija l-garanzija sad-data tat-tmiem tagħha, il-Kummissjoni għandha tordna l-irkupru tal-għoti tal-għajnuna ekwivalenti inkluża fil-garanzija.

(340) Fir-rigward tal-garanziji, il-Kummissjoni tikkunsidra li, kif spjegat fl-Avviż tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat KE għal għajnuna mill-istat fil-forma ta' garanziji ([3]), l-għoti tal-għajnuna ekwivalenti hija daqs jew is-sussidju ta' interess miksub mill-garanzija (meta l-garanzija tkopri self mogħti b'rata ta' interess iktar baxx mis-suq) jew il-fattur tar-riskju fuq is-somma garantita mingħajr il-premjums imħallsa mill-benefiċjarju.

(341) Madankollu, fil-każ ta' garanziji għal ħlas bil-quddiem, il-Kummissjoni tinnota li ħlas bil-quddiem garantit minn KUKE huwa aspett ta' kuntratt ta' bejgħ, mhux ta' kuntratt ta' self, u ebda interess ma jkun impost fuq ħlas bil-quddiem. Għalhekk il-Kummissjoni tikkunsidra li sabiex tikkalkola l-element tal-għajnuna rċevuta mill-benefiċjarju, għandu jkun ikkunsidrat paragun bejn il-premjums imħallsa mit-tarzna u dawk li normalment ikunu imposti fis-suq. Il-Kummissjoni tikkunsidra li l-premjums imposti taħt l-iskema ħielsa-minn-għajnuna-mill-istat li biha KUKU topera l-programm tagħha ta' assigurazzjoni għall-esportazzjoni garantita mit-Teżor tal-Istat, approvata mid-deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-18 ta' Lulju 2007, tista' sservi bħala l-premjums ta' referenza għall-kalkolu fuq imsemmi. Għal darb'oħra, dawn il-premjumx hemm bżonn li jkunu miżjuda b'mill-inqas 400 punti bażi sabiex jirriflettu l-fatt li t-tarzna ma kinitx eliġibbli li tirċievi garanziji taħt l-iskema. Il-provvediment ta' garanziji lit-tarzna għalhekk kien jinvolvi riskju kunsiderevolment ogħla.

(342) Kif spjegat fuq, peress li t-tarzna ma tkunx tista' tikseb garanziji fis-suq minħabba s-sitwazzjoni finanzjarja prekarja tagħha, il-garanziji KUKE għandhom ikunu terminati immedjatament sabiex titwaqqaf id-distorsjoni tal-kompetizzjoni kkawżata mill-għajnuna.

([1]) Ara per eżempju l-Avviż tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat KE għal għajnuna mill-istat fil-forma ta' garanziji (2000/C 71/07), ĠU C 71, 11.3.2000 p. 14. Punt 3.2 tal-avviż jiddikjara li fejn, meta jkun mogħti s-self, jkun hemm probabbiltà qawwija li min jissellef se jfalli, e.ż. għax jinstab f'diffikultà finanzjarja, il-valur tal-garanzija jista' jkun għoli daqs l-ammont effettivement kopert mill-garanzija.

([2]) Premessa 68 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/827/KE tas-16 ta' Ġunju 2004 dwar il-miżuri implimentati minn Spanja għal Siderùrgica Añón SA (ĠU L 311, 26.11.2005, p. 22); premessa 42 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/284/KE tal-11 ta' Diċembru 2002 dwar l-għajnuna mill-Istat implimentata minn Spanja għal Sniace SA (ĠU L 108, 30.4.2003, p. 35).

([3]) Ibidem.

Nuqqas ta' infurzar ta' djun

(343) In-nuqqas ta' infurzar kontinwu ta' djun mill-awtoritajiet pubbliċi jikkostitwixxi wkoll għajnuna mill-istat u għandu jkun ikkunsidrat ([1]). Dan huwa simili għal self li jiġġedded mogħti fuq kundizzjonijiet preferenzjali u għalhekk l-għajnuna tikkorrispondi għad-differenza bejn l-interessi li jkunu imposti mis-suq (għal kumpanija ta' livell simili f'sitwazzjoni finanzjarja u ekonomika simili u b'kollaterali simili) u l-interess impost mill-entità li tagħti l-għajnuna.

(344) Il-Kummissjoni tikkunsidra li, b'kunsiderazzjoni tas-sitwazzjoni prekarja finanzjarja kontinwa tat-tarzna, kreditur f'ekonomija tas-suq jenforza l-klejms tiegħu immedjatament meta jkunu dovuti. Għalhekk, il-fatt li l-awtortiajiet Pollakki ma ħadux miżuri ta' infurzar immedjatament kien jikkostitwixxi l-għoti ta' għajnuna u għalhekk id-data ta' maturità ta' kwanlunkwe dejn mhux imħallas tkun id-data li fiha ingħatat l-għajnuna. L-element tal-għajnuna jkun daqs id-differenza bejn l-interessi li jkunu imposti fis-suq (għal kumpanija ta' livell simili f'sitwazzjoni finanzjarja u ekonomika simili u b'kollaterali simili) u l-interessi imposti mill-awtoritajiet.

(345) Peress li kwalunkwe operatur f'ekonomija tas-suq jeħtieġ ħlas lura immedjat tad-djun mit-tarzna, għandu jkun imħallas lura mhux biss l-element tal-għajnuna li ġej minn interessi insuffiċjenti iżda wkoll id-djun akkumulati għandhom ikunu mħallsa lura immedjatament.

Injezzjonijiet tal-kapital

(346) Il-Kummissjoni tinnota li injezzjonijiet tal-kapital mill-Istat jew minn entitajiet kkontrollati mill-istat, bħal ARP u KPS, f'kumpaniji fil-bżonn, meta ebda qligħ ma jista' jkun mistenni fil-ħin tal-injezzjoni, huma kkunsidrati bħala għotjiet li ma jitħallsux lura ([2]). Sabiex titneħħa d-distorsjoni tal-kompetizzjoni kkawżata mill-injezzjoni tal-kapital, it-tarzna jkollha tħallas lura l-ammont totali tal-injezzjoni tal-kapital.

Implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni

(347) F'ittra tat-3 ta' Novembru 2008, il-Polonja impenjat ruħha li timplimenta din id-Deċiżjoni billi tbiegħ l-assi tat-tarzna fuq prezz tas-suq permezz ta' proċedura ta' sejħa għall-offerti miftuħa, trasparenti, bla kundizzjonijiet u mhux diskriminatorja (imwettqa skont il-kundizzjonijiet speċifiċi l-ewwel stabbiliti fl-ittra tal-Kummissjoni tas-27 ta' Ottubru 2008) u permezz tal-istralċ ta'SSN. Il-klejms kollha ta' irkupru tal-għajnuna mill-istat skont din id-Deċiżjoni għandhom ikunu reġistrati mill-Polonja mingħajr dewmien fil-proċedura ta' likwidazzjoni ta' SSN. Permezz ta' ittra tas-6 ta' Novembru 2008 il-Kummissjoni infurmat lill-Polonja li, kemm-il darba dawn il-kundizzjonijiet ikunu milħuqa, il-bejgħ tal-assi ma jinvolvix għajnuna ġdida lix-xerrej(ja) tal-assi tat-tarzni u l-assi jistgħu jkunu trasferiti lix-xerrej(ja) ħielsa minn kwalunkwe responsabbiltà li tirrigwarda r-rimbors ta' għajnuna mill-istat illegali u inkumpatibbli mogħtija lit-tarzna fil-passat, skont ir-rekwiżit li ma jkunx hemm kontinwità ekonomika bejn il-benefiċjarji tal-għajnuna u l-attività tax-xerrejja ([3]). Il-Kummissjoni għandha tissorvelja mill-qrib jekk il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-ittra tal-Kummissjoni tas-27 ta' Ottubru 2008 u aċċettati mill-awtoritajiet Pollakki humiex milħuqa sabiex tevalwa jekk din id-Deċiżjoni hija implimentata korrettament jew le.

(348) Dawn il-kundizzjonijiet, li għalihom il-Polonja impenjat ruħha espliċitament, huma kif ġej.

(349) L-assi (mingħajr djun) għandhom ikunu privatizzati permezz ta' proċedura ta' sejħa għall-offerti miftuħa, trasparenti, bla kundizzjonijiet u mhux diskriminatorja. SSN, bl-assi u d-djun li jifdal, għandha tkun stralċjata.

(350) L-assi għandhom ikunu mibjugħa bil-prezz tas-suq (lil dak li jagħmel l-ogħla offerta). L-assi għandhom ikunu mibjugħa separatament jew f'numri kbar ta' gruppi żgħar, definiti b'dan il-mod sabiex il-qligħ tal-bejgħ ikun massimizzat. Dawn il-gruppi m'għandhomx jikkonsistu f'partijiet organizzati ta' intraprizà jew kumpanija. Madankollu, din id-definizzjoni tal-gruppi mhix maħsuba biex tipprevjeni lix-xerrejja potenzjali milli jippreżentaw offerta konġunta għal diversi assi/gruppi.

(351) Is-sejħa għall-offerti m'għandhiex tkun diskriminatorja, jiġifieri għandha tiżgura li l-bejgħ huwa miftuħ għall-kategoriji kollha tax-xerrejja potenzjali, mingħajr ebda diskriminazzjoni rigward l-iskop tal-investiment tagħhom.

(352) Ebda kundizzjonijiet (bħall-manteniment tal-impjieg jew tal-attività, jew ix-xiri ta' kuntratti eżistenti) ma jistgħu jkunu annessi mas-sejħa għall-offeri. Il-kriterju uniku għall-għażla tal-offerti li tintagħżel għandu jkun il-massimizzazzjoni tad-dħul għall-benfiċċju tal-krediturі tat-tarzna.

(353) Il-krediturі tat-tarzna, pubbliċi u privati, inkluż il-klijenti tat-tarzna, għandhom iżommu l-istess klassifika u drittijiet rigward il-qligħ mill-bejgħ tal-assi daqs li kieku jagħmlu fi proċedura ta' falliment.

([1]) Ara per eżempju d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-23 ta' Ottubru 2007 dwar għajnuna mill-istat Nru C 23/06 li l-Polonja implimentat għall-produttur tal-azzar Technologie Buczek Group (għadha mhix ippubblikata).

([2]) Ara per eżempju d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/652/KE tal-20 ta' Ottubru 2004 dwar Għajnuna mill-Istat C 38/03 implimentata minn Spanja (għajnuna ta' ristrutturazzjoni ulterjuri għat-tarzni pubbliċi Spanjoli) (ĠU L 240, 16.9.2005 p. 45).

([3]) Ara Kawża C-277/00 *Il-Ġermanja* v *Il-Kummissjoni* ("*SMI*") [2004] Ġabra I-3925 u Kawżi C-328/99 u C-399/00 *L-Italja u SMI 2 Multimedia Spa* v *Il-Kummissjoni* [2003] Ġabra I-4035.

(354) Ebda għajnuna mill-istat ġdida ma tista' tkun mogħtija fil-kuntest tal-bejgħ, kemm fil-forma ta' tneħħija mill-kotba tal-kontabbiltà jew ta' ħlas lura ffinanzjat mill-istat ta' responsabbilitajiet pubbliċi legali jew kredituri privati, injezzjonijiet tal-kapital, self, garanziji jew miżuri oħra. Kwalunkwe responsabbiltajiet pubbliċi ġodda akkumulati matul il-perjodu taż-żmien strettament neċessarji għat-twettiq tal-proċedura tal-bejgħ għandhom ikunu mitluba lura mill-assi tal-likwidazzjoni.

(355) Il-bejgħ għandu jkun imwettaq minn amministratur indipendenti, bi drittijiet u obbligizzjonijiet simili għal dawk ta' riċevitur tal-falliment. Għandha tkun maħluqa struttura li tippermetti lill-kredituri biex jissorveljaw il-bejgħ effettivament u jiżguraw li jkun imwettaq bit-termini tas-suq u li l-klassifikazzjoni u d-drittijiet tagħhom rigward il-qligħ mill-bejgħ ikunu rispettati. Barra minn hekk, il-Polonja u l-Kummissjoni għandhom jaħtru konġuntament trustee ta' sorveljanza, bir-rwol speċifiku li jassisti lill-Kummissjoni fil-verifika li l-proċess tal-bejgħ u l-irkupru tal-għajnuna jseħħu b'konformità sħiħa mar-rekwiżiti fuq indikati. Għal dan l-għan, it-trustee ta' sorveljanza għandu jissottometti rapporti regolari, dettaljati lill-Kummissjoni dwar kull stadju tal-proċedura.

(356) Il-Polonja ssottomettiet li għandha bżonn tieħu azzjoni leġiżlattiva biex timplimenta din id-Deċiżjoni. Il-Kummissjoni tirrikonoxxi li perjodu ta' implimentazzjoni itwal minn dak normalment preskritt huwa għalhekk meħtieġ, b'kunsiderazzjoni wkoll tan-numru ta' miżuri individwali ta' għajnuna mill-istat kkonċernati minn din id-Deċiżjoni u l-forom u dewmien differenti tagħhom. Il-Kummissjoni għalhekk titlob lill-Polonja biex timplimenta din id-Deċiżjoni fi żmien seba' xhur mid-data ta' notifika ta' din id-Deċiżjoni,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-għajnuna mill-istat deskritta fil-premessi 187-201, li kienet mogħtija illegalment lil SSN mill-Polonja li tikser l-Artikolu 88(3) tat-Trattat KE, mhix kumpatibbli mas-suq komuni.

Barra minn hekk, kwalunkwe garanziji ta' ħlas bil-quddiem mogħtija lil SSN mill-Polonja li jiksru l-Artikolu 88(3) tat-Trattat KE mill-1 ta' Lulju 2007 sad-data ta' din id-Deċiżjoni mhumiex kumpatibbli mas-suq komuni.

Artikolu 2

Fir-rigward ta' self akkwistat minn diversi entitajiet pubbliċi kif deskritti fil-premessi 187-201, il-Polonja għandha tirkupra għajnuna daqs id-differenza, għall-perjodu bejn l-għoti u r-rimbors tas-self, bejn ir-rata ta' interess attwalment imħallsa minn SSN u r-rata ta' interess li biha l-benefiċjarju seta' jikseb is-self fis-suq. Barra minn hekk, jekk xi self ma jkunx rimborsat saż-żmien ta' din id-Deċiżjoni, għandu jkun rimborsat immedjatament.

Artikolu 3

Fir-rigward tal-garanziji ta' ħlas bil-quddiem mogħtija minn KUKE kif deskritti fil-premessi 187-201, il-Polonja għandha tirkupra għajnuna daqs id-differenza, għall-perjodu bejn l-għoti u l-iskadenza tal-garanzija, bejn il-premjum tal-garanzija mogħti mill-benefiċjarju u l-premjum tal-garanzija li bih il-benefiċjarji seta' jikseb il-garanzija fis-suq. Barra minn hekk, jekk xi waħda minn dawn il-garanziji hija attivi fiż-żmien ta' din id-Deċiżjoni, għandha tkun imwaqqfa immedjatament.

Artikolu 4

L-Artikolu 3 japplika wkoll, *mutatis mutandis*, għal kwalunkwe garanziji ta' ħlas bil-quddiem mogħtija lil SSN mill-Polonja li jiksru l-Artikolu 88(3) tat-Trattat KE mill-1 ta' Lulju 2007 sad-data ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 5

Fir-rigward tar-risponsabbiltajiet mhux infurzati lil diversi entitajiet pubbliċi kif deskritti fil-premessi 187-201, il-Polonja għandha tirkupra għajnuna daqs id-differenza, għall-perjodu bejn l-għoti tal-għajnuna u r-rimbors tar-responsabbiltà pubblika, bejn ir-rata ta' interessi attwalment imħallsa minn SSN u rata ta' interess li biha l-benefiċjarju seta' jikseb posponiment tal-maturità tar-responsabbiltajiet tiegħu minn kreditur tal-ekonomija tas-suq. Barra minn hekk, kwalunkwe repsonsabbiltajiet pubbliċi li jifdal għandhom ikunu mħallsa immedjatament.

Artikolu 6

Fir-rigward ta' injezzjonijiet tal-kapital minn diversi entitajiet pubbliċi kif deskritti fil-premessi 187-201, il-Polonja għandha tirkupra għajnuna daqs l-ammont totali tal-injezzjoni tal-kapital.

Artikolu 7

1. Il-Polonja għandha tirkupra l-għajnuna mill-benefiċjarju kif stabbilit fl-Artikoli 2 sa 6. L-għajnuna għandha tkun irkuprata skont il-Linji Gwida spjegata fil-premessi 334-347.

2. Is-somom li għandhom ikunu rkuprati għandu jkollhom interessi mid-data li fihom kienu mqiegħda għad-dispożizzjoni ta' SSN sa l-irkupru attwali tagħhom.

3. L-interess għandu jkun ikkalkulat fuq bażi komposta skont il-Kapitolu V tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 794/2004 [1] u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 271/2008 [2] li jemenda r-Regolament (KE) Nru 794/2004.

4. Il-Polonja għandha tikkanċella l-pagamenti kollha li jifdal tal-għajnuna msemmija fl-Artikolu 1 b'effett mid-data ta' notifika ta' din id-Deċiżjoni.

[1] ĠU L 140, 30.4.2004, p. 1.
[2] ĠU L 82, 25.3.2008, p. 1.

Artikolu 8

1. L-irkupru tal-għajnuna msemmija fl-Artikolu 1 għandu jkun immedjat u effettiv.

2. Il-Polonja għandha tiżgura li din id-Deċiżjoni tkun implimentata fi żmien seba' xhur mid-data ta' notifika ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 9

1. Fi żmien xahrejn tan-n-notifika ta' din id-Deċiżjoni, il-Polonja għandha tissottometti l-informazzjoni li ġejja lill-Kummissjoni:

a) l-ammont totali (interess prinċipali u ta' rkupru) li għandu jkun irkuprat mill-benefiċjarju;

b) deskrizzjoni dettaljata tal-miżuri diġà meħuda u ppjanati li jkunu konformi ma' din id-Deċiżjoni;

c) dokumenti li juru li l-benefiċjarju kien ordnat li jħallas l-għajnuna lura;

d) evidenza li l-garanziji kollha ta' ħlas bil-quddiem li għadhom attivi kienu mwaqqfa.

2. Il-Polonja għandha żżomm lill-Kummissjoni infurmata dwar miżuri sussegwenti nazzjonali meħuda għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni sakemm ikun komplut l-irkupri tal-għajnuna msemmija fl-Artikolu 1.

Meta l-Kummissjoni teħtieġ dan il-Polonja għandha immedjatament tissottometti informazzjoni dwar il-miżuri diġà meħuda u ppjanati biex ikun hemm konformità ma' din id-Deċiżjoni.

Hija għandha tipprovdi wkoll informazzjoni dettaljata rigward l-ammonti ta' għajnuna u ta' interess ta' rkupru diġà rkuprati mill-benefiċjarju.

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Polonja.

Magħmul fi Brussell, 6 ta' Novembru 2008.

Għall-Kummissjoni

Neelie KROES

Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

INFORMAZZJONI RIGWARD L-IMPLIMENTAZZJONI TA' DIN ID-DEĊIŻJONI

1. **Kalkolu tal-ammont li għandu jkun irkuprat**

1.1. Jekk jogħġbok ipprovdi dettalji tal-ammont ta' għajnuna mill-istat illegali li kienet imqiegħda għad-dispożizzjoni tal-benefiċjarju:

Data(dati) (*)	Ammont ta' għajnuna (**)	Munita

(*) Data(dati) li fiha (pagamenti individwali ta') l-għajnuna kienet (kienu) imqiegħda għad-dispożizzjoni tal-benfiċjarju
(**) Ammont ta' għajnuna mqiegħda għad-dispożizzjoni tal-benefiċjarju (f'ekwivalenti gross tal-għajnuna)

Kummenti:

1.2. Jekk jogħġbok spjega fid-dettall kif l-interess li għandu jkun imħallas fuq l-ammont ta' għajnuna li għandha tkun irkuprata għandu jkun ikkalkulat.

2. **Miżuri ppjanati u diġà meħuda biex tkun irkuprata l-għajnuna**

2.1. Jekk jogħġbok spjega fid-dettall liema miżuri huma ppjanati li liema diġà miżuri diġà kienu meħudha sabiex iseħħ irkupru immedjat u effettiv tal-għajnuna. Jekk jogħġbok indika wkoll fejn relevanti l-bażi legali tal-miżuri meħudha/ppjanati.

2.2. X'inhi l-iskeda għall-proċess ta' rkupru? Meta jkun lest l-irkupru tal-għajnuna?

3. **Irkupru diġà mwettaq**

3.1. Jekk jogħġbok ipprovdi d-dettalji li ġejjin dwar l-ammonti ta' għajnuna li kienu rkuprati mill-benefiċjarju:

Data(dati) (*)	Ammont ta' għajnuna li għandha tkun imħallsa lura	Munita

(*) Data(dati) li fiha l-għajnuna kienet imħallsa lura.

3.2. Jekk jogħġbok hemeż prova tal-ħlas lura tal-ammonti tal-għajnuna speċifikati fit-tabella taħt punt 3.1 fuq imsemmi.